ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 235

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 54**

**10 ta' Settembru 2011**

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

2011/526/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2010 dwar għajnuna mill-istat C 32/09 (ex NN 50/09) implimentata mill-Ġermanja għar-ristrutturar ta' Sparkasse KölnBonn** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 6470)* (1) ........ 1

2011/527/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2011 dwar l-għajnuna mill-Istat C 7/10 (ex CP 250/09 u NN 5/10) implimentata mill-Ġermanja Skema għar-riport ta' telf ta' taxxa fil-każ tar-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà ("*Sanierungsklausel*")** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 275)* (1) ........ 26

2011/528/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2011 dwar miżura ta' għajnuna mill-Istat C 24/09 (ex N 446/08) – Għajnuna mill-Istat lin-negozji konċentrati fl-enerġija skont l-Att dwar l-Enerġija Ekoloġika fl-Awstrija** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1363)* (1) ........ 42

**Prezz: EUR 4**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-29 ta' Settembru 2010**

**dwar għajnuna mill-istat C 32/09 (ex NN 50/09) implimentata mill-Ġermanja għar-ristrutturar ta' Sparkasse KölnBonn**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 6470)*

**(It-test Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/526/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-Istati Membri u partijiet interessati oħra sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont dawk id-dispożizzjonijiet [1],

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Il-Ġermanja nnotifikat il-miżuri fil-21 ta' Ottubru 2009.

(2) Bid-Deċiżjoni tal-4 ta' Novembru 2009 [2] ("id-Deċiżjoni ta' ftuħ"), il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni ta' Sparkasse KölnBonn ("il-Bank") ikkostitwew għajnuna mill-istat u qajmu dubji dwar jekk il-miżuri provduti lil Sparkasse KölnBonn jistgħux ikunu kompatibbli mas-suq intern b'mod konformi mal-Artikolu 107(3) TFUE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet is-sottomissjoni ta' pjan ta' ristrutturar mill-awtoritajiet Ġermaniżi.

(3) Fis-6 ta' Jannar 2010 id-deċiżjoni ta' ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u partijiet interessati intalbu jissottomettu l-kummenti tagħhom.

(4) Fil-11 ta' Frar 2010 l-Ġermanja ssottomettiet pjan ta' ristrutturar li ġie diskuss f'sensiela ta' laqgħat u telekonferenzi matul il-perjodu ta' Diċembru 2009 sa Settembru 2010.

(5) Il-Ġermanja ssottomettiet aktar informazzjoni u aġġornamenti għall-pjan ta' ristrutturar fil-15 ta' Jannar, l-10, it-12 u l-24 ta' Frar, l-10 u s-26 ta' Marzu, il-21 u t-28 ta' Mejju, it-8 u l-11 ta' Ġunju, it-23 ta' Lulju, u l-10 u t-23 ta' Awwissu 2010. Il-verżjoni finali tal-pjan ta' ristrutturar ġiet sottomessa fl-1 ta' Settembru 2010.

### 2. DESKRIZZJONI TAL-BENEFIĊJARJU

(6) Sparkasse KölnBonn huwa bank tat-tfaddil Ġermaniż. Ġie mwaqqaf fil-forma attwali tiegħu fl-2005 bħala riżultat tal-fużjoni ta Stadtsparkasse Köln u Sparkasse Bonn, li s-sidien tagħhom ("Träger", istituzzjonijiet pubbliċi responsabbli, minn hawn 'il quddiem "is-sid") kienu, il-bliet ta' Cologne u Bonn rispettivament. Il-belt ta' Cologne għandha sehem indirett ta' 70 % fil-bank il-ġdid, il-belt ta' Bonn 30 %. Sussegwentament għal din il-fużjoni r-rwol ta' sid ta' Sparkasse KölnBonn huwa eżegwit mill-assoċjazzjoni *Zweckverband Sparkasse KölnBonn* ("Zweckverband"). Iz-Zweckverband, li hija inkorporata taħt il-liġi pubblika, hija assoċjazzjoni bi skop speċjali. L-uniċi parteċipanti fiz-Zweckverband huma l-belt ta' Cologne (70 %) u l-belt ta' Bonn (30 %).

(7) Fi tmiem l-2008 Sparkasse KölnBonn kien it-tieni l-akbar bank tat-tfaddil fil-Ġermanja b'karta tal-bilanċ ta' EUR 31 biljun. F'dan l-istadju, Sparkasse KölnBonn kien klassifikat bħala Aa2 minn Moody's. Din il-klassifikazzjoni tbiddlet għal A1 fil-15 ta' Marzu 2010.

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Każ C 32/09 (ex NN 50/09), *Ristrutturar ta' Sparkasse KölnBonn* (ĠU C 2, 6.1.2010, p. 13).
[2] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

(8) Sparkasse KölnBonn jipprovdi servizzi bankarji għall-klijenti fil-livell tal-konsumaturi (*Privatkundengeschäft*) u klijenti korporattivi (*Firmenkundengeschäft*). Il-Bank għandu enfasi reġjonali, attiv fil-finanzjament ta' proġetti u swieq finanzjarji (*Kapitalmarktgeschäft*), kif ukoll f'attivitajiet oħra finanzjarji bħal ġestjoni ta' assi.

(9) Il-Bank huwa attiv biss fir-reġjun ta' Cologne-Bonn, fejn kellu sehem tas-suq ta' madwar [30-35] (*) % f'depożiti tal-klijenti privati, madwar [20-25] % f'self lil klijenti privati u [15-20] % fi krediti lil klijenti korporattivi fl-2008 ([3]).

## 3. IL-MIŻURI TAL-GĦAJNUNA

(10) Il-kapital ta' Sparkasse KölnBonn kien imsaħħaħ b'total ta' EUR 650 miljun

(i) bil-ħruġ ta' ċertifikati ta' parteċipazzjoni (*Genussrechte*) fl-aħħar tal-2008; u

(ii) b'sehem passiv (*Stille Einlage*) fil-bidu tal-2009.

### 3.1. Ċertifikati ta' parteċipazzjoni (*Genussrechte*)

(11) F'Diċembru 2008 ir-Rheinische Sparkassen-Förderungsgesellschaft ("Förderungsgesellschaft") issottoskriva ċertifikati ta' parteċipazzjoni nominali fi Sparkasse KölnBonn li jammontaw għal EUR 300 miljun f'żewġ porzjonijiet ta' EUR 150 miljun.

(12) Förderungsgesellschaft hija sussidjarja kollha kemm hi ta' Rheinischer Sparkassen- und Giroverband (assoċjazzjoni ta' banek tat-tfaddil tar-Rhine - "RSGV"). L-RSGV hija l-assoċjazzjoni rregolata bil-liġi pubblika ("*Körperschaft des öffentlichen Rechts*") tal-banek tat-tfaddil kollha u s-sidien pubbliċi tagħhom li jinsabu fir-Rhineland u tirrappreżenta l-Isparkassen u s-sidien (pubbliċi) tagħhom. Skont l-istatut tiegħu l-oġġettiv tal-Förderungsgesellschaft hu l-promozzjoni ta' banek tat-tfaddil li jappartjenu lil RSGV. Il-Förderungsgesellschaft tista' tikkontribwixxi għall-kapital tal-banek tat-tfaddil għall-iskop uniku ta' aktar żvilupp ta' attivitajiet ta' għoti ta' kreditu u jista' jingħata f'self.

(13) Il-kupun taċ-ċertifikati hu ta' 8 %. It-tul ta' ħajja taċ-ċertifikati huwa sal-31 ta' Diċembru 2013. Mill-aspett regolatorju ċ-ċertifikati tal-parteċipazzjoni huma kapital Tier 2.

(14) Iċ-ċertifikati ta' parteċipazzjoni jipparteċipaw f'telf annwali proporzjonalment għat-total tal-ekwità li tassorbi t-telf. […] akkumulazzjoni tal-pagamenti fuq iċ-ċertifikati tal-parteċipazzjoni huwa mehmuż magħhom, jiġifieri pagamenti mitlufa fuq iċ-ċertifikati tal-parteċipazzjoni għandhom jitħallsu sa [2-6] snin wara d-data tal-għeluq tagħhom. L-istess japplika għal pagamenti għaż-żieda tal-valur nominali taċ-ċertifikati tal-parteċipazzjoni jekk dan ikun naqas minħabba l-assorbiment tat-telf.

(15) Sabiex jiġu ffinanzjati ċ-ċertifikati, il-Förderungsgesellschaft issottoskriviet żewġ selfiet ma' […]. Dawn is-selfiet għandhom interess fiss ta' [4-5] % fuq it-tul ta' ħajja taċ-ċertifikati tal-parteċipazzjoni. Is-self huwa garantit għal […] mill-RSGV, li ser tirċievi remunerazzjoni ta' garanzija mingħand il-Förderungsgesellschaft ta' [1,8-2,5] %.

### 3.2. Parteċipazzjoni passiva

(16) Il-kuntratti ta' parteċipazzjoni passiva ġew konklużi fit-2 ta' Jannar 2009 u fis-27 ta' Frar 2009 bejn Sparkasse KölnBonn u z-Zweckverband billi waqqfu "*Stille Gesellschaft*" għal total ta' EUR 350 miljun, imħallas f'żewġ porzjonijiet, EUR 300 miljun fit-2 ta' Jannar u EUR 50 miljun fl-1 ta' April 2009. Il-parteċipazzjoni passiva hija għodda li permezz tagħha l-investitur ma jikseb l-ebda drittijiet ta' voti iżda jirċievi remunerazzjoni. L-istrument huwa perpetwu u rikonoxxut bħala kapital ewlieni Tier 1. Il-parteċipazzjoni passiva tinżamm miz-Zweckverband.

(17) Sabiex tiġi ffinanzjata l-parteċipazzjoni passiva, iz-Zweckverband intrabtet b'self ta' EUR 300 miljun għall-ewwel porzjon. 50 % tas-self hu provdut minn […] u l-50 % li jibqa' minn […]. Ir-remunerazzjoni tas-self pagabbli miz-Zweckverband jammonta għal 12-il xahar EURIBOR flimkien ma' [0,7-1,1] %. It-tieni porzjoni tal-EUR 50 miljun ġie ffinanzjat mill-ġdid bl-użu ta' self minn […], irrimunerat fl-EURIBOR flimkien ma' [0,7-1,1] %. Filwaqt li m'hemm l-ebda garanzija speċifika minn Cologne jew Bonn, teżisti obbligazzjoni statutorja bla limitu taż-żewġt ibliet għall-obbligazzjonijiet kollha taz-Zweckverband skont l-istatut tal-inkorporazzjoni taz-Zweckverband.

(18) Ir-remunerazzjoni mħallsa minn Sparkasse Köln Bonn għall-parteċipazzjoni passiva hija ta' 12-il xahar EURIBOR flimkien ma' 7,25 %. Dik ir-remunerazzjoni ġiet stabbilita b'mod konformi mal-Opinjoni għas-Sens ta' Ġustizzja mid-Deutsche Bank. Il-ħlas tar-remunerazzjoni huwa soġġett għal profitt tal-karta tal-bilanċ, u jintilef jekk Sparkasse KölnBonn ma jirrapportax profitt għal dik is-sena. Ikun eskluż ħlas, jekk fiż-żmien meta jkun dovut, il-proporzjon tal-kapital ikun inqas minn 9 % u safejn u sakemm il-pagament iwassal għal telf jew iżidu għas-sena fiskali rilevanti. F'każ ta' differiment tal-pagament m'hemm l-ebda obbligu ta' akkumulazzjoni għall-ħlas tal-ammont mitluf fi żmien aktar tard. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni passiva tassorbi t-telf tal-karta tal-bilanċ b'mod proporzjonali għall-kapital li jassorbi t-telf totali.

(*) Soġġett għas-segretezza professjonali.

([3]) Is-sehem tas-suq tiegħu fis-settur bankarju totali Ġermaniż huwa żgħir wisq sabiex ikun sinifikanti.

## 4. IL-PJAN TA' RISTRUTTURAR

(19) Skont il-pjan ta' ristrutturar, l-Isparkasse KölnBonn ser jiffoka fuq il-mudell tan-negozju statutorju tiegħu ta' bank tat-tfaddil reġjonali. Il-Bank ser jikkonċentra fuq il-provvista ta' servizzi bankarji tipiċi għall-konsumatur lis-segmenti tal-klijenti tradizzjonali tiegħu, bħala klijenti privati u SMEs, u jirtira minn attivitajiet oħrajn bħal negozju ta' proprjetà jew investimenti fi prodotti strutturati u jċedi sussidjarji mhux ewlenin. Barra minn hekk, il-Bank ser inaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż amministrattivi tiegħu.

### 4.1. Deskrizzjoni tal-pjan ta' ristrutturar

(20) Sparkasse KölnBonn ser jiffoka fuq is-servizzi għall-klijenti li jinsabu fir-reġjun ta' Cologne-Bonn fis-segmenti għall-klijenti privati, servizzi bankarji privati, SMEs u klijenti korporattivi u istituzzjonali. Il-Bank ser jiffoka fuq klijenti korporattivi b'introjtu annwali inqas minn EUR 250 miljun.

(21) Sparkasse KölnBonn ser inaqqas l-akbar espożizzjonijiet ta' kreditu tiegħu billi jillimita l-linji tal-kreditu, jitlob kapital ta' garanzija addizzjonali jew jittrasferixxi riskji lil istituzzjonijiet tal-kreditu oħrajn. Fis-segment tal-klijenti korporattivi, Sparkasse KölnBonn diġà kiseb tnaqqis ta' EUR 551,5 miljun u ser ikompli jnaqqas l-espożizzjoni b'EUR [900-1 100] miljun sat-tmiem l-2013 mil-livell oriġinali ta' EUR 2,8 biljuni fl-2008. Barra minn hekk, espożizzjoni ta' kreditu fl-ammont ta' EUR [800-900] miljun mogħti lil istituzzjonijiet mhux konnessi mar-reġjun ta' Cologne-Bonn ser jitnaqqas sat-tmiem tal-2013 bl-użu tal-istess strumenti (ara l-Anness I, punt 4).

(22) Sparkasse KölnBonn diġà naqqas il-portafoll tan-negozju tal-proprjetà mill-oriġini ta' EUR 550 miljun għal kif inhu attwalment EUR [20-23] miljun, li ser ikompli jitnaqqas għal 0. Il-Bank ser iwaqqaf l-attivitajiet kollha tan-negozju tal-proprjetà fil-futur u jikkunsidra li jċedi l-istatus tiegħu bħala istitut tal-kotba tan-negozju, b'hekk jinżammu l-attivitajiet tan-negozju limitati kollha li jibqa' fil-ktieb bankarju. Dawn ser ikunu limitati kwalitattivament għal ċertu prodotti u jridu jirrispettaw limitu ta' espożizzjoni ta' kuljum kwantitattiv (riskju tas-suq< EUR [3-5] miljun, ara l-Anness I, punt 2).

(23) Wieħed mis-sorsi ewlenin tat-telf ta' Sparkasse KölnBonn's fl-2008 kien l-investimenti tiegħu fl-hekk imsejħa portafolli ABS u Strategic Assets Allocation ("SAA"). Fiż-żmien tal-investiment fil-portafoll ABS, Sparkasse KölnBonn akkwista assi kklassifikati b'mod predominanti AAA diversifikati ([4]) ġeografikament, inklużi RMBSs ([5]), CDO ([6]) s, CMBSs ([7]), ABSs ([8]) u CLOs ([9]). Skont it-tmiem tal-2007 il-portafoll tal-ABS kien jammonta għal EUR 1,05 biljun fil-kontijiet ta' Sparkasse KölnBonn. SAA huwa investiment f'fondi speċjali, li permezz tagħhom Sparkasse KölnBonn żamm portafoll diversifikat li kkonsista fost l-oħrajn minn ishma ta' ekwità internazzjonali, REIT ([10]) u bonds inklużi dawk li Jrendu Ħafna u Swieq Emerġenti. Skont it-tmiem tal-2007 dan il-portafoll kien ta' EUR 2,2 biljuni fil-kotba ta' Sparkasse KölnBonn. Minkejja li Sparkasse KölnBonn immira diversifikazzjoni wiesgħa tal-portafolli ABS u SAA tiegħu, dawn kienu affettwati sinifikament mill-kriżi finanzjarja. Iż-żewġ portafolli kkontribwew primarjament għad-deprezzament ta' EUR 249 miljun ([11]) li Sparkasse KölnBonn kellha tirrikonoxxi fuq il-portafoll tal-investimenti tagħha fl-2008, minbarra l-EUR 108 miljun diġà rreġistrat fl-2007.

(24) Fil-pjan ta' ristrutturar tiegħu Sparkasse KölnBonn ikklassifika l-investimenti ABS u SAA bħala li mhumiex konformi mal-profil tar-riskju u r-riorjentazzjoni strateġika tiegħu lejn bank tat-tfaddil tradizzjonali. Bħala riżultat, il-Bank iddeċieda li jbigħ kompletament jew inaqqas l-impenji tiegħu fl-2014. Sparkasse KölnBonn naqqas l-investiment SAA tiegħu bin-nofs f'Marzu 2008 sabiex jillimita l-espożizzjoni tiegħu għall-ekwitajiet. Kien hemm aktar ċessjonijiet fl-2009, li rriżultaw fit-tnaqqis tal-portafoll SAA sa EUR 468 miljun skont it-30 September 2009. L-impatt tal-espożizzjoni ABS li baqa' (nominalment EUR 970 miljun skont it-30 ta' Settembru 2009) fuq il-kontijiet ta' Sparkasse KölnBonn ser jiġi assorbit permezz ta' provvedimenti u ħeġġjar fl-2010. Finalment, fl-[2012-2014] il-portafoll kollu li jibqa' għandu jinbiegħ.

(25) Sparkasse KölnBonn beda jimplimenta programm ta' tnaqqis ta' spejjeż komprensiv, inkluż tnaqqis ta' personal, titjib ta' proċessi interni u l-għeluq ta' 22 mill-131 fergħa eżistenti sa nofs l-2011. Bħala riżultat, l-ispejjeż amministrattivi tiegħu ser jitnaqqsu gradwalment b'[5-8] % sal-2014 ([12]).

(26) Il-Ġermanja ntrabtet li l-Bank jirrispetta restrizzjonijiet fuq il-pagamenti ta' kupuni (l-Anness I, punt 7), reklamar (l-Anness I, punt 9) u projbizzjonijiet fuq il-ksib (l-Anness I, punt 8) u projbizzjoni tal-*price leadership* li tistipula li sat-tmiem tal-2014 Sparkasse KölnBonn mhux ser joffri rati aħjar għal depożiti u ipoteki mill-aqwa mill-10 l-akbar kompetituri tiegħu (għal depożiti f'termini ta' ishma tas-suq ta' kompetituri attivi fis-suq

([4]) Skont l-aħħar ta' Settembru 2009 64 % tal-volum tal-portafoll ABS kien relatat mal-Ġermanja u pajjiżi Ewropej oħra, 17 % ieħor mal-Istati Uniti.

([5]) Titoli tas-sigurtà appoġġjati b'ipoteki residenzjali.
([6]) Obbligu ta' dejn kollateralizzat.
([7]) Titoli tas-sigurtà appoġġjati b'ipoteki kummerċjali.
([8]) Titoli tas-sigurtà appoġġjati b'assi.
([9]) Obbligu ta' self kollateralizzat.
([10]) Fiduċjarja ta' investiment fi proprjetà immobbli.
([11]) Minnhom il-portafoll ABS: deprezzament ta' EUR 104,5 miljuni fl-2008.
([12]) B'kunsiderazzjoni taż-żidiet tal-prezzijiet u s-salarji.

rilevanti fir-reġjun ta' Cologne-Bonn u għal ipoteki f'termini ta' sehem fis-suq fi produzzjoni ġdida fil-Ġermanja, ara l-Anness I, punt 5).

### 4.2. **Ristrutturar ta' sussidjarji**

(27) Sparkasse KölnBonn qed jippjana li jnaqqas il-parteċipazzjoni ta' sussidjarji b'terz. Mill-portafoll tas-sussidjarji, miżmum f'EUR 635 miljun fil-kontijiet tal-Bank skont il-31 ta' Diċembru 2008, EUR [20-40] miljun inbiegħu jew ġew likwidati sal-aħħar tal-2009 u EUR [180-250] miljun oħra għandhom jiġu mibjugħa. Bl-implimentazzjoni ta' din il-miżura, Sparkasse KölnBonn isegwi żewġ għanijiet li jiddependu fuq it-tip ta' sussidjarja. L-ewwel, iċ-ċessjoni ta' sussidjarji ([13]) mhux ewlenin, li huma attivi fi proġetti ta' żvilupp reġjonali jew tal-*housing* komunali u soċjali, bl-għan li titnaqqas l-espożizzjoni tar-riskju u l-vulnerabbilità ta' Sparkasse KölnBonn. It-tieni, il-bejgħ tal-ishma f'entitajiet li huma relatati biss indirettament mal-attivitajiet ta' Sparkasse KölnBonn, għandu l-għan li jiġġenera profitti sabiex jiffinanzja l-istrutturar ta' Sparkasse KölnBonn. Lista kompluta ta' sussidjarji li jridu jinbiegħu tingħata fl-Anness I, punti 10 u 13.

(28) Eżempji ta' ċessjonijiet fit-tieni grupp huma ishma f'kumpaniji bħal RW Holding AG, S ProFinanz Versicherungsmakler GmbH, Schufa Holding AG u neue leben Pensionsverwaltung AG. Il-bejgħ ta' dawn kien diġà komplut u rriżulta f'rikavati li jammontaw bejn wieħed u ieħor EUR [25-35] miljun.

(29) Għal xi sussidjarji, li jammontaw għal bejn wieħed u ieħor EUR [70-100] miljun, Sparkasse KölnBonn jistenna interess baxx minn akkwirenti ta' partijiet terzi privati. Dak l-interess baxx huwa primarjament dovut għall-karattru ta' dawk l-entitajiet, minħabba li huma żgħar, involuti fil-*housing* soċjali u fl-iżvilupp reġjonali b'kooperazzjoni mal-Belt ta' Cologne, jew l-istruttura tas-sjieda tagħhom, li diġà hija dominata mill-Belt ta' Cologne. Għalhekk, il-Bank qiegħed jikkunsidra jbigħ dawk l-attivitajiet lil [il-Belt ta' Cologne jew kumpanija assoċjata mal-Belt ta' Cologne]. It-trasferiment isir skont il-valur tas-suq, li jkun stmat minn espert indipendenti. L-assi miżmuma mis-sussidjarji li għandhom jinbiegħu lill-Belt ta' Cologne huma primarjament relatati ma' attivitajiet b'rabta ma' proprjetà immobbli.

(30) B'konsegwenza tal-implimentazzjoni tal-miżuri tar-ristrutturar, il-Bank ser inaqqas l- assi tiegħu mkejla skont ir-riskju (RWA) b'EUR [2-5] biljuni għal EUR [15-20] biljun (i.e. bi [15-20] %) (mingħajr ma tittieħed kunsiderazzjoni tat-tkabbir fil-futur fin-negozju ewlieni matul il-perjodu ta' ristrutturar). Jekk it-tkabbir fin-negozju ewlieni jitqies, it-tnaqqis tal-RWA jammonta għal [10-15] % sal-2014. […] ta' Sparkasse KölnBonn ser jitnaqqas b'EUR [4-6] biljuni għal [20-30] biljun (i.e. bi [15-20] %) (mingħajr ma tittieħed kunsiderazzjoni tat-tkabbir fil-futur fin-negozju ewlieni matul il-perjodu ta' ristrutturar). Meta jitqies it-tkabbir fin-negozju ewlieni, il-miżuri ta' ristrutturar jirriżultaw fi tnaqqis ta' assi totali ta' 5 %.

### 4.3. **Kapaċità għar-ritorn tal-vijabilità f'każ bażiku u ta' stress**

(31) Il-Ġermanja ssottomettiet xenarju bażiku u ta' stress bl-għan li turi l-kapaċità ta' Sparkasse KölnBonn li jerġa' jikseb il-vijabilità tiegħu fuq tul ta' żmien.

*Każ bażiku*

(32) Fil-każ bażiku l-projezzjonijiet finanzjarji sottomessi huma fuq bażi tas-suppożizzjonijiet li jkunu konformi mal-projezzjonijiet għall-Ġermanja ppubblikati mill-istituti ekonomiċi rikonoxxuti. Huwa assunt li t-tkabbir tal-PGD ser jibqa' fl-istess livell moderat għall-perjodu tar-ristrutturar kollu. Ir-rata tal-qgħad hija mistennija li tkompli titla' sal-2011 u titbaxxa ftit ftit minn dak iż-żmien 'il quddiem. Finalment, huwa mistenni li l-ambjent ta' rati ta' interess baxxi attwali mhux favorevoli ser jitjieb fl-2010 u mbagħad jibqa' l-istess għall-bqija tal-perjodu ta' ristrutturar.

(33) Kif muri fit-Tabella 1 hawn taħt, fil-każ bażiku Sparkasse KölnBonn hu mistenni li jerġa' jkollu profitt fl-2010 u ser ikompli jtejjeb ir-riżultati tiegħu sal-2014. Fl-2014 il-Bank ser jikseb qligħ fuq l-ekwità (ROE) ta' [9-10] %. It-Tabella 1 t'hawn taħt turi l-indikaturi tal-prestazzjoni finanzjarja ewlenin ta' Sparkasse KölnBonn għas-snin 2008-2014.

([13]) Sors importanti tad-diffikultajiet ta' Sparkasse KölnBonn kien l-inkarigu tiegħu fi proġetti u sussidjarji mhux relatati man-negozju tiegħu ewlieni. Dawn l-attivitajiet iġġeneraw parti ewlenija tat-telf fil-passat. Sabiex jattira industriji ġodda lejn Cologne, fil-passat, il-Bank ħadem fl-iżvilupp ta' spazji kummerċjali u ta' uffiċini jew ta garanziji ta' kera sabiex jiġu faċilitati żviluppi ta' proprjetà immobbli. Il-Bank qed jinnegozja mill-ġdid il-garanziji u kuntratti tal-kera bl-għan li jwaqqaf dawn l-arranġamenti u, fejn possibbli, qed jipproċedi bil-bejgħ tal-attivitajiet lil partijiet terzi.

*Tabella 1*

**Il-qligħ ta' Sparkasse KölnBonn qabel it-taxxa tal-2010-2014 f'każ bażiku**

| Xenarju | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Każ bażiku | – 98,8 | [5-10] | [80-100] | [125-150] | [150-175] | [20-225] |

*Ċart 1*

**L-indikaturi tal-prestazzjoni finanzjarja ewlenin ta' Sparkasse KölnBonn għall-2008-2014 – każ bażiku**

| | | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi | **RWA** [1] **(€ bn)** | 20,2 | 19,1 | [17,5-20] | (…) | (…) | (…) | [15-20] |
| | **Proporzjoni** ***Tier-1*** [2] | 6,4 % (5,5 %) | 6,9 % (6,1 %) | [7-8] % ([6-7] %) | [8-9] % ([7-8] %) | [8-9] % ([7-8] %) | [8-9] % ([7-8] %) | [8-10] % ([8-9] %) |
| | **ROE** | – 13,5 % | – 6,5 % | [0-3] % | [4-6] % | [7-9] % | [7-9] % | [9-10] % |
| | **CIR** | 73,0 % | 70,0 % | [65-75] % | [60-70] % | [55-65] % | [50-60] % | [50-60] % |
| | **FTE** | 3 824 | 3 672 | [3 500-3 750] | [3 250-3 500] | [3 000-3 250] | [3 000-3 250] | [2 750-3 000] |

(1) figura għal Sparkasse KölnBonn biss;
(2) Il-proporzjoni tal-kapital Tier-1 għal Sparkasse KölnBonn, figura fil-parentesi: Proporzjoni Tier-1 għall-Grupp. CIR – proporzjon tad-dħul mill-ispejjeż, FTE – ekwivalenti full-time (ta' ħaddiema full-time)

*Każ ta' stress u analiżi tas-sensittività*

(34) Fil-każ ta' stress is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi huma dawk ta' kontinwazzjoni tal-kriżi sal-2011 u rkupru bil-mod fl-2012. Il-każ ta' stress jassumi sentejn addizzjonali ta' rati ta' interess baxxi sfavorevoli mqabbla mal-każ bażiku.

(35) Fil-każ ta' stress Sparkasse KölnBonn huwa mistenni li jerġa' jkollu profitt fl-2012 u jkompli jtejjeb ir-riżultati tiegħu sal-2014. Fl-2014 il-Bank ser jikseb ROE ta' [10-12,5] %. Skont ix-xenarju ta' każ ta' stress, il-proporzjonijiet ta' kapital għal Sparkasse KölnBonn u għall-grupp konsolidat kollu jibqa' 'l fuq sew mir-rekwiżiti regolatorji minimi matul il-perjodu ta' ristrutturar. Tabella 2 u Ċart 2 t'hawn taħt juru l-indikaturi tal-prestazzjoni finanzjarja ewlenin ta' Sparkasse KölnBonn għas-snin 2008-2014 fil-każ ta' stress.

*Tabella 2*

**Qligħ ta' Sparkasse KölnBonn qabel it-taxxa għal 2010-2014 fil-każ ta' stress**

| Xenarju | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Każ ta' stress | – 98,8 | –[125-150] | –[25-50] | [50-75] | [125-150] | [175-200] |

*Ċart 2*

**L-indikaturi tal-prestazzjoni finanzjarja ewlenin ta' Sparkasse KölnBonn għall-2008-2014 – każ ta' stress**

| | | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi | **RWA** [1] **(€ bn)** | 20,2 | 19,1 | [17-20] | [17-19] | [17-19] | [17-19] | [16-18] |
| | **Proporzjoni** ***Tier-1*** [2] | 6,4 % (5,5 %) | 6,9 % (6,1 %) | [6-7] % ([5-6]) | [6-7] % ([6-7]) | [6-7] % ([6-7]) | [6-7] % ([6-7]) | [7-8] % ([6-7]) |

| | | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi | ROE | – 13,5 % | – 6,5 % | –[8-9] % | –[1-3] % | [3-5] % | [8-10] % | [10-12] % |
| | CIR | 73,0 % | 70,0 % | [70-75] % | [65-70] % | [60-65] % | [55-60] % | [50-55] % |
| | FTE | 3 824 | 3 672 | [3 500-3 750] | [3 250-3 500] | [3 000-3 250] | [3 000-3 250] | [2 750-3 000] |

([1]) figura għal Sparkasse KölnBonn biss;
([2]) Il-proporzjoni tal-kapital Tier-1 għal Sparkasse KölnBonn, figura fil-parentesi: Proporzjoni Tier-1 għall-Grupp. CIR – proporzjon tad-dħul mill-ispejjeż, FTE – ekwivalenti full-time (ta' ħaddiema full-time)

(36) Minħabba li l-livell baxx attwali tar-rati ta' interess fuq żmien qasir jikkostitwixxi r-restrizzjoni ewlenija fuq il-qligħ tal-Bank, saret analiżi addizzjonali tas-sensittività tar-rati ta' (xenarju 1: bidla 'l fuq tal-kurva tal-interess b'100 bps, xenarju 2: il-bidla 'l isfel tiegħu b'50 bps). L-analiżi kkonfermat li aktar żiediet tar-rati ta' interess iżidu l-profitabilità ta' Sparkasse KölnBonn, filwaqt li t-tnaqqis ta' rati ta' interess inaqqas il- profitabilità tiegħu, i.e. tnaqqis lineari ta' 50 bps ta' rati ta' interess fuq żmien qasir iwassal għal tnaqqis ta' EUR [20-25] miljun ta' profitti kull sena. Globalment, l-analiżi tas-sensittività provduta mill-Ġermanja turi li l-vulnerabilità ta' Sparkasse KölnBonn għal skossi ta' rati ta' interess hija limitata.

### 4.4. **Governanza korporattiva**

(37) Il-Ġermanja ssottomettiet informazzjoni li turi li investimenti politikament motivati li kkontribwew għad-diffikultajiet ta' Sparkasse KölnBonn ġew deċiżi fil-perjodu 1997-2004, qabel il-fużjoni ta' Stadtsparkasse Köln ma' Sparkasse Bonn fl-2005 li ħolqot Sparkasse KölnBonn fil-forma attwali tiegħu. Dawn l-investimenti ġew deċiżi wkoll taħt qafas legali differenti, definiti primarjament mill-Att dwar il-Banek tat-Tfaddil ta' North Rhine-Westphalia ([14]). Minn dak iż-żmien, ġie implimentat titjib għall-governanza korporattiva ta' Sparkasse KölnBonn.

(38) Minħabba l-bidla fl-istruttura tal-istituzzjoni pubblika responsabbli tal-Bank (Träger) wara l-fużjoni tal-2005, deċiżjonijiet importanti fiz-Zweckverband jittieħdu mill-maġġoranza kwalifikata tal-voti tal-azzjonisti, li hija stabbilita b'mill-inqas 85 %, livell li jeċċedi l-parteċipazzjoni miżmuma minn kwalunkwe belt waħedha.

(39) In-numru u d-daqs tal-korpi tal-istitut tnaqqsu, inkluż tnaqqis kbir fid-daqs tal-Bords tas-Sorveljanza u tal-Ġestjoni ([15]). Il-Kumitat ta' Parteċipazzjoni li jikkonsisti minn tliet membri tal-Bord tal-Ġestjoni, li fi Stadtsparkasse Köln preċedenti kien intitolat li jiddeċiedi bil-quddiem fuq investment f'sussidjarji, ġie xolt. Il-Bord tal-Ġestjoni ħa r-responsabbiltà għall-politika tal-investiment fir-rigward ta' inkarigi tal-ekwità, li għandhom jiġu vvalutati skont il-kriterji ekonomiċi. Barra minn hekk, kwalunkwe investiment ġdid li jidħol għalih Sparkasse KölnBonn jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Bord tas-Sorveljanza.

(40) L-emendi fl-Att dwar il-Banek tat-Tfaddil obbliga lill-Bank jistabbilixxi kumitati tar-riskju u l-kontabilità u jagħtihom setgħat ta' kontroll estensivi. Il-liġi tesiġi wkoll li membri tal-Bord tas-Sorveljanza jkollhom il-kwalifiki meħtieġa sabiex jevalwaw u jikkontrollaw l-operazzjonijiet ta' bank tat-tfaddil. Il-Bord tal-Ġestjoni għandu r-responsabbiltà unika u komprensiva għall-ġestjoni tal-Bank u mhuwiex marbut bl-ebda istruzzjonijiet mill-Bord tas-Sorveljanza jew l-azzjonisti.

(41) Minbarra t-titjib li diġà ġie implimentat għall-istruttura tal-governanza korporattiva, Sparkasse KölnBonn ser ikompli jsaħħaħ il-governanza tiegħu billi jżid in-numru ta' membri independenti ([16]) tal-Bord tas-Sorveljanza minn tnejn (fil-preżent) għal erbgħa minn tmintax. Il-membri tal-Kumitat tal-Kontabilità ser jitnaqqsu minn disgħa għal sebgħa u tal-Kumitat tar-Riskju minn disgħa għal sitta rispettivament mill-1 ta' Jannar 2011. Il-Kumitati tal-Parteċipazzjoni u tal-Istrateġija ser jiġu xolti sat-tmiem tal-2011 u sat-tmiem tal-2010 rispettivament. Dak imsemmi l-ewwel ser jitlef naturalment l-importanza tiegħu ladarba Sparkasse KölnBonn ikun biegħ il-parti l-kbira tas-sussidjarji tiegħu. Id-dmirijiet ta' dak tal-aħħar ser jitwettqu mill-Bord tal-Ġestjoni. Finalment, il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-akwiżizzjonijiet ta' kumpaniji ser jiġi emendat u ser jinvolvi teħid ta' deċiżjonijiet unanimi fil-Bord tal-Ġestjoni u jeħtieġ investmenti li jeċċedu l-EUR [2-5] miljuni li jkunu diġà ġew ivvalutati b'mod pożittiv minn espert indipendenti, matul id-diliġenza jew il-valutazzjoni tan-negozju.

([14]) Sparkassengesetz Nordrhein-Westfalen, http://www.wlsgv.de/download/spkg28112008.pdf, verżjoni kurrenti effettiva mid-29 ta' Novembru 2008.
([15]) Minn disa' membri fl-2005 għal ħamsa fl-2010 fil-każ tal-Bord tal-Ġestjoni u minn 27 għal 18 fil-każ tal-Bord tas-Sorveljanza.
([16]) F'dan il-kuntest "indipendenti" tfisser li l-membru tal-Bord tas-Sorveljanza ma jappartjenix għall-Kunsill tal-Belt tal-belt li tkun appuntatu/ha.

### 4.5. **Kapital Ibridu**

(42) Sparkasse KölnBonn għandu kapital ibridu mqiegħed ma' investituri ta' partijiet terzi (ċertifikati privati ta' parteċipazzjoni) fl-ammont ta' EUR 224 miljun. Skont l-informazzjoni provduta mill-Ġermanja, il-*Genussrechte* u ċ-ċertifikati privati ta' parteċipazzjoni huma klassifikati bħala *pari passu*. Il-parteċipazzjoni passiva hija subordinata għaż-żewġ ċertifikati. Kif muri fit-Tabella 3 hawn taħt, mill-2008 ma tħallas l-ebda pagament ta' kupuni fuq kapital ibridu. Fl-2008 u l-2009 il-*Genussrechte* kellhom sehem fit-telf fl-ammont ta' EUR 57,4 miljun. Il-parteċipazzjoni passiva u ċ-ċertifikati privati kellhom sehem fit-telf fl-2009. Mill-bidu tal-2010 l-istrumenti ibridi ser jiġu miżjuda u mill-2011 il-pagamenti ta' kupuni li ġew ikkanċellati jitħallsu sal-2012. Fl-2013 il-kapital ibridu kollu jiġi miżjud, il-pagamenti ta' kupuni kkanċellati jitħallsu u jitħallas kupun sħiħ fuq kull strument. Peress li l-pagament ta' kupun jiġi skattat jew minn P&L pożittiv jew riżultat tal-karta tal-bilanċ, Sparkasse KölnBonn m'għandu l-ebda diskrezzjoni li jissospendi l-ħlas ta' pagamenti ta' kupuni jekk ikun opera bi profitabilità u kwalunkwe tnaqqis ta' kapital ikun ġie fornit mill-ġdid.

*Tabella 3*

**Distribuzzjoni tal-profitt ta' Sparkasse KölnBonn fl-2009-2014 (każ bażiku)**

| | | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Profitt qabel it-taxxa | | | – 98,8 | [5-10] | [80-100] | [125-150] | [150-175] | [20-225] |
| Distribuzzjoni ta' profitt skont strumenti kapitali | | | | | | | | |
| Ċertifikati ta' parteċipazzjoni tal-Istat | Assorbiment ta' telf | 40,6 | 16,8 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | Forniment prinċipali | 0 | 0 | […] | […] | […] | […] | […] |
| | Obbligu ta' interess kuntrattwali | 0 | 0 | […] | […] | […] | […] | […] |
| Ċertifikati ta' parteċipazzjoni privati | Assorbiment ta' telf | 0 | 12,5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | Forniment prinċipali | 0 | 0 | […] | […] | […] | […] | […] |
| | Coupon | 0 | 0 | […] | […] | […] | […] | […] |
| Parteċipazzjoni passiva | Assorbiment ta' telf | 0 | 19,5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | Forniment prinċipali | 0 | 0 | […] | […] | […] | […] | […] |
| | Coupon | 0 | 0 | […] | […] | […] | […] | […] |

(43) Il-Ġermanja provdiet l-impenn li l-Bank mhux ser jipproċedi bi kwalunkwe pagament ta' kupuni fuq kapital ibridu ta' investituri privati, minbarra dak li hu kuntrattwalment obbligat li jħallas (ara l-Anness I, punt 7).

### 4.6. **WestLB**

(44) Sors ieħor ta' diffikultajiet ta' Sparkasse KölnBonn kien il-parteċipazzjoni tiegħu f'WestLB. Fil-passat Sparkasse KölnBonn ġarrab telf li ammonta għal EUR […] miljun, minħabba li bħala membru tal-assoċjazzjoni tal-banek tat-tfaddil ikkontribwixxa għall-fond ta' riżerva stabbilit mill-assoċjazzjoni tal-banek tat-tfaddil bħala mezz ta' sigurtà għall-membri tagħha u l-Landesbanks. F'dan il-kuntest ta' salvataġġ ta' WestLB fl-2008 il-fond kellu jintervjeni. L-espożizzjoni tar-riskju rimanenti hija konnessa mal- parteċipazzjoni indiretta ta' Sparkasse KölnBonn f'WestLB u obbligazzjoni indiretta rimanenti tal-bank tal-assi ħżiena WestLB permezz ta' RSGV.

(45) Minkejja li Sparkasse KölnBonn ma investiex direttament f'WestLB, huwa espost għas-sehem li kellu fih mill-RSGV, li fih Sparkasse KölnBonn għandu sehem dirett ta' madwar 19 %. Skont l-informazzjoni provduta mill-Ġermanja, ir-riskju li kwalunkwe indeboliment tal-valur skont il-kotba tal-RSGV għal WestLB ser ikollu impatt fuq KölnBonn huwa limitat ferm. L-ewwel, WestLB kien ivvalutat minn parti indipendenti reċentement u l-valur

skont il-kotba tiegħu fil-kontijiet tal-RSGV tnaqqas b'mod korrispondenti skont il-31 ta' Diċembru 2009 mill-ispiża storika ta' EUR […] biljun għal EUR […] miljun skont il-31 ta' Diċembru 2009. Għalhekk, is-sehem indirett ta' Sparkasse KölnBonn f'WestLB jammonta attwalment għal bejn wieħed u ieħor EUR […] miljun. Barra minn hekk, peress li Sparkasse KölnBonn huwa espost għal WestLB biss bis-sehem tiegħu fl-RSGV, il-valur intrinsiku biss ta' dan tal-aħħar huwa rilevanti għal Sparkasse KölnBonn. Dan huwa influwenzat mhux biss mill-valur ta' WestLB, iżda wkoll sussidjarji u investmenti oħra li għandu l-RSGV. Il-valutazzjoni ta' sussidjarji oħra tal-RSGV li saret fl-aħħar tal-2009 żvelat riżervi moħbija sinifikanti, li jkunu biżżejjed sabiex ikopru anki l-agħar xenarju ta' każ potenzjali ta' deprezzament ta' WestLB għal 0.

(46) L-obbligu ta' Sparkasse KölnBonn sabiex jikkontribwixxi [għal …] maħluq sabiex ikopri t-telf potenzjali tal-ammonti ta' bank tal-assi ħżiena ta' WestLB għal EUR […] miljun fuq 25 sena. Madankollu, dan l-impenn mhux ser ikollu impatt fuq il-kapaċità tal-Bank sabiex jisssodisfa r-rekwiżiti regolatorji tiegħu fil-futur peress li l-kontribuzzjonijiet [għall- …] għandhom isiru biss mill-profitti futuri.

### 4.7. **Ċessjoni bikrija parzjali**

(47) Il-Ġermanja provdiet impenn li Sparkasse KölnBonn ser tħallas lura parti mill-kapital irċevut aktar kmieni min dak provdut fit-termini tal-istrumenti (ara l-Anness I, punt 27). Il-ħlas lura ser jibda jitħallas fl-2011 u jinvolvi żewġ stadji.

(48) L-ewwel stadju jikkonsisti mill-bejgħ ta' proporzjon ta' EUR 150 miljun […] liz- Zweckverband. It-tranżazzjoni, u b'mod partikolari l-livell tal-prezz tax-xiri, mhumiex ser ikunu ta' benefiċċju għal Förderungsgesellschaft daqslikieku din żammet l-istrument [17]. Iz-Zweckverband imbagħad ser tikkonverti l-*Genussrechte*, li huma bħalissa rikonoxxuti bħala kapital Tier-2, fi strumenti ta' kapital Tier-1. B'mod partikolari, l-istrument ġdid ikun subordinat, ma jinfediex għal mill-inqas 30 sena u jkollu interessi annwali mhux kumulattivi. Dan l-istadju jirriżulta fit-titjib tal-proporzjon tal-kapital Tier-1 ta' Sparkasse KölnBonn b'[0,8-1,0] %.

(49) Iż-żieda tal-proporzjon tal-kapital Tier-1 tippermetti t-tieni stadju, li hu r-riakkwistat minn Sparkasse KölnBonn tal-porzjon rimanenti tal-*Genussrechte* li kien fil-pussess tal- Förderungsgesellschaft fl-2011 b'valur nominali ta' EUR 150 miljun. Globalment, iż-żewġ stadji jirriżultaw fi tnaqqis fil-proporzjon tal-kapital Tier-2 b'[0,5-1,0] %. Barra minn hekk, l-RSGV jew membru ieħor tas-settur tal-bank tat-tfaddil ser jixtri l-ishma ta' Sparkasse KölnBonn bil-prezz tas-suq f'[…] [18] u […] relatati ma' żewġ banek tat-tfaddil. Il-bejgħ tas-sehem indirett fiż-żewġ entitajiet jirriżulta f'aktar tnaqqis ta' [0,2-0,5] % fl-assi totali tal-Bank. Il-bejgħ taż-żewġ entitajiet huwa marbut mill-qrib mal-ħlas lura tat-tieni porzjon tal-*Genussrechte* peress li RSGV ser tixtri ż-żewġ entitajiet mill-qligħ tal-bejgħ tal-*Genussrechte*.

## 5. **RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TA' PROĊEDURA DWAR IL-MIŻURA TA' RIKAPITALIZZAZZJONI**

(50) Il-Kummissjoni tfakkar li f'dan il-każ kienet fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni b'rabta mal-kompatibilità tagħha mas-suq intern b'mod konformi mal-Artikolu 107(3) TFUE [19] bħala għajnuna għar-ristrutturar fl-4 ta' Novembru 2009.

(51) Barra minn hekk, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk kienx assigurat il-qsim tal-piżijiet b'mod xieraq bi kwalunkwe mod u jekk id-distorsjoni tal-kompetizzjoni kinitx limitata, kif hu meħtieġ bir-regolament dwar l-għajnuna mill-istat (paragrafu (50) tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

(52) Finalment, minħabba l-inċertezza dwar jekk id-diffikultajiet ta' Sparkasse KölnBonn kinux dovuti għal deċiżjonijiet ta' investiment li ttieħdu qabel il-kriżi jew pjuttost minħabba l-kriżi nnifsha, il-Kummissjoni ma kkonkludietx jekk il-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni jaqgħux taħt l-Artikolu 107(3)(b) TFUE jew taħt l-Artikolu 107(3)(c) TFUE. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproċedi b'investigazzjoni tal-fatti sabiex tidentifika l-bażi legali proprju li għandu jiġi applikat u sabiex tieħu pożizzjoni aktar tard fil-proċess.

---

[17] Il-Ġermanja tipproponi soluzzjoni b'hekk imsejħa "klawsola ta' titjib", li tkun valida għall-istess perjodu bħall-aspett kumulattiv tal-istrument oriġinali. B'dan il-mod Förderungsgesellschaft għall-ewwel tirċeivi pagament miz-Zweckverband ibbażat fuq il-valur skont il-kotba tal-istrument (valur nominali bi tnaqqis tat-telf assorbit, li ma jkunx ġie miżjud). Imbagħad, skont il-'klawsola tat-titjib, Förderungsgesellschaft tirċievi flussi ta' flus simili miz-Zweckverband għal dak li kienet tirċievi li kieku żammet l-istrument, relatat mal-perjodu sal-bejgħ tal-istrument. Sparkasse KölnBonn jirreferi għal flussi ta' flus simili, minħabba l-interess annwali sospiż, relatat mal-perjodu li matulu Förderungsgesellschaft kellha l-istrument, jitħallas lil Förderungsgesellschaft bi skont biss sa 25 %. Il-Ġermanja tikkunsidra dan it-tnaqqis bħala strument xieraq sabiex Zweckverband tiġi kkumpensata talli assumiet ir-responsabbiltà tal-interessi u talli ffinanzjat ir-riskju u jitqies il-vantaġġ li Förderungsgesellschaft tikseb billi tirċievi l-kapital tagħha qabel mill-perjodu provdut kuntrattwalment. Pereżempju, jekk Förderungsgesellschaft tbigħ il-valur tal-istrument nominalment għal EUR 150 miljun, imnaqqas b'telf ta' EUR 25 miljun, liz-Zweckverband fl-2011, inizjalment titħallas EUR 125 miljun. Jekk fl-2012 Sparkasse KölnBonn jiġġenera profitti, li jiskattaw l-obbligu li jżid il-kapital tal-istrument (jekk Förderungsgesellschaft tkun żammet l-istrument), l-ammont korrispondenti jitħallas lil Förderungsgesellschaft miz-Zweckverband. Jekk il-profitti tal-2012 ikunu biżżejjed għall-ħlas ta' kupuni sospiżi fl-2009-2011, dan jirriżulta wkoll fi ħlas komprabbli li jsir lil Förderungsgesellschaft miz-Zweckverband.

[18] Sparkasse KölnBonn huwa marbut li jbigħ il-parteċipazzjoni tiegħu lill-RSGV jew membri oħra tas-settur tal-banek tat-tfaddil minħabba l-arranġamenti kuntrattwali b'rabta mas-sehem indirett tiegħu f'dawn l-entitajiet.

[19] B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-TFUE. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma, fis-sustanza tagħhom, identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jiġu mifhiema bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88, rispettivament, tat-Trattat KE fejn xieraq.

## 6. KUMMENTI MINN PARTIJIET INTERESSATI

(53) Il-Kummissjoni tinnota li ma ġew irċevuti l-ebda kummenti minn partijiet terzi interessati b'rabta tad-Deċiżjoni tal-ftuħ dwar il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni.

## 7. KUMMENTI MILL-ĠERMANJA

(54) Il-Ġermanja indikat li hi rrevediet id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2009, li fiha l-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) TFUE. Il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni li hi baqgħet mal-opinjoni tagħha li l-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni rċevuti minn Sparkasse KölnBonn fil-forma ta' parteċipazzjoni passiva u ċertifikati ta' parteċipazzjoni fl-aħħar tal-2008 u l-bidu tal-2009 ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-istat fis-sens tal-ftehim tal-Artikolu 107(1) TFUE. Il-Ġermanja kkunsidrat il-miżuri li huma konformi mal-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq b'mod konformi mar-raġunament provdut qabel id-Deċiżjoni tal-ftuħ (ara paragrafi 24-28 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

(55) Il-Ġermanja ma qablietx mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li fiż-żmien meta l-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni ġew eżegwiti, i.e. tmiem tal-2008/bidu tal-2009, is-suq għal strumenti ibridi waqaf kompletament ([20]). B'mod aktar speċifiku, ma qablietx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-ebda investitur jew sid f'ekonomija tas-suq ma kien jinvolvi ruħu fit-tali investiment f'dak iż-żmien, anki bi prezz ogħla (ara paragrafu 38 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ). Hi argumentat li żviluppi tas-suq ma affettwawx lil Sparkasse KölnBonn, li seta' joħroġ debitu subordinat kemm fl-aħħar erba' xhur tal-2008 (li jammonta għal EUR [10-15] miljun) kif ukoll fl-ewwel kwart tal-2009 (li jammonta għal EUR [35-40] miljun) f'porzjonijiet sa massimu ta' diversi mijiet ta' eluf ta' Euro.

(56) Finalment, il-Ġermanja kkontestat jekk ir-rikapitalizzazzjoni ta' Sparkasse KölnBonn mill-Förderungsgesellschaft involvietx kwalunkwe riżorsi tal-istat.

(57) Il-Ġermanja esprimiet, madankollu, il-kunfidenza tagħha, li kieku l-Kummissjoni tikkonferma l-valutazzjoni preliminari tagħha fir-rigward tal-karattru ta' għajnuna mill-istat tar-rikapitalizzazzjoni ta' Sparkasse KölnBonn, il-miżuri jkunu kompatibbli mas-suq intern taħt l-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

(58) Il-Ġermanja argumentat li l-pjan ta' ristrutturar kien konformi mal-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2009 dwar ir-ritorn għall-vijabilità u l-valutazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ([21]) ("Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar").

(59) Fl-opinjoni tal-Ġermanja l-pjan ta' ristrutturar jassigura li l-vijabilità fit-tul ta' Sparkasse KölnBonn terġa' tinkiseb, Sparkasse KölnBonn jipprovdi kontribuzzjoni proprja suffiċjenti għall-ispejjeż ta' ristrutturar u distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jkunu limitati b'miżuri strutturali u ta' mġiba sostanzjali.

(60) L-impenji provduti mill-Ġermanja huma stabbiliti fl-Annessi I sa III u jiffurmaw parti integrali ta' din id-Deċiżjoni. Sabiex jiġi assigurat li l-impenji jiġu implimentati, ser jiġi maħtur fiduċjarju għall-monitoraġġ. Il-proċedura tal-ħatra u r-responsabbiltajiet tal-fiduċjarju għall-monitoraġġ huma stabbiliti fl-Anness II. Barra minn hekk, il-Ġermanja kkommettiet ruħha għal skeda taż-żmien għal ċessjonijiet (ara l-Anness I, punti 10 u 13). Jekk l-iskeda taż-żmien kommessa għaċ-ċessjoni ma tinlaħaqx, fiduċjarju għaċ-ċessjoni ser jiġi maħtur u jwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III.

## 8. VALUTAZZJONI

### 8.1. Eżistenza u ammont ta' għajnuna

(61) Il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk il-miżuri konċernati jikkostitwuwx għajnuna mill-istat. L-Artikolu 107(1) TFUE jipprovdi li kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-istat fi kwalunkwe forma li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċertu impriżi hi, safejn u sakemm taffettwa n-negozju bejn Stati Membri, inkompatibbli mas-suq intern.

(62) Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ (taqsima 5.1) il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni ta' Sparkasse KölnBonn ikkostitwew għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni ma tistax taqbel mar-raġunament tal-Ġermanja li skontha l-miżuri ma kkostitwewx għajnuna sakemm il-kundizzjonijiet taż-żewġ strumenti kienu konformi ma x'kien jaċċetta investitur f'ekonomija tas-suq. Anki jekk ir-remunerazzjoni fuq iż-żewġ strumenti kienet konformi mal-ħlas ta' interess fuq strumenti komparabbli sal-bidu tal-2008, din kienet baxxa wisq fil-każ ta' Sparkasse KölnBonn meta wieħed jikkunsidra r-riskju għoli li jirriżulta min-nuqqas ta' profitabilità tal-Bank. Fiż-żmien tar-rikapitalizzazzjoni, is-suq għall-istrumenti ibridi nixef kompletament ukoll. Għalhekk, fil-kuntest tal-każ u b'mod partikolari s-sitwazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni ma setgħatx taċċetta l-argument li investitur f'ekonomija tas-suq kien jagħmel l-investiment dak iż-żmien, minbarra li jinvesti fuq termini ekwivalenti.

(63) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda informazzjoni li kellha mnejn tibdel din l-evalwazzjoni. Ħruġ ta' debitu subordinat minn Sparkasse KölnBonn fl-aħħar tal-2008 u fl-ewwel kwart tal-2009 ma jipprovdix evidenza affidabbli li s-swieq għal strumenti ibridi kienu attivi minħabba l-ammont limitat ferm ta' porzjonijiet singoli involuti. Porzjonijiet ta' strumenti ibridi b'valur ta' diversi mijiet ta' eluf ta' Euro jirrappreżentaw livell differenti konsiderevoli ta' riskju minn strument b'valur nominali ta'

([20]) Bl-eċċezzjoni tal-ħruġ tal-intergrupp jew l-Istat ikun l-akkwirent tal-istrumenti.

([21]) ĠU C 195, 19.8.2009, p. 9.

EUR 150 miljun u huma għalhekk iktar faċli sabiex jiġu assorbiti mis-swieq privati. Għalhekk, il-Kummissjoni ssostni l-opinjoni tagħha li l-ebda investitur f'ekonomija tas-suq ma kien jikseb offerta ta' strumenti ibridi ta' daqs u karatteristiċi komparabbli bħall-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni ta' Sparkasse KölnBonn f'dak iż-żmien.

(64) Fir-rigward tan-natura tar-riżorsi wżati għar-rikapitalizzazzjoni ta' Sparkasse KölnBonn mill-Förderungsgesellschaft, il-Kummissjoni tfakkar li hi diġà stabbiliet fil-każ tiegħu prattika li mezzi provduti mill-RSGV huma riżorsi direttament jew indirettament ikkontrollati mill-awtoritajiet pubbliċi ([22]). Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan japplika wkoll għall-Förderungsgesellschaft, li hija sussidarja posseduta totalment mill-RSGV. Għalhekk, dawn ir-riżorsi huma riżorsi tal-istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(65) Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjoni provviżorja li ntlaħqet fid-Deċiżjoni tal-ftuħ li l-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni favur Sparkasse KölnBonn jikkostitwixxu għajnuna mill-istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(66) Il-Kummissjoni, barra minn hekk tinnota li l-miżuri ta' għajnuna ta' salvataġġ ġew konvertiti f'għajnuna ta' ristrutturar li tkompli tikkostitwixxi vantaġġ għall-Bank. Il-miżuri ippermettew lill-Bank biex jikseb finanzjament f'sitwazzjoni fejn ma setax iżid il-kapital fis-suq, speċjalment fil-kriżi finanzjarja u ekonomika. Dan jagħti vantaġġ ekonomiku lill-Bank u jsaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu meta titqabbel ma' dik tal-kompetituri tiegħu fil-Ġermanja u fi Stati Membri oħra li mhumiex jibbenefikaw mill-istess appoġġ. Il-miżuri għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati li x'aktarx ifixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw in-negozju bejn Stati Membri.

(67) L-element ta' għajnuna fl-injezzjonijiet ta' kapital jammonta għal 650 miljun u jirrappreżenta 3,3 % b'rabta mal-assi peżati għar-riskji tal-Bank (fl-aħħar tal-2008).

### 8.2. **Kompatibilità tal-għajnuna mas-suq intern**

#### 8.2.1. *Bażi legali għall-evalwazzjoni tal-kompatibilità*

(68) Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tagħha tal-4 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni ma kkonkluditx dak li jkun il-bażi legali proprju għall-analiżi tal-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni. Fuq bażi tal-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien, id-deċiżjonijiet għall-investiment fi proġetti ta' żvilupp reġjonali li ttieħdu fil-perjodu konsiderevolment qabel il-kriżi finanzjarja dehru li huma l-akbar sors ta' diffikultajiet ta' Sparkasse KölnBonn. Peress li l-kriżi dehret li kompliet tkabbar il-problemi eżistenti tal-Bank, l-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE ma ġiex eskluż. Min-naħa l-oħra, id-data tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni fil-quċċata tal-kriżi finanzjarja u l-prattika tal-Kummissjoni fir-rigward ta' każijiet fil-qasam bankarju relatati mal-kriżi finanzjarja ssuġġeriet l-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

(69) Barra minn hekk, anki jekk deċiżjonijiet preċedenti għamlu referenza għal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-istat għas-salvataġġ u ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà ([23]) ("Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar"), il-Kummissjoni kkjarifikat f'punt 49 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar li l-għajnuna kollha notifikata lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2010 tiġi evalwata bħala għajnuna għar-ristrutturar lil banek skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar minflok il-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar.

(70) Minħabba s-sensittività kontinwa tas-settur bankarju fil-Ġermanja l-Kummissjoni kkonkludiet li x-xoljiment potenzjali ta' wieħed mill-akbar banek fil-Ġermanja dovut għal […] kien ikollu implikazzjonijiet sistematiċi u għalhekk jhedded l-istabilità finanzjarja fil-Ġermanja.

(71) Għalhekk, l-Artikolu 107(3)(b) TFUE huwa l-bażi legali adatt għall-evalwaazzjoni jekk l-għajnuna rċevuta minn Sparkasse KölnBonn hijiex kompatibbli mas-suq intern bħala għajnuna għar-ristrutturar sabiex tiġi preservata l-istabilità fit-tul.

#### 8.2.2. *Kompatibilità tal-għajnuna għar-ristrutturar mas-suq intern*

(72) Skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, l-ewwel, il-pjan ta' ristrutturar għandu juri li l-proċess ta' ristrutturar li jkun qed jagħmel benefiċjarju ta' għajnuna mill-istat huwa xieraq għall-ksib mill-ġdid tal-vijabilità tiegħu fit-tul. It-tieni, l-ammont ta' għajnuna għandu jkun limitat għall-minimu meħtieġ u kemm il-benefiċjarju kif ukoll id-detenturi tal-kapital tiegħu għandhom jikkontribwixxu għar-ristrutturar kemm jista' jkun bir-riżorsi tagħhom. It-tielet, jeħtieġ li jkun hemm miżuri sabiex jillimitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni maħluqa billi s-saħħa tas-suq tal-benefiċjarju tiġi appoġġjata b'mod artifiċjali u sabiex jassiguraw settur bankarju kompetittiv. Finalment, kwistjonijiet ta' monitoraġġ u proċedurali jeħtieġ li jiġu indirizzati.

([22]) Ara l-punt 29 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2008 fil-Każ NN 25/2008, *WestLB risk shield*; Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2008 fil-Każ C 43/2008, *WestLB risk shield* (ĠU C 322, 17.12.2008, p. 16), Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2009 fil-Każ C 43/2008, *WestLB risk shield*. Fil-kuntest tal-każ quddiem il-qorti attwali fir-rigward tal-ilqugħ għar-riskju minn WestLB, il-Ġermanja ma kkontestatx l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-appoġġ provdut mill-assoċjazzjonijiet tal-banek tat-tfaddil RSGV u WLSGV lil WestLB li huwa bbażat fuq riżorsi tal-istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

([23]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2. Saret referenza espliċita f'punt 42 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-miżuri li ttieħdu b'relazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali kurrenti ("Komunikazzjoni Bankarja").

(i) *Restawr tal-vijabilità fit-tul*

(73) B'mod konformi ma' punti 9 sa 11 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, il-Ġermanja ssottomettiet pjan ta' ristrutturar komprensiv u dettaljat li jipprovdi informazzjoni kompluta dwar il-mudell tan-negozju. Il-pjan jidentifika wkoll il-kawżi tad-diffikultajiet iffaċċjati mill-Bank.

(74) Fir-rigward tal-mudell tan-negozju tiegħu, Sparkasse KölnBonn għandu l-intenzjoni li jerġa' jiffoka fuq l-attivitajiet tradizzjonali tan-negozju ta' bank tat-tfaddil reġjonali. Ser jipprovdi firxa sħiħa ta' prodotti bankarji lis-segmenti tal-klijenti ewlenin tiegħu fir-reġjun ta' Cologne-Bonn: klijenti fil-livell tal-konsumaturi, SMEs kif ukoll klijenti korporattivi iżgħar u klijenti istituzzjonali li jinsabu fir-reġjun. Bħala konsegwenza, Sparkasse KölnBonn ser jikkonċentra fuq l-attivitajiet statutorji tiegħu u jikkapitalizza fuq il-kompetenza ewlenija tiegħu, fil-waqt li jirtira minn dawk l-oqsma li kienu l-oriġini tad-diffikultajiet finanzjarji tiegħu. B'mod partikolari, Sparkasse KölnBonn qed iwaqqaf in-negozju tal-proprjetà, is-sussidjarji kollha mhux ewlenin u investmenti fil-portafolli SAA u ABS. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-mudell tan-negozju ġdid tal-Bank hu vijabbli u sostenibbli fit-tul.

(75) Id-diffikultajiet ta' Sparkasse KölnBonn kienu attribwiti primarjament għal tliet attivitajiet: (i) proġetti ta' żvilupp reġjonali, (ii) investmenti f'portafolli ABS u SAA u (iii) l-investiment tal-Bank f'WestLB.

(76) Sparkasse KölnBonn kien diġà beda l-bejgħ jew il-likwidazzjoni ta' sussidjarji mhux ewlenin relatati mal-iżvilupp reġjonali fl-2008. Iċ-ċessjoni sħiħa ta' dawn l-attivitajiet tikkostitwixxi miżura meħtieġa u xierqa sabiex jiġi eliminat it-tħassib tal-Kummissjoni peress li ċ-ċessjonijiet jistabbilixxu limitu finali għal kwlunkwe telf fil-futur jew espożizzjoni għar-riskju li jirriżultaw mis-sussidjarji. Barra minn hekk, il-miżura tillibera kapital kif ukoll kapaċitajiet tal-ġestjoni, li jistgħu jerġgħu jiġu wżati fin-negozju ewleni tal-Bank. Barra minn hekk, iċ-ċessjonijiet ser inaqqsu wkoll il-karta tal-bilanċ tal-Bank b'madwar EUR [180-230] miljun ([0-2] %) ([24]).

(77) Peress li l-attivitajiet tas-sussidjarji li għandhom jinbiegħu lill-Belt ta' Cologne huma primarjament żvilupp ta' proprjetà immobbli u servizzi relatati mal-proprjetà immobbli, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li l-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar it-trattament ta' assi danneġġjati fis-settur bankarju tal-Komunità ([25]) ("Komunikazzjoni dwar Assi Danneġġjati") hija neċessarja jew xierqa f'dan il-każ. Il-valuri skont il-kotba ta' dawn is-sussidjarji tniżżlu fil-valur b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin sabiex jinġiebu f'konformità mal-valuri tas-suq tagħhom. Għalhekk, aktar telf sinifikanti għall-Bank dovut għall-bejgħ tas-sussidjarji mhuwiex mistenni. Barra minn hekk, l-impenn tal-Ġermanja li l-Bank ser ibigħ skont il-valur tas-suq, li jiġi determinat minn espert indipendenti, jassigura li l-ebda għajnuna mill-istat addizzjonali ma tkun involuta fit-tranżazzjonijiet.

(78) Sors ieħor tal-problemi tal-Bank kien il-portafolli ABS u SAA. Dawk l-investimenti kienu diġà tnaqqsu b'mod sinifikanti. Sparkasse KölnBonn ser jirtira kompletament minn dawk il-portafolli sal-aħħar tal-2014. Peress li dawk l-investimenti kienu barra mill-ambitu tal-mudell tan-negozju ġdid tal-Bank, l-irtirar minn dawk il-portafolli hu pass neċessarju fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' Sparkasse KölnBonn. Il-valuri skont il-kotba kurrenti tal-assi rimanenti fil-portafolli ABS u SAA huma b'mod ġenerali konformi mal-valur tas-suq tagħhom. Għalhekk, l-espożizzjoni għar-riskju rimanenti li tirriżulta minn dawn il-portafolli hija limitata u ma taffettwax il-vijabilità tal-Bank.

(79) Finalment, l-espożizzjoni rimanenti tal-Bank għal WestLB, li fil-passat irriżultat f'telf għal Sparkasse KölnBonn ta' EUR […] miljun, hija limitata fid-daqs u kkumpensata bir-riżervi fil-portafoll tal-investiment tal-RSGV. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni tal-Bank [għal …] għandha ssir biss minn profitti futuri netti. Għalhekk, l-obbligu ta' Sparkasse KölnBonn li jikkontribwixxi [għal…] ma jipperikolax il-vijabilità fit-tul ta' Sparkasse KölnBonn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva b'mod pożittiv il-fatt li l-kontribuzzjonijiet tal-Bank jistgħu jsiru biss ladarba l-kapital tal-Istat ikun tħallas b'mod konformi mat-termini tar-rikapitalizzazzjoni.

(80) Il-Kummissjoni tinnota li l-Bank diġà indirizza u ser ikompli jindirizza d-dgħjufija tal-governanza korporattiva tiegħu. Il-bidla fl-istruttura tal-azzjonisti u l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata introdotta fid-dawl tal-fużjoni ta' Stadtsparkasse Köln ma' Sparkasse Bonn fl-2005 tassigura li l-interessi politiċi tas-sidien ma jisbqux l-interessi tal-Bank. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istruttura u d-daqs tal-korpi ta' Sparkasse KölnBonn kif ukoll fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet iwasslu għal aktar responsabbiltà tal-maniġment superjuri. Inqas responsabbiltajiet maqsuma, kif ukoll proporzjon ogħla ta' personal li mhuwiex politikament motivat u li hu [… estern] esperti fil-korpi tal-Bank, iżidu t-trasparenza u l-effiċjenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Flimkien mal-bidla fl-istruttura tal-azzjonisti, dawk il-miżuri jindirizzaw is-sorsi ta' diffikultajiet ta' Sparkasse KölnBonn minħabba li jimminimizzaw ir-riskju li Sparkasse KölnBonn jiġi involut fi proġetti poltikament motivati li jkunu f'kunflitt mal-interessi ekonomiċi tal-Bank. Barra minn hekk, l-indipendenza tal-ġestjoni tal-Bank tidher li hi stabbilita b'mod suffiċjenti fil-liġi eżistenti. Il-fatt li Sparkasse KölnBonn provda evidenza li mill-2004 il-Bank ma kienx involut fi proġetti ġodda li huma motivati politikament juri li l-miżuri implimentati huma effettivi. Globalment, il-kodiċi ta' governanza korporattiva ġdid huwa konformi

([24]) It-tnaqqis tal-karta tal-bilanċ taċ-ċessjonijiet jirrifletti biss il-valur skont il-kotba tal-entitajiet.

([25]) ĠU C 72, 26.3.2009, p. 1.

ma' dak li nkiseb f'każi komparabbli ([26]). Għalhekk, il-bidliet implimentati u kommessi tal-governanza korporattiva ta' Sparkasse KölnBonn jistgħu jiġu kkunsidrati adegwati u suffiċjenti sabiex jikkontribwixxu biex tinkiseb mill-ġdid il-vijabilità tal-Bank fit-tul.

(81) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pjan ta' ristrutturar ta' Sparkasse KölnBonn jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'punti 9 u 12-15 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, jiġifieri li l-pjan ta' ristrutturar għandu juri kif il-Bank ser jerġa' jikseb il-vijabilità tiegħu fit-tul mingħajr għajnuna mill-istat kemm jista' jkun malajr. B'mod partikolari, il-Bank għandu jkun kapaċi jiġġenera qligħ fuq l-ekwità xieraq, li jkopri l-ispejjeż kollha tal-operazzjonijiet normali kollha tiegħu u jikkonforma mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti.

(82) L-ewwel, Sparkasse KölnBonn ipprovda projezzjonijiet finanzjarji għall-perjodu 2008-2014, fejn jagħti informazzjoni dwar dħul, spejjeż, indebolimenti, profitti u pożizzjoni tal-kapital tal-Bank. Il-Kummissjoni ssib li l-projezzjonijiet tal-każ bażiku pprovduti huma bbażati fuq suppożizzjonijiet makroekonomiċi sottostanti raġonevoli. Il-Bank jerġa' jistenna li jiġġenera profitti fl-2010 u jkompli jtejjeb ir-riżultati annwali tiegħu matul il-perjodu kollu ta' ristrutturar. Barra minn hekk, fl-2014 ROE ser jilħaq livell ta' [9-10] %, li jidher li hu livell adegwat ta' remunerazzjoni għal bank tal-klijenti konsumaturi f'kundizzjonijiet tas-suq normali. Barra minn hekk, mill-bidu tal-2013 Sparkasse KölnBonn ser iħallas kompletament il-miżuri ta' għajnuna. Il-proporzjonijiet ta' kapital tal-Bank ser jibqgħu 'l fuq sew mir-rekwiżiti regolatorji minimi bil-proporzjoni Tier-1 jitjieb minn 6,1 % fl-2009 għal [8-9] % fl-2014.

(83) It-tieni, Sparkasse KölnBonn wera li hu kapaċi jiflaħ xenarju ta' stress. Is-suppożizzjonijiet ta' xenarju ta' stress ġew evalwati li huma raġonevoli. Peress li x-xenarju ta' stress juri li Sparkasse KölnBonn ser jeċċedi r-rekwiżiti ta' kapital regolatorji tiegħu, il-Bank jista' jiġi kkunsidrat li ssodisfa r-rekwiżiti ta' paragrafu 13 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar. Barra minn hekk, l-analiżi tas-sensittività turi li l-Bank huwa kapaċi jiflaħ bidla sinifikanti firrati ta' interess fil-futur.

(84) Finalment, Sparkasse KölnBonn ippreżenta strateġija ta' ċessjoni bikrija parzjali. Il-ħlas parzjali tal-kapital tal-istat għandu jkun possibbli mingħajr ma jitnaqqas il-bażi ta' kapital tal-istituzzjoni, peress li l-proporzjon ta' kapital Tier-1 ta' Sparkasse KölnBonn huwa proġettat li jilħaq [6-7] % fl-2010 u ser jeċċedi dan il-livell wara fix-xenarju tal-każ bażiku u ser jibqa' 'l fuq sew mill-minimu regolatorju f'xenarju ta' każ ta' stress fil- pjan ta' ristrutturar. Iċ-ċessjoni bikrija parzjali ma tinvolvix għajnuna addizzjonali jew lil Sparkasse KölnBonn jew lill-entitajiet oħra li huma parti mit-tranżazzjoni. L-ewwel, minħabba d-disinn tal-prezz tax-xiri li għandu jitħallas għall-ewwel porzjon ta' EUR 150 miljun tal-*Genussrechte*, li jissimula strettament il-fluss tal-flus li Förderungsgesellschaft tirċievi li kieku żammet l-istrument, Förderungsgesellschaft ma kinitx tispiċċa f'pożizzjoni aktar favorevoli. It-tieni, it-tranżazzjoni ssir bejn żewġ entitajiet pubbliċi. Barra minn hekk, peress li l-istrument li għandu jiġi konvertit f'kapital Tier-1 diġà jikkwalifika bħala għajnuna u Sparkasse KölnBonn ser iħallas l-istess remunerazzjoni għaz-Zweckverband wara l-konverżjoni, il-Kummissjoni ma tara l-ebda għajnuna addizzjonali involuta fil-konverżjoni. Finalment, ir-riakkwist minn Sparkasse KölnBonn tat-tieni porzjon ta' EUR 150 miljun ser jissimula strettament ukoll il-fluss tal-flus li Förderungsgesellschaft kienet tirċievi li kieku żammet l-istrument.

(85) Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pjan ta' ristrutturar sottomess minn Sparkasse KölnBonn jissodisfa r-rekwiżiti tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar fir-rigward tar-restawr tal-vijabilità fit-tul u b'hekk jitnaqqsu d-dubji espressi fid-Deċiżjoni tal-ftuħ.

(ii) Kontribuzzjoni proprja/qsim tal-piżijiet

(86) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, il-banek u l-azzjonisti tagħhom jeħtieġ li jikkontribwixxu kemm jista' jkun għar-ristrutturar sabiex jassiguraw li l-għajnuna tkun limitata għall-minimu neċessarju. Dan ifisser li l-banek jużaw ir-riżorsi proprji tagħhom sabiex jiffinanzjaw ir-ristrutturar, pereżempju billi jbigħu assi, filwaqt li l-azzjonisti għandhom jassorbu t-telf tal-Bank fejn ikun possibbli. Il-miżuri kommessi minn Sparkasse KölnBonn jassiguraw li r-riżorsi tiegħu jintużaw u li investituri privati li għandhom kapital ibridu tal-Bank jikkontribwixxu għar-ristrutturar.

(87) Il-pjan ta' ristrutturar ma fih l-ebda elementi li jissuġġerixxu li l-għajnuna teċċedi l-mezzi meħtieġa sabiex ikopru l-ispejjeż li jiġu skattati bir-restawr tal-vijabilità. L-għajnuna rċevuta hija meħtieġa sabiex tassigura li Sparkasse KölnBonn ikollu riżervi ta' kapital raġonevoli fil-każ bażiku u jkun kapaċi jikkonforma mar-rekwiżiti ta' kapital regolatorji f'xenarju ta' stress.

(88) Fir-rigward tal-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tar-ristrutturar permezz ta' riżorsi interni ġġenerati minn Sparkasse KölnBonn, il-Kummissjoni tinnota li l-Bank qiegħed jimplimenta miżuri ta' tnaqqis tal-ispejjeż. Il-miżuri ta' tnaqqis tal-ispejjeż ser jirriżultaw fi tnaqqis ta' spejjeż annwali ta' EUR [25-35] miljun sat-tmiem tal-perjodu tar-ristrutturar, li jirrappreżenta madwar [5-8] % tal-ispejjeż totali fl-2009.

(89) Barra minn hekk, iċ-ċessjonijiet ta' sussidjarji mhux ewlenin profittabbli ser jiġġeneraw dħul li jista' jintuża sabiex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż tar-ristrutturar.

(90) Il-Bank ma għandu l-ebda diskrezzjoni sabiex jissospendi jew jipposponi l-ħlas ta' kupun fuq strumenti ibridi jekk jiġġenera profitt f'sena partikolari. Madankollu, id-detenturi tal-istrumenti ibridi jġorru wkoll safejn hu possibbli t-telf imġarrab minn Sparkasse KölnBonn, peress li kemm

([26]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2009 fil-każ C 17/2009, *Restructuring of LBBW* (ĠU L 188, 21.7.2010, p. 1).

il-ħlas ta' kupuni u s-somma kapitali ewlenija ta' kapital ibridu ġew sospiżi jew ipparteċipaw fl-assorbiment tat-telf ta' Sparkasse KölnBonn. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-massimu possibbli tal-qsim tal-piżijiet mill-investituri privati tiegħu huwa assigurat u għalhekk ir-rekwiżiti tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar għall-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tar-ristrutturar mill-investituri privati ntlaħqu.

(91) Punt 24 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar jispeċifika li remunerazzjoni adegwata tal-kapital tal-istat hu wkoll mezz ta' kif jinkesb il-qsim tal-piżijiet. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkunsidra l-livell ta' remunerazzjoni stabbilit fit-termini tal-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni huwa xieraq b'rabta mal-miżuri l-oħra ta' qsim tal-piżijiet deskritti hawn fuq. Il-profitti proġettati ser jippermettu lill-Bank iħallas il-kapital tal-istat u jħallas il-kupuni sospiżi b'mod konformi mat-termini tar-rikapitalizzazzjoni li jibdew mill-2011 għal *Genussrechte* u mill-2013 għal parteċipazzjoni passiva, wara li l-kapital nominali tal-istrumenti jkun ġie miżjud. Għandu jiġi nnutat li l-interess fuq il- *Genussrechte* li għandu l-Istat huwa kumulattiv għal [2-6] snin u l-kapital imnaqqas dovut għall-assorbiment tat-telf għandu jiġi miżjud fil-każ taż-żewġ strumenti ta' rikapitalizzazzjoni. Għalhekk, skont il-projezzjonijiet finanzjarji fil-każ bażiku l-interess mhux imħallas fuq il-*Genussrechte* u s-somma mnaqqsa tal-kapital ewlieni taż-żewġ strumenti ser jiġu sussegwentament irkuprati mill-Istat.

(92) Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pjan ta' ristrutturar sottomess mill-Ġermanja jipprovdi kontribuzzjoni proprja suffiċjenti għar-ristrutturar u għalhekk inaqqas id-dubji espressi fid-Deċiżjoni tal-ftuħ.

(iii) Miżuri li jillimitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni

(93) Il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar tistipula li l-pjan ta' ristrutturar jipproponi miżuri li jillimitaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u li jassiguraw settur bankarju kompetittiv. Barra minn hekk, dawn għandhom jindirizzaw ukoll kwistjonijiet relatati mal-periklu morali u jassiguraw li għajnuna mill-istat ma tintużax sabiex jiġi ffinanzjat komportament antikompetittiv.

(94) Il-pakkett ta' miżuri jindirizza b'mod suffiċjenti l-kwistjoni tal-periklu morali. Sparkasse KölnBonn huwa kommess li jimplimenta bejgħ komprensiv ta' negozji mhux ewlenin profittabbli. Dawn jinkludu sehem fi […], […], RW Holding AG, S ProFinanz Versicherungsmakler GmbH, Schufa Holding AG u Neue Leben Pensionsverwaltung AG, li huma sinifikanti […] ta' Sparkasse KölnBonn.

(95) L-awtoritajiet Ġermaniżi pprovdew skeda taż-żmien għaċ-ċessjonijiet ippjanati u ntrabtu li jaħtru fiduċjarju tal-monitoraġġ sabiex jassigura li l-impenji jitwettqu filħin. Fiduċjarju għaċ-ċessjoni jkun maħtur għaċ-ċessjonijiet jekk l-iskeda taż-żmien ma tinżammx.

(96) Ir-ristrutturar tal-Bank jinkludi tnaqqis tal-preżenza ta' Sparkasse KölnBonn f'ċertu segmenti tal-klijenti. Dawk il-miżuri jippermettu lill-kompetituri jaċċessaw partijiet tal-klijenti kbar korporattivi u istituzzjonali tal-Bank. Minħabba li taffettwa primarjament entitajiet kbar, li ġeneralment għandhom aċċess għas-swieq kapitali, il-Kummissjoni tikkunsidra r-riskju ta' impatt negattiv fuq l-ekonomija reali ta' din il-miżura bħala negliġibbli.

(97) Barra minn hekk, bħala konsegwenza tal-implimentazzjoni tal-miżuri tar-ristrutturar, Sparkasse KölnBonn ser inaqqas l-assi totali tiegħu bi [15-20] % f'termini ta' RWA ([15-20] % f'termini ta' assi totali) fuq bażi ta' proforma u b'[10-15] % inkluż tkabbir fil-futur (5 % f'termini ta' assi totali). It-tnaqqis ikun primarjament dovut għall-irtirar mill-investimenti SAA u ABS, iċ-ċessjoni tan-negozju ta' proprjetà ([6-8] % f'termini RWA, [6-8] % f'termini tal-assi totali) u t-tnaqqis tal-espożizzjonijiet ta' kreditu kbar u linji ta' kreditu għall-klijenti istituzzjonali (RWA: [5-7] %, assi totali: [5-7] %).

(98) Fid-dawl tal-ammont ta' għajnuna fil-każ preżenti (3,3 % ta' RWA), dawn il-miżuri jistgħu jitqiesu li huma suffiċjenti u proporzjonati f'termini tat-tnaqqis tad-daqs u l-ambitu tal-attivitajiet tal-Bank. Sparkasse KölnBonn huwa attiv biss fir-reġjun ta' Cologne-Bonn, fejn għandu ([18-23] % - [30-35] % sinifikanti li jiddependi fuq il-prodott), iżda mhux pożizzjoni tas-suq dominanti. Barra minn hekk, il-Bank ma jaġixxix bħala bank li għandu pożizzjoni dominanti fuq il-prezzjijiet fis-segmenti tan-negozju ewlenin tiegħu. Għal din ir-raġuni, miżuri addizzjonali li għandhom l-għan li jkompli jnaqqsu s-sehem tas-suq tal-Bank fis-suq tal-klijenti konsumaturi ewlieni tiegħu, ma jidhrux li huma xierqa fil-każ ta' Sparkasse KölnBonn. L-ewwel, il-Kummissjoni tinnota li l-attività ewlenija ma kinitx is-sors tad-diffikultajiet tal-Bank. Barra minn hekk, il-Ġermanja pprovdiet evidenza suffiċjenti li turi li t-tali miżuri jkunu diffiċli u bi spejjeż sproporzjonati sabiex jiġu implimentati, b'hekk jaffettwaw negattivament l-abbiltà ta' profitt sottostanti tal-Bank, u tikkostitwixxi theddida għall- vijabilità fit-tul ta' Sparkasse KölnBonn. Barra minn hekk, it-tali miżuri jaffettwaw avversament is-segmenti tan-negozju ewlenin ta' Sparkasse KölnBonn, SMEs u klijenti privati, li madankollu, ma kinux is-sors tad-diffikultajiet tal-Bank. Finalment, minħabba s-sorsi alternattivi limitati tal-finanzjament għal dawk il-gruppi ta' klijenti u l-prattika tal-każ tal-Kummissjoni, li għandha l-għan li żżomm is-self għall-ekonomija reali, il-Kummissjoni ssib li aktar restrizzjonijiet għall-ambitu tal-attivitajiet ta' Sparkasse KölnBonn ikollhom impatt fuq in-negozju ewlieni tiegħu u għalhekk ikunu ta' dannu kemm għall-Bank kif ukoll għas-swieq fejn iforni s-servizzi tiegħu.

(99) Il-Kummissjoni tinnota wkoll l-impenji ta' komportament provduti minn Sparkasse KölnBonn u l-Ġermanja. Dan l-impenji jinkludu projbizzjoni ta' pożizzjoni dominanti

fuq il-prezzijiet u projbizzjoni tar-reklamar b'appoġġ tal-istat, b'hekk Sparkasse KölnBonn ikun impedut milli juża l-għajnuna sabiex jiffinanzja komportament antikompetittiv fis-suq. B'mod konformi ma' punt 40 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, il-projbizzjoni tal-akkwiżizzjoni, barra minn hekk tassigura li l-għajnuna mill-istat ma tintużax sabiex jittieħed il-kontroll tal-kompetituri.

(100) Fuq il-bażi ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iskala u n-natura tal-miżuri proposti minn Sparkasse KölnBonn huma suffiċjenti u adegwati sabiex jindirizzaw kwalunkwe distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Għalhekk, il-pjan ta' ristrutturar ta' Sparkasse KölnBonn jissodisfa r-rekwiżiti tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar f'termini ta' vijabilità, qsim tal-piżijiet u miżuri sabiex jimmitigaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u b'hekk jitnaqqsu dubji espressi fid-Deċiżjoni tal-ftuħ.

8.2.3. *Monitoraġġ*

(101) B'mod konformi ma' taqsima 5 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, jinħtieġu rapporti regolari sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tivverifika li l-pjan ta' ristrutturar qiegħed jiġi implimentat kif suppost. Il-Ġermanja ser taħtar fiduċjarju għall-monitoraġġ li ser jipprovdi rapporti dwar il-monitoraġġ kull sitt xhur. L-ewwel rapport huwa mistenni fi Frar 2011. Il-Kummissjoni, għalhekk, tqis li l-monitoraġġ kif suppost tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar huwa assigurat.

Konklużjoni tal-pjan ta' ristrutturar

(102) Il-Kummissjoni tqis li l-pjan ta' ristrutturar stabbilit f'kapitolu 4 ta' din id-Deċiżjoni huwa kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

## 9. KONKLUŻJONI

(103) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ta' ristrutturar huma adatti sabiex jippermettu li Sparkasse KölnBonn jerġa' jikseb il-vijabilità tiegħu fit-tul, suffiċjenti fir-rigward tal-qsim tal-piżijiet u xierqa u proporzjonati għall-kumpens tal-effetti ta' distorsjoni tas-suq tal-miżuri ta' għajnuna in kwistjoni. Hi għalhekk tqis li l-pjan ta' ristrutturar sottomess jissodisfa l-kriterji tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar u l-miżuri ta' ristrutturar jistgħu għalhekk jitqiesu li huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Il-miżuri ta' injezzjoni ta' kapital jistgħu għalhekk jiġu approvati skont il-pjan ta' ristrutturar,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna għar-ristrutturar provduta lil Sparkasse KölnBonn mill-azzjonisti pubbliċi tiegħu tikkostitwixxi għajnuna mill-istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern, soġġetta għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar u l-osservanza tal-impenji stabbiliti fl-Annessi I, II u III.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni ġiet indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Viċi-President*

*ANNESS*

Kummissjoni Ewropea – *Taskforce* għall-Kriżi Finanzjarja
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Rue Joseph II/Jozef II-straat 70
1000 Brussell
Belgium

**Każ C 32/09 – Sparkasse KölnBonn**

IMPENJI LEJN IL-KUMMISSJONI EWROPEA

B'mod konformi mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/99 ([1]), kif ġie emendat, il-Ġermanja hawnhekk qed tipprovdi l-impenji li ġejjin fir-rigward ta' Sparkasse KölnBonn sabiex tippermetti lill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") issib ir-rikapitalizzazzjoni ta' Sparkasse KölnBonn kompatibbli mas-suq intern bid-deċiżjoni taħt l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-impenji għandhom jidħlu fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni.

Dan it-test għandu jiġi interpretat fi ħdan il-qafas ġenerali tal-liġi tal-UE u b'referenza għar-Regolament (KE) Nru 659/99, u billi tiġi kkonsidrata d-Deċiżjoni li magħha huma mehmuża l-impenji.

---

([1]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

*ANNESS I*

**Taqsima A – Impenji**

1. **Governanza korporattiva:** Il-Gvern Federali u Sparkasse KölnBonn jintrabtu li Sparkasse KölnBonn ser jagħmel l-emendi li ġejjin lill-governanza korporattiva tiegħu:

(a) In-numru ta' membri esterni tal-Bord tas-Sorveljanza għandu jiżdied minn żewġ membri kif inhu bħalissa għal erbgħa mill-1 ta' Jannar 2011. In-numru totali tal-membri tal-Bord tas-Sorveljanza għandu jiġi ristrett għal tmintax.

(b) Il-Bord tas-Sorveljanza ta' Sparkasse KölnBonn għandu jaħtar il-kumitati li ġejjin biss fil-futur u jnaqqas il-membri tiegħu għan-numru stipulat mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2011.

— Kumitat tal-kontabilità (seba' membri)

— Kumitat dwar ir-riskju (sitt membri)

— Kumitat ewlieni (tliet membri)

(c) Il-kumitat dwar l-Istrateġija u l-kumitat dwar l-Investiment għandhom jiġu aboliti mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 u l-31 ta' Diċembru 2011 rispettivament.

(d) Il-membri kollha tal-Bord tas-Sorveljanza għandhom jippossiedu l-abilitajiet stipulati fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 36(3) tal-Att dwar is-Servizzi Bankarji Ġermaniż.

(e) B'effett mill-1 ta' Jannar 2011 il-Bord tal-Ġestjoni ta' Sparkasse KölnBonn għandu jagħmel il-linji gwida għal deċiżjonijiet ta' investiment iktar stretti kif ġej: Il-Bord tal-Ġestjoni ser ikun kapaċi jieħu deċiżjonijiet relatati mal-investiment biss jekk ikun hemm unanimità u – fil-każ ta' investimenti 'l fuq minn valur nominali ta' EUR [2-5] miljuni – wara verifika ta' diliġenza li tinvolvi awditur, jekk ikun meħtieġ.

2. **Negozju ta' proprjetà:** Sparkasse KölnBonn għandu jieqaf jinnegozja minn rajh. Dan ifisser li Sparkasse KölnBonn għandu jwettaq biss tranżazzjonijiet li jew

(a) huma neċessarji sabiex jirċievi, jittrażmetti u jeżegwixxi l-ordnijiet tal-klijenti tiegħu sabiex ibigħ u jixtri, jew

(b) jgħinu lill-bank tat-tfaddil iwettaq likwidità jew ġestjoni tar-riskju.

Taħt l-ebda ċirkostanza Sparkasse KölnBonn ma jista' joħloq pożizzjonijiet minn rajh, ħlief jekk dawn joriġinaw minħabba li Sparkasse KölnBonn, pereżempju, ma jwettaqx ċertu ordnijiet tal-klijenti minnufih. Pożizzjonijiet ta' dan it-tip u l-pożizjonijiet tal-likwidità/ġestjoni tar-riskju huma permessi biss jekk dawn ma jipperikolawx il-vijabilità u/jew il-likwidità tal-Bank. Sparkasse KölnBonn għandu għalhekk jillimita r-riskju tas-suq tal-portafoll tan-negozju tiegħu għal EUR [3-5] miljuni (Valur b'Riskju b'livell ta' kunfidenza ta' 99 %).

3. **Self lill-ekonomija:** Permezz tal-attivitajiet ta' self u investimenti tiegħu, li jitmexxew taħt kundizzjonijiet tas-suq normali li jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar is-superviżjoni u l-industrija tas-servizzi bankarji, Sparkasse KölnBonn għandu jissodisfa l-ħtiġijiet ta' self tas-settur tan-negozju, partikolarment tal-SMEs.

4. **Tnaqqis ta' espożizzjonijiet kbar u kreditu fi flus kontanti**

Bħala parti mir-riorjentazzjoni tiegħu, Sparkasse KölnBonn għandu jnaqqas gradwalment l-espożizzjonijiet ta' kreditu kbar tiegħu sabiex inaqqas ir-riskji assoċjati. Il-miżuri jinkludu, fost affarijiet oħra, il-limitazzjoni tal-linji tal-kreditu, it-talba ta' kollaterali addizzjonali jew trasferiment ta' riskji lil istituzzjonijiet tal-kreditu oħra.

Sal-aħħar tal-2013 Sparkasse KölnBonn għandu jnaqqas l-espożizzjonijiet ta' kreditu kbar b'EUR [900-1 100] miljun, li minnhom EUR [400-550] miljun għandhom ikunu diġà nkisbu sal-aħħar tal-2010. Krediti fi flus kontanti mogħtija lil klijenti istituzzjonali, li mhumiex konnessi mar-reġjun ta' Cologne-Bonn, għandhom jitnaqqsu b'EUR [800-900] miljun sal-aħħar tal-2013.

5. **Projbizzjoni ta' pożizzjoni dominanti fuq il-prezzijiet:** Sal-31 ta' Diċembru 2014 Sparkasse KölnBonn ma għandux, mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-quddiem tal-Kummissjoni, joffri prezzijiet aktar favorevoli fis-swieq rilevanti għat-teħid ta' depożitu […] u għal self ipotekarju fit-tul […] mill-aqwa prezzijiet tal-kompetitur tiegħu fost l-aqwa għaxar atturi tas-suq f'termini ta' sehem tas-suq ([1]) fis-suq rilevanti.

([1]) […].

6. Hekk kif Sparkasse KölnBonn ikun konxju li qiegħed joffri prezzijiet aktar favorevoli mill-aqwa prezzijiet tal-kompetitur tiegħu, għandi jaġġusta minnufih il-prezzijiet tiegħu b'mod korrispondenti.

7. **Projbizzjoni ta' dividendi u kupuni:** Il-Ġermanja tintrabat, fir-rigward tal-ħlas ta' kupuni u opzjonijiet ta' eżerċizzju fuq strumenti kapitali, li

   (a) Sparkasse KölnBonn jew kwalunkwe enitajiet oħra tiegħu ma għandhomx jużaw il-kapital jew riżervi ta' Sparkasse KölnBonn sabiex iħallsu kwalunkwe kupuni fuq strumenti kapitali, ħlief jekk (a) hemm obbligu legali sabiex isir hekk, jew (b) meta l-ħlas tal-kupun rilevanti jkun kopert mill-profitti kurrenti ta' Sparkasse KölnBonn. F'każ ta' dubji b'rabta mal-eżistenza ta' obbligu legali jew profitt kurrenti suffiċjenti għall-iskop ta' dan l-impenn, Sparkasse KölnBonn għandu jissottometti l-ħlas tal-kupun propost lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni;

   (b) L-ebda entità ta' Sparkasse KölnBonn ma għandha teżerċita opzjoni ta' eżerċizzju fir-rigward ta' dawn l-istrumenti kapitali ibridi jekk il-kapital regolatorju kollu ta' Sparkasse KölnBonn jitnaqqas bħala riżultat.

   Matul l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014, Sparkasse KölnBonn għandu jħallas kupun fuq l-assorbiment ta' telf u jevitah b'kapital subordinat biss jekk ikun obbligat li jagħmel hekk, u bil-kondizzjoni li ma jkunx jeħtieġ li joħroġ riżervi u allokazzjonijiet speċjali b'mod konformi mal-Artikolu 340 f u g tal-Kodiċi Kummerċjali.

8. **Projbizzjoni tal-akwiżizzjoni:** Hekk kif id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ, Sparkasse KölnBonn ma għandux jikseb aktar minn 20 % tal-ishma f'istituzzjonijiet oħra finanzjarji matul perjodu ta' tliet snin. Tranżazzjonijiet oħra ta' parteċipazzjoni li mhumiex relatati man-negozju ta' klijent oriġinali ta' Sparkasse KölnBonn fil-mudell tan-negozju tiegħu jistgħu jitwettqu xorta waħda, bil-kundizzjoni li dawn ma jipperikolawx il-vijabilità ta' Sparkasse u ġew approvati mill-Kummissjoni Ewropea. Minbarra dan, Sparkasse KölnBonn ma għandux jikseb parteċipazzjonijiet li mhumiex neċessarji għan-negozju ewlieni tiegħu, jew li jinvolvu riskji eċċessivi.

9. **L-ebda referenza għall-appoġġ mill-istat fir-reklamar**: Sparkasse KölnBonn ma għandux juża l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea tal-miżuri, li l-Kummissjoni Ewropea evalwat li jikkostitwixxu għajnuna mill-istat, jew vantaġġi kompetittivi oħra li jirriżulta minnhom, għal skopijiet ta' reklamar.

### Taqsima B – In-negozju li għandu jiġi divestit

10. Sparkasse KölnBonn għandu jbigħ il-parteċipazzjonijiet li ġejjin (li ssir referenza għalihom flimkien bħala n-negozju li għandu jiġi divestit), sakemm ma jkunux diġà nbiegħu, sa mhux iktar tard mid-dati indikati u għall-aqwa prezzijiet possibbli. Dan għandu jippermetti li l-elementi ta' valur essenzjali tan-negozju kurrenti jinżammu sakemm dawn jitqiegħdu għall-bejgħ.

| **Parteċipazzjoni** | **Li għandhom jinbiegħu sa mhux iktar tard minn** |
|---|---|
| Golfclub Gut Lärchenhof GmbH | Diġà mibjugħ fl-2009 |
| TA Triumph Adler AG | Diġà mibjugħ fl-2009 |
| RW Holding AG | Diġà mibjugħ fl-2009 |
| S ProFinanz Versicherungsmakler GmbH | Diġà mibjugħ fl-2009 |
| Schufa Holding AG | Diġà mibjugħ fl-2009 |
| Sparkassen Servicegesellschaft für Zahlungssysteme und elektronische Vertriebskanäle mbH & Co KG | Assi mibjugħa/Likwidazzjoni sal-aħħar tal-2010 |
| […] | […] |
| Campus Grundstückentwicklungs GmbH | Assi diġà mibjugħa/likwidazzjoni fl-2011 |
| […] | […] |
| […] | […] |
| […] | […] |
| neue leben Pensionsverwaltung AG | Fl-aħħar tal-2010 |
| […] | […] |
| […] [2] | […] |
| […] [3] | […] |

(2) […].
(3) […].

11. Sabiex jiġu evitati distrorsjonijiet mhux adattati tal-kompetizzjoni, Sparkasse KölnBonn jintrabat li jbigħ, jew jipprokura n-negozji msemmijin hawn fuq sabiex jiġu divestiti bħala negozji avvjati taħt it-termini tal-bejgħ approvati mill-Kummissjoni b'mod konformi mal-proċedura deskritta fil-paragrafu 26. Sparkasse KölnBonn jintrabat li jidħol fi ftehim ta' xiri vinkolanti, finali għall-bejgħ tan-negozju li għandu jiġi divestit fi ħdan l-ewwel perjodu ta' ċessjoni ([4]). Jekk Sparkasse KölnBonn ma jkunx għadu daħal f'dan il-ftehim sal-aħħar tal-ewwel perjodu ta' ċessjoni,

(a) id-data tal-iskadenza tiġi estiża b'aktar […] jekk Sparkasse KölnBonn jista' jipprova li […]. Sparkasse KölnBonn jintrabat li jidħol fi ftehim ta' xiri vinkolanti, finali […] fi ħdan il-perjodu ta' ċessjoni estiż għall-bejgħ tan-negozju li għandu jiġi divestit;

(b) jekk Sparkasse KölnBonn ma daħalx fit-tali ftehim sal-aħħar tal-perjodu taċ-ċessjoni estiż, għandu jagħti lill-fiduċjarju taċ-ċessjoni mandat esklussiv sabiex ibigħ in-negozju li għandu jiġi divestit fi ħdan il-perjodu ta' ċessjoni għall-fiduċjarju ([5]). Il-proċedura għan-nomina tal-fiduċjarju għaċ-ċessjoni, u l-kompiti tiegħu huma stabbiliti fl-Anness III.

12. L-impenn għaċ-ċessjoni jitqies li ġie sodisfatt jekk Sparkasse KölnBonn jidħol fi ftehim ta' xiri vinkolanti, finali sal-aħħar tal-perjodu taħt il-paragrafu 10 jew tal-perjodu estiż taħt il-paragrafu 11 ma' akkwirent li jissodisfa l-kundizzjonijiet f'paragrafi 25 u 26, u jekk it-trasferiment tan-negozju li għandu jiġi divestit iseħħ mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-konklużjoni tal-ftehim tax-xiri.

13. Sparkasse KölnBonn għandu jbigħ il-parteċipazzjonijiet li ġejjin sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2011 lill-Belt ta' Cologne, kumpanija konnessa mal-Belt ta' Cologne jew terza parti:

— […]

— […]

— […]

— […]

— […]

— […]

— […]

— […]

— […]

— […]

— […]

14. It-tranżazzjonijiet individwali mal-Belt ta' Cologne għandhom jitwettqu taħt kundizzjonijiet tas-suq normali. Għal dan il-għan, il-valur tas-suq kurrenti tal-oġġetti tal-bejgħ fiż-żmien tat-trasferiment għandu jiġi determinat minn espert indipendenti. Il-fiduċjarju għas-sorveljanza għandu jissorvelja t-tranżazzjonijiet individwali.

Fil-kuntest tat-tranżazzjoni huwa permess ukoll li l-assi u l-attivitajiet ta' negozju ta' kumpanija jiġu trasferiti, minflok il-kumpanija in kwistjoni, jekk dan jaqdi l-iskop tan-negozju intiż.

15. Kumpanija tal-awditjar għandha tivverifika l-valutazzjoni tal-assi u dejta tan-negozju ġenerali miftiehma kuntrattwalment f'isem l-akkwirent.

16. Qabel ma ssir it-tranżazzjoni, il-fiduċjarju għas-sorveljanza għandu jiġi infurmat bid-dettalji tagħha.

17. Sabiex jinżamm l-effett strutturali tal-impenji, Sparkasse KölnBonn ma jistax, għal perjodu ta' […] wara li jidħlu fis-seħħ, jikseb influwenza diretta jew indiretta fuq in-negozju kollu jew parzjali li għandu jiġi divestit, ħlief jekk il-Kummissjoni tkun sabet qabel li l-istruttura tas-suq inbidlet sa ċertu punt li l-protezzjoni tan-negozju li għandu jiġi divestit mit-tali influwenza mhijiex aktar neċessarja sabiex il-miżuri tar-ristrutturar isiru kompatibbli mas-suq intern.

18. Fil-futur, Sparkasse KölnBonn għandu jagħti mhux aktar minn [30-60] % tal-finanzjament lis-sussidjarji tiegħu li għandhom jiġu divestiti. Issir eċċezzjoni għas-self eżistenti sad-data ta' maturità taħt il-ftehim tas-self.

([4]) Perjodu mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni sad-dati stipulati fil-paragrafu 10.
([5]) […].

19. Il-profitti mill-bejgħ tal-parteċipazzjonijiet ta' Sparkasse KölnBonn għandhom jintużaw kompletament sabiex jiġi ffinanzjat il-pjan ta' ristrutturar.

**Taqsima C – Impenji relatati ma' ċessjoni**

*Preservazzjoni tal-vijabilità, il-vijabilità kummerċjali u l-kompetittività tan-negozju li għandu jiġi divestit*

20. Mid-data meta l-impenji jidħlu fis-seħħ sat-trasferiment, Sparkasse KölnBonn għandu jippreserva, b'mod konformi tal-prattika tajba tan-negozju, il-vijabilità ekonomika, il-vijabilità kummerċjali u l-kompetittività tan-negozju li għandu jiġi divestit u għandu jimminimizza kemm jista' jkun kwalunkwe riskju li jista' jnaqqas il-potenzjal tal-kompetittività tiegħu. Sparkasse KölnBonn jintrabat, b'mod partikolari

(a) li ma jwettaq l-ebda attività li jista' jkollha impatt avvers fuq il-valur, ġestjoni jew kompetittività tan-negozju li għandu jiġi divestit, jew li tista' tbiddel in-natura u l-ambitu tal-attività tiegħu, l-istrateġija industrijali jew kummerċjali tiegħu jew il-politika ta' investiment tiegħu;

(b) li jagħmel disponibbli biżżejjed riżorsi għall-iżvilupp tan-negozju li għandu jiġi divestit, fuq il-bażi tal-pjanijiet tan-negozju tiegħu u bl-implimentazzjoni tagħhom;

(c) li jieħu l-passi kollha neċessarji, inklużi skemi ta' inċentivi xierqa (ibbażati fuq il-prattika industrijali), sabiex jiġi inkoraġġit il-persunal ewlieni sabiex jibqa' man-negozju li għandu jiġi divestit.

*Obbligi miżmuma separatament ta' Sparkasse KölnBonn lejn in-negozju li għandu jiġi divestit*

21. Sparkasse KölnBonn jintrabat, mid-data meta l-impenji jidħlu fis-seħħ sat-trasferiment, li jżomm in-negozju li għandu jiġi divestit separat min-negozji li qiegħed iżomm u li jiżgura li l-maniġers tas-sussidjarji li qed joperaw in-negozju li għandu jiġi divestit ma għandhom l-ebda involviment fil-ġestjoni ta' kwalunkwe negozju miżmum u viċi versa.

22. Sat-trasferiment, Sparkasse KölnBonn għandu jassisti lill-fiduċjarju għas-sorveljanza billi jassigura li n-negozju li għandu jiġi divestit jiġi ġestit bħala entità distinta u li tista' tinbiegħ.

*Klawsola ta' non-solleċitazzjoni*

23. Sparkasse KölnBonn jintrabat, soġġett għal-limitazzjonijiet abitwali, li ma jissolleċitax lill-persunal ewlieni trasferit man-negozju li għandu jiġi divestit għal perjodu ta' tnax-il xahar wara l-għeluq, u jassigura li l-impriżi assoċjati ma jissolleċitawhomx lanqas.

*Diliġenza*

24. Sabiex jippermetti lill-akkwirenti potenzjali jwettqu verifika raġonevoli ta' diliġenza tan-negozju li għandu jiġi divestit, Sparkasse KölnBonn jintrabat, soġġett għall-assigurazzjonijiet ta' kunfidenzjalità abitwali u skont l-istadju tal-proċess ta' ċessjoni, li:

(a) jipprovdi lill-akkwirenti potenzjali b'informazzjoni suffiċjenti dwar in-negozju li għandu jiġi divestit;

(b) jagħti lill-akkwirenti potenzjali informazzjoni suffiċjenti dwar il-persunal u aċċess raġonevoli għalih.

**Taqsima D – L-akkwirent**

25. Sabiex jassigura r-restawr immedjat tal-kompetizzjoni effettiva,

(a) l-akkwirent għandu jkun indipendenti minn Sparkasse KölnBonn u mhux konness miegħu. Dan ma japplikax, madankollu, għall-bejgħ ta' […], […] u l-parteċipazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 13 għall-muniċipiltajiet responsabbli, il-kumpaniji affiljati tagħhom, u membri tal-grupp finanzjarju ta' Sparkassen.

(b) l-akkwirent għandu jkollu r-riżorsi finanzjarji, ħila evidenzjata u inċentiv sabiex iżomm u jiżviluppa n-negozju li għandu jiġi divestit bħala forza kompetittiva vijabbli u attiva fil-kompetizzjoni ma' Sparkasse KölnBonn u kompetituri oħrajn;

(c) fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, l-akkwirent ma għandux jagħti lok għal tħassib dwar il-kompetizzjoni prima facie lanqas għal riskju li l-osservanza tal-impenji tiġi posposta, u jista', b'mod partikolari, jistenna b'mod raġonevoli li jikseb l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa mill-awtoritajiet regolatorji rilevanti għall-akwiżizzjoni tan-negozju li għandu jiġi divestit.

26. Hekk kif Sparkasse KölnBonn jilħaq ftehim mal-akkwirent, għandu jissottometti proposta kompletament dokumentata u rraġunata, inkluż kopja tal-ftehim finali, lill-Kummissjoni u lill-fiduċjarju għas-sorveljanza. Sparkasse KölnBonn għandu jkun kapaċi jipprova lill-Kummissjoni li l-akkwirent jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti u li n-negozju li għandu jiġi divestit qed jinbiegħ b'mod konsistenti mal-impenji. Il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-akkwirent jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti u li n-negozju li għandu jiġi divestit qed jinbiegħ b'mod konsistenti mal-impenji.

**Taqsima E – Impenji oħrajn**

27. **Ripagament parzjali bikri u konverżjoni parzjali taċ-ċertifikati ta' parteċipazzjoni:** Il-Gvern Federali u Sparkasse KölnBonn hawnhekk qed jintrabtu mal-miżuri suċċessivi u integrati li ġejjin għat-titjib tal-proporzjon tal-kapital ewlieni ta' Sparkasse KölnBonn:

    (a) Zweckverband Sparkasse KölnBonn (assoċjazzjoni bi skop speċjali ta' Sparkasse KölnBonn) ser jixtri sal-31 ta' Diċembru 2011, li għandu jkun effettiv mill-1 ta' Jannar 2011, l-ewwel porzjoni ta' EUR 150 miljun f'ċertifikati ta' parteċipazzjoni tar-Rheinische Sparkassen-Förderungsgesellschaft u jikkonvertihom fi strument rikonoxxut bħala kapital ewlieni regolatorju (kapital tier 1).

    (b) Sal-31 ta' Diċembru 2011 Sparkasse KölnBonn ser jixtri mill-ġdid it-tieni porzjon ta' EUR 150 miljun f'ċertifikati ta' parteċipazzjoni tar-Rheinische Sparkassen-Förderungsgesellschaft, bil-kundizzjoni li dan hu kompatibbli mal-kapaċità li jġorr ir-riskju ta' Sparkasse KölnBonn u ġie approvat mill-Aġenzija Superviżorja Finanzjarja Federali.

28. Il-Ġermanja tintrabat li l-kundizzjonijiet tal-konverżjoni parzjali u x-xiri mill-ġdid parzjali taċ-ċertifikati ta' parteċipazzjoni jiġu fformulati b'mod li aktar għajnuna mill-istat tkun eskluża.

29. **Tnaqqis tal-assi totali:**

    Minbarra l-miżuri li diġà twettqu sabiex jitnaqqsu l-assi totali, Sparkasse KölnBonn jintrabat li jnaqqas assi oħra (attivitajiet ta' self fuq skala kbira, self għal żmien qasir, investimenti) bi EUR [2,5-4] biljun sal-aħħar tal-2014. Min-naħa l-oħra, madankollu, Sparkasse KölnBonn għandu jiżiluppa l-attivitajiet tan-negozju ewlenin tiegħu (b'mod partikolari, self lil klijenti konsumaturi u korporattiv reġjonali) filwaqt li jassigura li l-assi totali netti ma jeċċedux il-EUR [25-30] biljun sal-aħħar tal-2014. B'mod konformi ma' dan, l-assi peżati għar-riskju ta' Sparkasse KölnBonn ma għandhomx jeċċedu s-EUR [16-19] biljun fl-aħħar tal-2014.

30. L-implimentazzjoni kompluta u korretta tal-kundizzjonijiet kollha inklużi f'dan id-dokument għandha tiġi sorveljata kompletament fuq bażi kontinwa u vverifikata fid-detall minn fiduċjarju għas-sorveljanza kwalifikat b'mod adegwat u indipendenti. Il-ħatra u d-dmirijiet tal-fiduċjarju għas-sorveljanza huma stabbiliti fl-Anness II.

.....................................................................

Awtorizzat kif dovut u f'isem

[*Indika l-isem tal-Istat Membru*]

*ANNESS II*

## ĦATRA U DMIRIJIET TAL-FIDUĊJARJU GĦAS-SORVELJANZA

### I. **Il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza**

1. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha taħtar Fiduċjarju għas-Sorveljanza.

2. Il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza għandu jkun persuna naturali jew ġuridika jew għandhom ikunu diversi persuni naturali jew ġuridiċi indipendenti minn Sparkasse KölnBonn li jkun(u) approvat(i) mill-Kummissjoni u maħtur(a) mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, u ser ikollu(hom) id-dmir li jissorvelja(w) jekk Sparkasse KölnBonn ikunx qed josserva l-obbligi tiegħu lejn il-Kummissjoni u jkunx qed jimplimenta l-pjan ta' ristrutturar.

3. Il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza għandu jkun indipendenti minn Sparkasse KölnBonn u għandu jippossiedi l-kwalifiki meħtieġa sabiex iwettaq il-mandat tiegħu, pereżempju bħala bank tal-investiment, konsulent jew awditur, u li ma għandux ikollu kunflitt ta' interess u lanqas ikun espost għalih. Il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza għandu jitħallas minn Sparkasse KölnBonn, li ma għandux jimpedixxi l-osservanza indipendenti u effettiva tal-mandat tiegħu.

### II. **Ħatra tal-Fiduċjarju għas-Sorveljanza**

*Proposta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja*

4. Mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mid-data tal-kunsinna tad-Deċiżjoni, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tissottometti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni l-ismijiet ta' żewġ persuni jew aktar ta' Fiduċjarji għas-Sorveljanza u għandha tindika liema minnhom hu l-ewwel għażla tagħha. Il-proposta għandha tinkludi informazzjoni suffiċjenti għall-Kummissjoni sabiex tivverifika li l-Fiduċjarju propost jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3 u għandha tinkludi:

   (a) it-termini sħaħ tal-mandat propost flimkien mad-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jippermettu lill-Fiduċjarju għas-Sorveljanza jwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod konformi ma' dawn l-impenji;

   (b) il-profil ta' pjan ta' ħidma li jiddeskrivi kif il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza għandu l-ħsieb li jwettaq il-kompiti assenjati tiegħu.

*Approvazzjoni jew ċaħda mill-Kummissjoni*

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha d-diskrezzjoni sabiex tapprova jew tiċħad il-Fiduċjarji għas-Sorveljanza proposti u sabiex tapprova l-mandat propost suġġett għal kwalunkwe modifiki li hi tqis li huma neċessarji għall-Fiduċjarju għas-Sorveljanza sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu. Il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza għandu jinħatar fi żmien ġimgħa mill-approvazzjoni tal-Kummissjoni, b'mod konformi mal-mandat approvat mill-Kummissjoni.

*Proposta ġdida mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja*

6. Jekk il-Fiduċjarji għas-Sorveljanza proposti kollha jiġu miċħuda, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha, fi żmien ġimgħa minn meta tkun infurmata biċ-ċaħda, tissottometti l-ismijiet ta' mill-inqas żewġ persuni jew istituzzjonijiet oħra, b'mod konformi mal-kundizzjonijiet u b'mod konformi mal-proċedura f'paragrafi 1 u 5.

*Fiduċjarju għas-Sorveljanza nominat mill-Kummissjoni*

7. Jekk Fiduċjarji għas-Sorveljanza proposti oħra jiġu wkoll miċħuda mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tinnomina Fiduċjarju(i) għas-Sorveljanza, li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha taħtar, jew tara li taħtar, b'mod konformi mal-mandat tal-fiduċjarju approvat mill-Kummissjoni.

### III. **Id-dmirijiet ta' Fiduċjarju għas-Sorveljanza**

8. Għandu jkun id-dmir tal-Fiduċjarju għas-Sorveljanza li jassigura konformità mal-kundizzjonijiet u l-obbligi mehmuża mad-Deċiżjoni u jiggarantixxi l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar.

*Dmirijiet u obbligi tal-Fiduċjarju għas-Sorveljanza*

9. Il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza għandu

   (i) jipproponi lill-Kummissjoni fi żmien erba' ġimgħat mill-ħatra pjan ta' ħidma dettaljat li jiddeskrivi kif qed jippjana li jissorvelja l-konformità bl-impenji lejn il-Kummissjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar;

   (ii) jissorvelja l-ġestjoni kontinwa tan-Negozju taċ-Ċessjoni bl-għan li jiġu assigurati l-vijabilità ekonomika, il-vijabilità kummerċjali u l-kompetittività kontinwi tiegħu;

(iii) jissorvelja l-konformità mal-obbligi kollha lejn il-Kummissjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar;

(iv) jipproponi miżuri, li l-Fiduċjarju għas-Sorveljanza jqis li huma metieġa sabiex tiġi assigurata l-konformità mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja mal-impenji kollha lejn il-Kummissjoni, b'mod partikolari l-preservazzjoni tal-vijabilità ekonomika, il-vijabilità kummerċjali u l-kompetittività sħaħ tan-Negozju taċ-Ċessjoni, il-*holding* separat tan-Negozju taċ-Ċessjoni u n-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni kompetittivament sensittiva;

(v) jissottometti lill-Kummissjoni, lil Sparkasse KölnBonn u lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fi żmien 30 ġurnata wara t-tmiem ta' kull sitt xhur l-abbozz ta' rapport bil-miktub bil-Ġermaniż jew bl-Ingliż. Ir-rapport għandu jkopri l-osservanza tal-obbligi tal-Fiduċjarju għas-Sorveljanza taħt il-Mandat, il-konformità mal-kundizzjonijiet u l-obbligi kollha u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar. Ir-reċipjenti kollha tal-abbozz tar-rapport għandhom ikunu jistgħu jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol. Fi żmien ħamest ijiem mill-irċevuta tal-kummenti, il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza għandu jħejji rapport finali u jissottomettih lill-Kummissjoni, filwaqt li jikkunsidra, jekk ikun possibbli u għad-diskrezzjoni tiegħu biss, il-kummenti sottomessi. Il-Fiduċjarju għandu jibgħat ukoll kopja tar-rapport finali lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u lil Sparkasse KölnBonn. Jekk l-abbozz tar-rapport jew ir-rapport finali jkun fihom kwalunkwe informazzjoni li ma għandhiex tiġi żvelata lil Sparkasse KölnBonn jew ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Sparkasse KölnBonn jew ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandhom jiġu provduti biss b'verżjoni mhux kunfidenzjali tal-abbozz tar-rapport jew ir-rapport finali. Il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza ma għandu jissottometti l-ebda verżjoni lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u/jew lil Sparkasse KölnBonn qabel ma jissottomettih lill-Kummissjoni.

10. Il-Kummissjoni tista' tagħti istruzzjonijiet jew direzzjonijiet lill-Fiduċjarju għas-Sorveljanza sabiex tassigura li l-impenji lejn il-Kummissjoni jiġu sodisfatti u l-pjan ta' ristrutturar implementat.

11. Għat-tul ta' żmien tal-mandat, il-bliet ta' Cologne u Bonn u Sparkasse KölnBonn għandhom jintrabtu li jagħtu istruzzjonijiet lill-Fiduċjarju għas-Sorveljanza biss wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

12. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tipprovdi għat-tali kooperazzjoni, appoġġ u informazzjoni kollha li l-Fiduċjarju għas-Sorveljanza jista' jeħtieġ b'mod raġonevoli sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu. Il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza għandu jkollu aċċess bla limitu għall-kotba, rekords, dokumenti, maniġers u membri oħra tal-istaff, għal fajls, siti u informazzjoni teknika ta' Sparkasse KölnBonn jew in-Negozju taċ-Ċessjoni, li huma neċessarji sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod konformi mal-obbligi.

*ANNESS III*

## ĦATRA U DMIRIJIET TA' FIDUĊJARJU GĦAĊ-ĊESSJONI

## IL-FIDUĊJARJU GĦAĊ-ĊESSJONI

### I. **Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni**

1. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha taħtar Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni.

2. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jkun persuna naturali jew ġuridka jew għandhom ikunu persuni naturali jew ġuridiċi indipendenti minn Sparkasse KölnBonn li għandu(hom) jiġi(u) approvat(i) mill-Kummissjoni u maħtur(a) mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, u jkollu(hom) id-dmir li jċedu n-Negozju taċ-Ċessjoni b'mod konformi mal-obbligi lejn il-Kummissjoni.

3. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jkun indipendenti minn Sparkasse KölnBonn u għandu jippossiedi l-kwalifiki meħtieġa sabiex iwettaq il-mandat tiegħu, pereżempju bħala bank tal-investiment, konsulent jew awditur, u ma għandux ikollu l-kunflitt ta' interess u lanqas ikun espost għalih. Il-Fiduċjarju għas-Sorveljanza għandu jirċievi remunerazzjoni tas-suq normali minn Sparkasse KölnBonn li ma timpedixxix l-eżekuzzjoni indipendenti u effettiva tal-mandat tiegħu.

### II. **Ħatra tal-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni**

*Proposta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja*

4. Jekk Sparkasse KölnBonn ma jkunx daħal fi ftehim ta' bejgħ u xiri vinkolanti xahar qabel it-tmiem tal-Perjodu ta' Ċessjoni estiż, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tissottometti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni żewġ persuni jew aktar bħala Fiduċjarji għaċ-Ċessjoni u għandha tindika liema minnhom huwa l-ewwel għażla. Il-proposta għandha tinkludi informazzjoni suffiċjenti għall-Kummissjoni sabiex tivverifika li l-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni propost jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti taħt il-paragrafu 3, u għandha b'mod partikolari tinkludi:

   (a) it-termini sħaħ tal-mandat propost flimkien mad-dispożizzjonijiet kollha neċessarji li jippermettu lill-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni jissodisfa d-dmirijiet tiegħu b'mod konformi ma' dawn l-impenji;

   (b) il-profil tal-pjan ta' ħidma li jiddeskrivi kif il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu l-ħsieb li jwettaq il-kompiti assenjati tiegħu;

*Approvazzjoni jew ċaħda mill-Kummissjoni*

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha d-diskrezzjoni li tapprova jew tiċħad il-Fiduċjarji għaċ-Ċessjoni proposti u li tapprova l-mandat propost soġġett għal kwalunkwe modifiki li hi tqis bħala neċessarji sabiex il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni jissodisfa l-obbligi tiegħu. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jiġi maħtur fi żmien ġimgħa mill-approvazzjoni tal-Kummissjoni, b'mod konformi mal-mandat approvat mill-Kummissjoni.

*Proposta ġdida mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja*

6. Jekk il-Fiduċjarji għaċ-Ċessjoni proposti kollha jiġu miċħuda, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha, fi żmien ġimgħa minn meta tkun infurmata biċ-ċaħda, tissottometti l-ismijiet ta' mill-inqas żewġ persuni jew istituzzjonijiet oħra, b'mod konformi mal-kundizzjonijiet u b'mod konformi mal-proċedura f'paragrafi 1 u 5.

*Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni nominat mill-Kummissjoni*

7. Jekk il-Fiduċjarji għaċ-Ċessjoni l-oħra kollha jiġu miċħuda mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tinnomina Fiduċjarju(i) għaċ-Ċessjoni, li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha taħtar, jew tara li jiġi maħtur, b'mod konformi ma' mandat tal-fiduċjarju approvat mill-Kummissjoni.

### III. **Id-dmirijiet tal-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni**

8. Għandu jkun id-dmir tal-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni li jissodisfa l-kundizzjonijiet u l-obbligi stabbiliti fid-Deċiżjoni rigward in-negozju li għandu jiġi divestit. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jħejji u jwettaq ix-xiri sabiex il-ftehim għall-bejgħ u x-xiri jkun iffirmat […]. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jkun awtorizzat li jwettaq il-bejgħ tan-Negozju taċ-Ċessjoni f'isem Sparkasse KölnBonn, mingħajr ma jkun soġġett għall-istruzzjonijiet, […].

9. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu

   (i) jipproponi lill-Kummissjoni fi żmien erba' ġimgħat mill-ħatra pjan ta' ħidma dettaljat li jiddeskrivi kif qed jippjana li jissodisfa l-kundizzjonijiet u l-obbligi fid-Deċiżjoni rigward in-negozju li għandu jiġi divestit; għandu b'mod partikolari jippreżenta kunċett għaċ-ċessjoni u evalwazzjoni dwar liema strateġija ta' ċessjoni hija l-aktar promettenti;

(ii) għandu jbigħ in-negozju taċ-ċessjoni lil xerrej […], sakemm il-Kummissjoni ma qanqlet l-ebda oġġezzjoni rigward ix-xerrej jew il-ftehim tax-xiri u l-bejgħ vinkolanti finali fi żmien erba' ġimgħat minn meta dawn ikunu żvelati. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jinkludi fil-ftehim tal-bejgħ u x-xiri t-tali termini u kundizzjonijiet li hu jqis xierqa għal bejgħ espidjent. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni jista' jinkludi fil-ftehim tal-bejgħ u x-xiri t-tali rappreżentazzjonijiet abitwali u garanziji u indemnitajiet kif ikunu meħtieġa sabiex isir il-bejgħ.

(iii) jassumi dmirijiet oħra li huma konferiti fuq il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni fid-Deċiżjoni;

(iv) jipproponi tali miżuri kif jitqies bħala neċessarju sabiex jassigura l-konformità mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja mal-impenji kollha lejn il-Kummissjoni, b'mod partikolari l-preservazzjoni tal-vijabilità ekonomika, il-vijabilità kummerċjali jew il-kompetittività sħiħa tan-Negozju taċ-Ċessjoni, il-*holding* separat tan-Negozju taċ-Ċessjoni u n-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni kompetittivament sensittiva.

(v) jissottometti lill-Kummissjoni rapporti komprensivi kull xahar bl-Ingliż jew bil-Ġermaniż dwar l-iżvilupp tal-proċedura taċ-ċessjoni. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard minn 15-il ġurnata wara l-aħħar ta' kull xahar. Fl-istess ħin Sparkasse KölnBonn jew ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandhom jirċievu verżjonijiet mhux kunfidenzjali tar-rapport.

10. Għat-tħejjija u t-twettiq taċ-ċessjoni, il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu b'mod partikolari jipprovdi s-servizzi li ġejjin:

(i) jeżamina l-opzjonijiet differenti għaċ-ċessjoni; proposta dettaljata li tqis il-kundizzjonijiet ta' qafas għar-ristrutturar u l-konklużjoni tal-proċedura tal-bejgħ;

(ii) jikkompila d-dokumenti ta' kummerċjalizzazzjoni meħtieġa dwar il-parteċipazzjoni ta' Sparkasse KölnBonn ikkonċernata (b'mod partikolari l-memorandum tal-bejgħ, *teasers*, u preżentazzjonijiet oħra li huma meħtieġa jew ta' benefiċċju għall-proċess tal-bejgħ). Dawn għandhom jingħataw lil partijiet interessati permezz ta' informazzjoni inizjali dwar il-bejgħ pendenti;

(iii) bi ftehim mill-qrib ma' Sparkasse: iħejji l-kontenut u l-koordinazzjoni loġistika tal-proċess ta' diliġenza;

(iv) jidentifika l-akkwirenti potenzjali u jikkuntattja l-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' dawn il-partijiet interessati. Għal raġunijiet vinkolanti legali fir-rigward tal-interessi tas-sigriet u b'mod konformi mar-rekwiżit għal bejgħ mhux diskriminatorju, akkwirent potenzjali, fuq talba ta' Sparkasse, jiġi mċaħħad mill-aċċess għall-informazzjoni dwar id-diliġenza (il-piż tal-prova jkun fuq Sparkasse), li bih dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat fi żmien tlett ijiem ta' xogħol wara l-irċevuta tal-lista ta' akkwirenti potenzjali;

(v) jiġbor u jeżamina offerti tal-bejgħ magħmula minn partijiet interessati; jappoġġja l-evalwazzjoni ta' dawn l-offerti;

(vi) imexxi negozjati tal-bejgħ ma' partijiet interessati magħżula u jħejji l-konklużjoni tal-kuntratt.

11. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni jingħata l-prokuri kollha meħtieġa li bihom Sparkasse jew is-sussidjarji li hu jikkontrolla jawtorizzaw lill-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni sabiex jikkompleta u jwettaq iċ-ċessjoni. Il-prokuri jinkludu s-setgħa għall-ħruġ ta' setgħat sottodelegati sabiex sabiex titwettaq u tiġi kompluta ċ-ċessjoni korretta.

12. Il-prokuri konċernati għandhom jinżammu sakemm iċ-ċessjoni tkun kompluta totalment. Il-prokuri u s-setgħat sottodelegati għandhom jintemmu mat-tmiem tal-mandat tal-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni.

13. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni huwa awtorizzat li jikkummissjona aktar konsulenti sabiex jagħtuh appoġġ fil-proċess tal-bejgħ. Hekk kif l-ispejjeż ta' konsulenza jeċċedu s-somma globali ta' EUR […], ikun meħtieġ il-qbil ta' Sparkasse KölnBonn. Jekk Sparkasse KölnBonn jirrifjuta milli jagħti l-qbil tiegħu, il-Kummissjoni minflok tista', wara li tikkonsulta lil Sparkasse KölnBonn, tapprova l-ikkummissjonar ta' konsulenti. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni biss jista' jagħti istruzzjonijiet jew direzzjonijiet lill-konsulenti.

14. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jinvolvi lill-Kummissjoni Ewropea ma' kull skambju ma' Sparkasse, it-Träger (istituzzjoni pubblika responsabbli) jew lill-Ġermanja jew jinforma lil dawn immedjatament dwar l-iskambju.

15. It-Träger u Sparkasse KölnBonn għandhom jintrabtu li jagħtu appoġġ lill-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni, li jikkooperaw miegħu u li jipprovdulu l-informazzjoni kollha li jkun jeħtieġ jew jitlob sabiex iwettaq u jissodisfa kif dovut il-mandat tiegħu. Għal dan il-għan, il- Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jkollu aċċess, fil-limiti permissibbli legalment u matul il-ħinijiet tax-xogħol normali, għad-dokumenti, kotba u l-istaff maniġerjali jew staff ieħor kollu ta' Sparkasse KölnBonn.

16. Fejn jitqies li jkun meħtieġ minn Sparkasse u t-Träger għall-eżekuzzjoni b'mod xieraq taċ-ċessjoni, dawn għandhom jippermettu lill-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni jaċċessa fuq talba kwalunkwe informazzjoni jew dokumenti disponibbli biss għalihom. Dan japplika b'mod partikolari għal kull verżjoni tal-pjan ta' ristrutturar maqbul mal-Kummissjoni Ewropea.

17. Sparkasse għandu jintrabat li jeżenta lill-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni mill-pretensjonijiet kollha għad-danni minn partijiet terzi, li jirriżultaw matul l-eżekuzzjoni tal-mandat jew b'konnessjoni magħha. Dan għandu jeskludi danni bbażati fuq il-ksur ta' obbligu min-naħa tal-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni. Jekk il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni jkun infurmat dwar pretensjonijiet li jistgħu jwasslu għal obbligi ta' ħlas mit-Träger jew Sparkasse KölnBonn, il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jinnotifika dan minnufih.

18. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jkun obbligat li jipprovdi servizzi dejjem bil-prekawzjoni dovuta ta’ negozjant prudenti. Jekk madankollu jkun hemm ksur ta’ obbligu, il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jkun responsabbli biss lejn Sparkasse, it-Träger jew il-Ġermanja sabiex jipprovdi kumpens għad-danni jekk il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni jew il-korpi, ħaddiema jew assistenti tiegħu intenzjonalment jew permezz ta’ negliġenza gravi kkawżaw raġuni għall-obbligazzjoni sakemm l-obbligi kontrattwali ewlenin ma jkunux affettwati. Il-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni għandu jkun responsabbli wkoll għall-ksur tat-tali obbligi permezz ta’ negliġenza sempliċi iżda biss fl-ammont ta’ danni tipiċi u previdibbli. Obbligazzjoni għal telf ta’ profitti antiċipati għandha tiġi eskluża.

19. Il-Kummissjoni tista’ tagħti istruzzjonijiet jew direzzjonijiet lill-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni sabiex tiggarantixxi li l-kundizzjonijiet u l-obbligi b’rabta man-Negozju taċ-Ċessjoni jkunu sodisfatti.

20. Il-bliet ta’ Cologne u Bonn u Sparkasse KölnBonn għandhom jintrabtu li ma jagħtux istruzzjonijiet lill-Fiduċjarju għaċ-Ċessjoni matul il-perjodu tal-mandat.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-26 ta' Jannar 2011

## dwar l-għajnuna mill-Istat C 7/10 (ex CP 250/09 u NN 5/10) implimentata mill-Ġermanja Skema għar-riport ta' telf ta' taxxa fil-każ tar-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà ("*Sanierungsklausel*")

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 275)*

**(It-test Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/527/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu ([1]),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq ([2]),

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

(1) Permezz ta' ittri bid-dati tal-5 ta' Awwissu 2009 u t-30 ta' Settembru 2009 il-Kummissjoni talbet lill-Ġermanja informazzjoni dwar l-Artikolu 8c tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-Kumpaniji (*Körperschaftsteuergesetz*, minn hawn 'il quddiem: KStG). L-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu għal dawn it-talbiet permezz ta' ittri bid-dati tal-20 ta' Awwissu 2009 u l-5 ta' Novembru 2009. Permezz tad-deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-għajnuna stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(2) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. ([3]) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti.

(3) L-awtoritajiet Ġermaniżi ssottomettew it-tweġiba tagħhom permezz ta' ittra bid-data tad-9 ta' April 2010.

(4) Saru żewġ laqgħat mal-awtoritajiet Ġermaniżi fi Brussell fid-9 ta' April 2010 u t-3 ta' Ġunju 2010. Il-Ġermanja ssottomettiet aktar informazzjoni fit-2 ta' Lulju 2010. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment minn partijiet interessati.

### 2. **ID-DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA**

#### 2.1. **L-isfond**

(5) It-tassazzjoni tal-kumpaniji fil-Ġermanja hija bbażata prinċipalment fuq l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul (*Einkommensteuergesetz*, minn hawn 'il quddiem: EStG) u l-KStG. L-Artikolu 10d(2) EStG jippermetti li t-telf imġarrab f'sena tat-taxxa jiġi riportat, jiġifieri skont il-prinċipju tal-kapaċità tal-ħlas, id-dħul taxxabbli fis-snin tat-taxxa fil-futur jista' jitnaqqas billi jkun hemm tpaċija tat-telf sa massimu ta' EUR 1 miljun kull sena. Taħt l-Artikolu 8(1) KStG, din il-possibbiltà li jiġi riportat telf japplika wkoll għal entitajiet soġġetti għat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji.

(6) Il-possibbiltà li jiġi riportat telf irriżulta f'kummerċ f'kumpaniji finti vojta (*Mantelgesellschaften*), li kienu ilhom li waqfu minn kwalunkwe attività ekonomika iżda xorta żammew it-telf li kien ġie riportat.

(7) Biex jirribattu l-kummerċ f'kumpaniji finti vojta, fl-1997 il-leġislatur Ġermaniż irrestrinġa l-possibbiltà tar-riportar tat-telf billi introduċa fl-Artikolu 8(4) KStG ir-regola tal-akkwist tal-kumpanija finta (*Mantelkaufregelung*). Ir-regola rrestrinġiet ir-riportar ta' telf lil dawk l-entitajiet korporattivi li kienu legalment u ekonomikament identiċi għall-entità li ġarrbet it-telf. Ir-regola ma tinkludix definizzjoni ta' "ekonomikament identika", iżda tagħti eżempju negattiv wieħed u żewġ eżempji pożittivi:

(a) Entità korporattiva mhijiex ekonomikament identika jekk aktar minn nofs l-ishma tagħha jiġu trasferiti u jekk imbagħad l-entità tkompli l-attività ekonomika tagħha jew terġa' tibda b'assi predominantement ġodda;

(b) Entità korporattiva hija ekonomikament identika, madankollu, jekk l-injezzjoni ta' assi ġodda hija biss għall-għan tar-ristrutturar tal-entità li qed tagħmel telf u jekk l-attività li ħolqot ir-riport ta' telf mhux ikkumpensat tkompli fuq skala komparabbli għall-ħames snin ta' wara;

([1]) B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-TFUE. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma, sostanzjalment, identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88, rispettivament, tat-Trattat tal-KE fejn xieraq.

([2]) ĠU C 90, 8.4.2010, p. 8.

([3]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

(c) Entità korporattiva hija ekonomikament identika wkoll jekk, aktar milli tinjetta assi ġodda, l-entità akkwirenti tkopri t-telf li jkun akkumula fl-entità li qed tagħmel telf.

(8) L-aħħar żewġ eżempji kienu msemmija ta' spiss bħala l-"*Sanierungsklausel*" (klawsola li tippermetti r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà).

(9) L-Artikolu 8(4) KStG tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 mill-Att dwar ir-Riforma tat-Tassazzjoni tan-Negozju tal-2008 (*Unternehmensteuerreformgesetz*).

(10) L-istess att introduċa l-Artikolu 8c(1) KStG l-ġdida li jimponi restrizzjonijiet aktar stretti mill-Artikolu 8(4) KStG dwar ir-riport ta' telf fil-każ tat-tibdil fl-ishma ta' entità korporattiva. Taħt ir-regola l-ġdida:

(a) Telf mhux użat jintilef għal kollox jekk aktar minn 50 % tal-kapital azzjonarju, id-drittijiet ta' sħubija, id-drittijiet għas-sjieda jew id-drittijiet tal-vot jiġi trasferit lil akkwirent;

(b) Jekk, fi ħdan perjodu ta' ħames snin, aktar minn 25 % iżda mhux aktar minn 50 % tal-kapital azzjonarju, id-drittijiet ta' sħubija, id-drittijiet għas-sjieda jew id-drittijiet tal-vot jiġi trasferit, it-telf mhux użat jintilef fuq bażi *pro rata*.

(11) Inizjalment ir-regola l-ġdida ma pprovdiet l-ebda eżenzjoni għal kumpaniji fil-proċess tar-ristrutturar u fl-istess ħin soġġetta għal bidla sinifikanti fis-sjieda.

(12) Skont il-memorandum ta' spjegazzjoni adottat mill-Parlament Ġermaniż mal-Att dwar ir-Riforma tat-Tassazzjoni tan-Negozju tal-2008, l-għan tas-sostituzzjoni tal-Artikolu 8(4) KStG bl-Artikolu 8c(1) KStG il-ġdida kien li jiġu simplifikati r-regoli (il-memorandum ta' spjegazzjoni jiddikjara li l-applikazzjoni prattika tal-Artikolu 8(4) KStG kienet qajmet ħafna mistoqsijiet legali diffiċli) u jiġi mmirat aħjar l-abbuż. ([4]) Il-leġiżlatur kien konxju li l-bidla fissret li, fil-każ tar-ristrutturar ta' impriża f'diffikultà li implika bidla fis-sjieda, ir-riport ta' telf ma jkunx għadu possibbli. Dan kien meqjus bħala aċċettabbli, madankollu, ladarba l-awtoritajiet tat-taxxa setgħu jirrinunzjaw djun tat-taxxa f'sitwazzjoni bħal din ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' ekwità, anke mingħajr dispożizzjoni leġislattiva espliċita. ([5])

([4]) *Bundestagsdrucksache* 16/4841, p. 74.

([5]) *Bundestagsdrucksache* 16/4841, p. 76, li tirreferi għal ċirkolari mill-Ministeru Federali tal-Finanzi bid-data tas-27 ta' Marzu 2003; BStBl I, p. 240.

### 2.2. **Il-miżura**

(13) F'Ġunju 2009 emenda għall-Artikolu 8c KStG introduċiet l-Artikolu 8c(1a) KStG, taħt liema r-riport ta' telf għadu possibbli fejn kumpanija f'diffikultà tiġi akkwistata għall-għan tar-ristrutturar. Din l-emenda ffurmat parti mill-Att dwar l-Għajnuna liċ-Ċittadini – Fond tal-Assigurazzjoni tal-Mard (*Bürgerentlastungsgesetz Krankenversicherung*) ([6]). Id-dispożizzjoni l-ġdida hija għal darb'oħra msemmija bħala *Sanierungsklausel* jew is-*Sanierungsklausel* il-ġdida sabiex tkun tista tiġi distinta mill-predeċessur tagħha l-Artikolu 8(4) KStG. Toħloq eċċezzjoni għal-limitazzjoni tar-riport ta' telf ta' taxxa introdott b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 mill-Artikolu 8c(1) KStG.

(14) Taħt l-Artikolu 8c(1a) KStG, entità korporattiva tista' tirriporta telf minkejja bidla fl-ishma tagħha li taqa' taħt l-Artikolu 8c(1) KStG sakemm jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) L-akkwist iservi għall-għan tar-ristrutturar tal-entità korporattiva; ([7])

(b) Il-kumpanija hija, jew x'aktarx hija, insolventi jew fi stat ta' dejn eċċessiv fil-ħin tal-akkwist; ([8])

(c) L-istrutturi fondamentali tan-negozju tal-kumpanija jiġu ppreservati, li jirrikjedi:

— li l-entità korporattiva tonora ftehim bejn il-ġestjoni u l-kunsill tax-xogħlijiet (*Betriebsvereinbarung*) dwar il-preservazzjoni ta' impjiegi; jew

— il-preservazzjoni ta' 80 % tal-impjiegi (f'termini tal-kont tal-pagi annwali medju) għall-ewwel ħames snin wara l-akkwist; jew

([6]) *Gesetz zur verbesserten steuerlichen Berücksichtigung von Vorsorgeaufwendungen* (*Bürgerentlastungsgesetz Krankenversicherung*), is-16 ta' Ġunju 2009, BGBl. I No.43, p. 1959

([7]) Ir-ristrutturar (*Sanierung*) huwa miżura sabiex tiġi evitata jew tingħeleb l-insolvenza (*Zahlungsunfähigkeit*) jew id-dejn eċċessiv (*Überschuldung*). Għaldaqstant, l-eliġibbiltà hija limitata għall-kumpaniji li huma, jew x'aktarx ikunu, insolventi jew fi stat ta' dejn eċċessiv meta sseħħ bidla fl-ishma.

([8]) It-termini "insolvenza", "riskju ta' insolvenza" u "stat ta' dejn eċċessiv" huma definiti fil-leġislazzjoni Ġermaniża tal-insolvenza (*Insolvenzordnung*, minn hawn 'il quddiem: InsO). Partikolarment, Insolvenza (Artikolu 17 InsO): Id-debitur jitqies li mhuwiex kapaċi jissodisfa obbligi ta' ħlas dovut. Bħala regola, debitur jitqies bħala insolventi jekk ikun waqqaf il-ħlasijiet. Riskju ta' insolvenza (Artikolu 18 InsO): id-debitur jitqies li huwa f'riskju ta' insolvenza jekk mhuwiex probabbli li jkun kapaċi jissodisfa l-obbligi eżistenti ta' ħlas tiegħu fid-data dovuta. Stat ta' dejn eċċessiv (§ 19 InsO): id-debitur huwa fi stat ta' dejn eċċessiv fejn l-assi tiegħu ma jkoprux aktar l-obbligi eżistenti tiegħu; sakemm ma jkunx hemm probabbiltà kbira, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi, li l-kumpanija se tibqa' teżisti.

— injezzjonijiet ta' assi tan-negozju sinifikanti jew it-thassir ta' djun li jkun għad għandu valur ekonomiku fi żmien tnax-il xahar; assi tan-negozju huma sinifikanti jekk jirrappreżentaw mill-inqas 25 % tal-assi tas-sena finanzjarja ta' qabel; jitnaqqas kwalunkwe trasferiment lura lejn l-entità akkwirenti fi żmien l-ewwel tliet snin.

(d) il-kumpanija ma tbiddilx is-settur tal-attività matul il-ħames snin wara l-akkwist;

(e) il-kumpanija ma waqfitx topera fil-ħin tal-akkwist.

(15) L-Artikolu 8c(1a) KStG daħal fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2009 u japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2008.

(16) Inizjalment, l-Artikolu 8c(1a) KStG ġie introdott biss għal żmien limitat, sal-31 ta' Diċembru 2009. Madankollu, fit-22 ta' Diċembru 2009, bħala parti mill-Att dwar l-Aċċelerazzjoni tat-Tkabbir Ekonomiku 2009 (*Wachstumsbeschleunigungsgesetz*) ([9]), il-Parlament Ġermaniż adotta dispożizzjoni li ħassret il-klawsola sunset korrispondenti mill-KStG.

(17) Għandu jiġi osservat li t-telf riportat jista' jiġi kkumpensat biss mill-qligħ tal-kumpanija li qed tiġi ristrutturata. Il-kumpanija akkwirenti ma tistax tikkumpensa t-telf mill-qligħ tagħha stess.

(18) Dan jgħodd anke jekk il-kumpanija akkwirenti tikkonsolida l-obbligi tat-taxxa tagħha f'livell ta' grupp minħabba li l-Artikolu 15, l-ewwel sentenza, numru 1 KStG jipprojbixxi r-riport ta' telf jekk kumpanija sussidjarja kkontrollata (*Organgesellschaft*) tifforma parti minn grupp integrat (*Organschaft*). ([10])

(19) Madankollu, taħt il-liġi tat-taxxa korporattiva Ġermaniża dan it-telf ma jintilifx; jiġi sempliċement "iffriżat" fil-livell tal-entità u jista' jintuża biss ladarba l-kumpanija ma tkunx għadha kkonsolidata. M'hemmx limitu ta' żmien għar-riport ta' dan it-telf "iffriżat".

(20) Il-kumpanija akkwirenti tibbenefika indirettament mill-Artikolu 8c(1a) KStG minħabba li, ladarba l-proċess tar-ristrutturar ikun tlesta b'suċċess, il-piż tat-taxxa tal-entità ristrutturata jitnaqqas. Barra minn hekk, il-kumpanija akkwirenti tista' bla dubju tgħaqqad parti jew l-attivitajiet kollha tagħha fil-kumpanija akkwirenti u b'hekk tuża t-telf riportat.

## 2.3. **Paragun bejn l-Artikolu 8c(1a) KStG u l-Artikolu 8(4) KStG**

(21) Ir-regola l-ġdida fl-Artikolu 8c(1a) KStG hija differenti mir-regola preċedenti, l-Artikolu 8(4) KStG imħassar, f'aspett wieħed importanti li huwa kruċjali għall-valutazzjoni għall-finijiet tal-għajnuna mill-istat.

(22) Taħt l-Artikolu 8c(1) KStG, kumpanija titlef ir-riport ta' telf tagħha fejn aktar minn nofs l-ishma jiġu ttrasferiti, sakemm ikun applikabbli l-*Sanierungsklausel*. Għaldaqstant, ir-regola ġenerali hija t-telf ta' riporti ta' telf fuq tibdiliet sinifikanti fis-sjieda. L-*Sanierungsklausel* eżistenti hija għalhekk l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali.

(23) Taħt l-Artikolu 8(4) KStG ta' qabel, ir-regola ġenerali kienet il-kontinwazzjoni ta' riporti ta' telf fil-każ ta' tibdil sinifikanti fis-sjieda, sakemm il-kumpanija kienet ekonomikament identika. Din l-eċċezzjoni kienet intenzjonata li tipprevjeni l-abbuż, pereżempju fil-forma ta' kummerċ f'kumpaniji finti.

## 3. **ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ**

(24) Permezz ta' ittra bid-data tal-24 ta' Frar 2010 il-Kummissjoni infurmat lill-Ġermanja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward ta' din il-miżura.

(25) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-Artikolu 8c(1a) KStG jiddistingwi bejn kumpaniji li qed jagħmlu telf li huma finanzjarjament b'saħħithom u kumpaniji li huma (potenzjalment) insolventi jew fi stat ta' dejn eċċessiv, billi tibbenefika biss lil dawn tal-aħħar. Għaldaqstant l-Artikolu 8c(1a) KStG kien jidher li qed jitbiegħed mis-sistema ta' referenza, skont liema ż-żewġ tipi ta' kumpaniji ma jkunux eliġibbli għar-riport ta' telf. Il-Kummissjoni għalhekkk waslet għall-konklużjoni preliminari li l-miżura hija selettiva u tikkostitwixxi l-għajnuna mill-istat, ladarba l-prekondizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE jidhru li huma sodisfatti. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar il-kompatibilità tal-miżura mal-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE, kif interpretat mill-Qafas Temporanju, ([11]) u mal-Artikolu 107(3)(c), kif interpretat mill-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar ([12]) u l-Linji Gwida tal-Għajnuna Reġjonali. ([13])

([9]) *Gesetz zur Beschleunigung des Wirtschaftswachstums* (*Wachstumsbeschleunigungsgesetz*), 22 ta' Diċembru 2009 (BGBl I, p. 3950), Artikolu 2(3)(b).
([10]) Telf fil-livell tas-subgrupp, ara l-Artikolu 15 Nru 1 KStG.
([11]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Qafas Komunitarju Temporanju għal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat sabiex jiġi appoġġjat aċċess għall-finanzi fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1).
([12]) Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2).
([13]) Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013 (ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13).

(26) Id-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. [14] Il-Kummissjoni stiednet lill-Ġermanja u partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti.

(27) Wara l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Ministeru Federali Ġermaniż għall-Finanzi inkariga lill-awtoritajiet tat-taxxa responsabbli għall-ġbir tat-taxxa sabiex jieqfu japplikaw l-Artikolu 8c(1a) KStG sakemm il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni finali fil-każ u sabiex jinfurmaw lill-entitajiet ikkonċernati li fil-każ ta' deċiżjoni finali negattiva mill-Kummissjoni, l-għajnuna mill-istat tkun trid tiġi rkuprata. [15]

## 4. KUMMENTI MILL-ĠERMANJA

(28) Il-Ġermanja kienet tal-fehma li l-Artikolu 8c(1a) KStG ma jikkostitwix għajnuna mill-istat, għal tliet raġunijiet:

(a) Jikkonforma mal-prinċipju tal-kreditur tas-suq privat (ara 4.1);

(b) Mhuwiex selettiv (ara 4.2);

(c) Huwa ġġustifikat min-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa Ġermaniża (ara 4.3)

(29) Il-Ġermanja ssostni wkoll li l-*Sanierungsklausel* il-ġdida fl-Artikolu 8c(1a) KStG tikkorrispondi essenzjalment mal-*Sanierungsklausel* l-antika fl-Artikolu 8(4) KStG, li qatt ma kienet ġiet ikkritikata mill-Kummissjoni (ara 4.4) u li numru ta' Stati Membri oħra kellhom regoli tat-taxxa simili fis-seħħ (ara 4.5).

### 4.1. **Konformità mal-prinċipju tal-kreditur tas-suq privat**

(30) Dan l-argument tressaq mill-awtoritajiet Ġermaniżi għall-ewwel darba fl-ittra tagħhom bid-data tat-2 ta' Lulju 2010. Il-Ġermanja tiddikjara li l-prinċipju tal-kreditur privat jista' jiġi invokat ukoll fir-rigward tad-djun tat-taxxa jew kważi djun tat-taxxa. [16] Huwa sostnut li r-relazzjoni tal-Istat Ġermaniż lejn il-kontribwenti tiegħu hija komparabbli mar-relazzjoni bejn kreditur privat u debitur, li huma marbuta permezz ta' kuntratt fit-tul, bħal kuntratt tal-kiri jew kuntratt tal-impjiegi. Fil-fehma tal-awtoritajiet Ġermaniżi, kreditur privat li huwa parti minn kuntratt fit-tul għandu jċedi parti mit-talbiet futuri tiegħu, jekk dan jippermetti li impriża oħra tieħu f'idejha lid-debitur, b'hekk jiżgura l-kontinwazzjoni tal-kuntratt fit-tul.

### 4.2. **In-nuqqas ta' selettività**

(31) Il-Ġermanja hija tal-fehma li l-Artikolu 8c(1a) KStG huwa miżura ġenerali, ladarba jista' jintuża mill-impriżi kollha, irrispettivament mir-reġjun, is-settur u d-daqs tagħhom. Il-Ġermanja tiġbed l-attenzjoni li kwalunkwe impriża tista' potenzjalment issib ruħha f'diffikultajiet finanzjarji barra mill-kontroll tagħha u tkun kandidata għall-applikazzjoni tar-regola.

(32) L-awtoritajiet Ġermaniżi josservaw li l-Kummissjoni stess kienet tal-fehma, fl-Avviż tagħha tal-1998 dwar it-tassazzjoni tan-negozju, li, "sakemm japplikaw mingħajr distinzjoni għad-ditti kollha u l-produzzjoni tal-oġġetti kollha", il-miżuri tat-taxxa ta' natura purament teknika, bħar-regoli dwar ir-riport ta' telf, ma kinux selettivi, u li "il-fatt li xi ditti jew xi setturi jibbenefikaw aktar minn oħrajn minn xi wħud minn dawn il-miżuri tat-taxxa mhux neċessarjament ifisser li jaqgħu taħt ir-regoli tal-kompetizzjoni li jirregolaw l-għajnuna mill-Istat." [17]

(33) Il-Ġermanja hija tal-fehma li dawn il-konsiderazzjonijiet kienu ta importanza partikolari għal inċentivi tat-taxxa għar-riċerka u l-iżvilupp, iżda anke għall-protezzjoni ambjentali, it-taħriġ u l-impjieg. Fil-fehma tal-awtoritajiet Ġermaniżi, ir-regoli tat-taxxa li jiffavorixxu l-impriżi li qed jagħmlu sforzi partikolari f'dawn iż-żoni mhumiex selettivi, ladarba huma miftuħa għall-impriżi kollha, anke jekk *de facto* huma ta' benefiċċju akbar lill-impriżi attivi f'ċerti setturi minn oħrajn. Fil-fehma tal-Ġermanja, l-istess raġunament għandu japplika wkoll għar-regoli tat-taxxa li jiffavorixxu lill-impriżi f'diffikultà li jiġu akkwistati sabiex jiġu ristrutturati.

(34) Il-Ġermanja ssostni li l-Qorti u l-Qorti Ġenerali kienu aċċettaw li miżura li tibbenefika esklussivament impriżi f'diffikultà tista', bħala prinċipju, tikkostitwixxi miżura ġenerali, li mhijiex selettiva. F'dan il-kuntest il-Ġermanja ssemmi fl-ewwel każ *DMT*, fejn il-Qorti sostniet fir-rigward ta' faċilità ta' ħlas Belġjana għal impriżi f'diffikultajiet li: [18]

"Il-Gvern Franċiż isostni li faċilitajiet ta' ħlas fir-rigward ta' kontribuzzjonjiet tas-sigurtà soċjali ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat jekk jingħataw f'ċirkostanzi identiċi lil kwalunkwe impriża li qed tesperjenza diffikultajiet finanzjarji. Dan jidher li huwa l-każ taħt ir-reġim stabbilit mill-leġislazzjoni Belġjana. Il-Kummissjoni, madankollu, tiddikjara li l-ONSS għandha setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-għotja ta' faċilitajiet ta' ħlas.

[14] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

[15] Ċirkolari mill-Ministeru Federali tal-Finanzi bid-data tat-30 ta' April 2010 indirizzata lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Länder (responsabbli għall-ġbir tat-taxxa): http://www.bundesfinanzministerium.de/DE/BMF_Startseite/Aktuelles/BMF_Schreiben/Veroffentlichungen_zu_Steuerarten/koerperschaftsteuer_umwandlungsteuerrecht/009.html.

[16] Il-Ġermanja ssemmi l-kawżi li ġejjin: Il-Kawża C-276/02 *Spain* vs *Il-Kummissjoni* [2004] Ġabra I-8091, punti 15 u 26, u l-Kawża C-256/97 *Déménagements-Manutention Transport SA* (*DMT*) [1999] Ġabra I-3913, punti 22 u 25.

[17] L-avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni diretta tan-negozju (ĠU C 384, 10.12.1998, p. 3), punti 13 u 14.

[18] *Déménagements-Manutention Transport SA* (*DMT*), iċċitata hawn fuq, premessi 26 sa 28.

Jirriżulta mill-kliem tal-Artikoli 92(1) tat-Trattat li miżuri ġenerali li ma jiffavorixxux biss lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti biss ma jaqgħux taħt dik id-dispożizzjoni. Min-naħa l-oħra, fejn il-korp li qed jagħti assistenza finanzjarja jgawdi grad ta' latitudni li jippermettilu li jagħżel il-benefiċjarji jew il-kondizzjonijiet taħt liema tiġi provduta l-assistenza finanzjarja, dik l-assistenza ma tistax titqies bħala ta' natura ġenerali (ara, għal dan il-għan, Kawża C-241/95 Franza vs Il-Kummissjoni [1996] Ġabra I-4551, punti 23 u 24).

Huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali fil-proċeduri ewlenin li tiddetermina jekk is-setgħa tal-ONSS li jagħti faċilitajiet ta' ħlas hijiex diskrezzjonali u jekk le, li tistabbilixxi jekk il-faċilitajiet tal-ħlas mogħtija mill-ONSS humiex ta' natura ġenerali jew jekk jiffavorixxux lil ċerti impriżi."

(35) Il-Ġermanja ssemmi wkoll *HAMSA*, fejn l-awtoritajiet Spanjoli kienu sostnew li miżura mhijiex selettiva minħabba li tapplika għall-impriżi kollha f'diffikultà. Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ([19]):

"Fil-każ preżenti, l-argument invokat mill-applikant u r-Renju ta' Spanja bil-għan li l-liġi Spanjola tas-26 ta' Lulju 1922 dwar is-sospensjoni ta' ħlasijiet twaqqaf proċedura ġenerali, applikabbli għall-kumpaniji kollha f'diffikultà, ma jistax jiġi aċċettat. Filwaqt li huwa veru li l-liġi m'għandhiex l-awtorità li tapplika s-selettività favur ċerti kategoriji ta' impriżi jew setturi ta' attività, wieħed irid jiftakar li l-eżenzjonijiet ta' dejn ikkritikati mill-Kummissjoni ma jirriżultawx b'mod awtomatiku mill-applikazzjoni tal-liġi, iżda mid-deċiżjonijiet diskrezzjonali magħmula mill-korpi pubbliċi inkwistjoni. Hija, barra minn hekk, ġurisprudenza stabbiliti li fejn il-korp li qed jagħti assistenza finanzjarja jgawdi grad ta' latitudni li jippermettilu li jagħżel il-benefiċjarji jew il-kondizzjonijiet taħt liema tiġi provduta l-assistenza finanzjarja, dik l-assistenza ma tistax titqies bħala ta' natura ġenerali (Kawża C-256/97 DM Transport [1999] Ġabra I-3913, punt 27)."

(36) L-awtoritajiet Ġermaniżi jsostnu li, kuntrarjament għall-miżuri f'*DMT u HAMSA*, l-Artikolu 8c(1a) KStG ma jipprovdix għal deċiżjonijiet diskrezzjonali minn korpi pubbliċi, iżda li l-applikazzjoni tagħha tirriżulta b'mod awtomatiku mil-liġi. Għalhekk, bl-applikazzjoni tal-argument *a contrario*, l-Artikolu 8c(1a) KStG mhuwiex selettiv.

(37) Il-Ġermanja hija tal-fehma wkoll li l-Artikolu 8c(1a) KStG jifforma parti mir-regoli taħt il-liġi tal-insolvenza Ġermaniża. B'mod partikolari, l-eliġibbiltà ta' impriża hija bbażata fuq il-kunċetti tal-insolvenza, ir-riskju tal-insolvenza u l-istat ta' dejn eċċessiv, li huma definiti fl-InsO u li jipprovdi raġunijiet għall-ftuħ ta' proċeduri ta' insolvenza.

(38) Dwar il-kwistjoni tas-selettività, il-Ġermanja tikkonkludi li l-opinjoni tal-Kumissjoni tkun tfisser li kwalunkwe tnaqqis fit-taxxa tikkostitwixxi għajnuna mill-istat, anke kieku kienet applikabbli b'mod ġenerali, u li din il-pożizzjoni kienet qiegħda tikser it-TFUE.

### 4.3. Ġustifikazzjoni skont in-natura jew l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa

(39) Il-Ġermanja tasserixxi li l-eżenzjoni maħluqa mill-Artikolu 8c(1a) KStG hija ġġustifikata min-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa korporattiva Ġermaniża. Tiddikjara li hemm differenza oġġettiva bejn impriżi f'diffikultà li jeħtieġu r-ristrutturar u impriżi oħra, u li din id-differenza oġġettiva tiġġustifika t-trattament differenti ta' impriżi f'diffikultà li huma akkwistati bil-ħsieb tar-ristrutturar. L-awtoritajiet Ġermaniżi jibbażaw l-argument tagħhom fuq tliet konsiderazzjonijiet.

(40) L-ewwel nett, filwaqt li impriżi finanzjarjament b'saħħithom għandhom għażla bejn it-tfittxija ta' finanzi fis-swieq kapitali u t-tfittixija għal impriża sabiex takkwistahom, impriżi f'diffikultà għandhom biss l-għażla tal-aħħar, minħabba li ma jkunux jistgħu joħolqu d-dejn fis-suq kapitali jew jiksbu self mill-bank. Bħala riżultat, impriżi f'diffikultà se jitilfu b'mod sistematiku l-possibbiltà tar-riport ta' telf tagħhom, filwaqt impriżi b'saħħithom dejjem għandhom l-għażla bejn il-finanzjament tad-dejn u t-tfittxija għal xerrej.

(41) It-tieni, ir-*ratio legis* tal-Artikolu 8c(1) KStG, jiġifieri l-prevenzjoni ta' kummerċ f'kumpaniji finti vojta b'telf akkumulat, ma teħtieġx l-esklużjoni tar-riport ta' telf f'sitwazzjonijiet fejn l-akkwist huwa għall-għan tar-ristrutturar aktar milli sempliċement għall-ottimizzazzjoni tat-taxxa. Mingħajr ir-restrizzjoni tal-Artikolu 8c(1a) KStG għall-akkwisti ta' impriżi f'diffikultà finanzjarja fid-dawl tar-ristrutturar, jiġifieri jekk akkwisti oħra kienu inklużi wkoll, ir-*ratio legis* ma setax jinżamm aktar.

(42) It-tielet, l-għan tal-Artikolu 8c(1) KStG huwa li jiġi żgurat li l-prezz tal-bejgħ ta' ishma f'impriżi huwa bbażat biss fuq il-valur ekonomiku tal-impriża u l-valur tat-telf akkumulat għall-ottimizzazzjoni tat-taxxa ma jaffettwax il-prezz tal-bejgħ. Madankollu, fil-każ tal-akkwist ta' impriża f'diffikultà fid-dawl tar-ristrutturar, il-valur possibbli tat-telf akkumulat m'għandu l-ebda rwol partikolari. Sabiex tissostanzja dan l-argument, il-Ġermanja tiġbed l-attenzjoni li kontabilisti ma jassoċjaw l-ebda valur, f'kontijiet ta' gruppi kummerċjali, lil telf riportat potenzjali ta' impriża f'diffikultà.

([19]) Il-Kawża T-152/99 *Hijos de Andrés Molina, S.A. (HAMSA)* [2002] Ġabra II-3049, punt 157.

(43) Għal dawn it-tliet raġunijiet meħudin flimkien, il-Ġermanja tikkunsidra li, anke kieku l-Artikolu 8c(1a) KStG kienet *prima facie* selettiva, hija fi kwalunkwe każ iġġustifikata min-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa korporattiva Ġermaniża.

### 4.4. **Rabta bejn *Sanierungsklausel* il-ġdida u l-antika**

(44) Il-Ġermanja tosserva li, b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, l-Artikolu 8c KStG issostitwixxa regola simili li ġiet imħassra fl-istess ħin, jiġifieri l-Artikolu 8(4) KStG. Iż-żewġ regoli jsegwu l-istess għan, jiġifieri l-prevenzjoni ta' kummerċ f'kumpaniji finta vojta b'telf akkumulat.

(45) Il-Ġermanja tosserva li l-Kummissjoni qatt ma esprimiet kwalunkwe tħassib fir-rigward tal-Artikolu 8(4) KStG, u li għalhekk jidher li din ir-regola ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-istat.

(46) Il-Ġermanja għalhekk tqis il-pożizzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward bħala inkoerenti.

### 4.5. **Regoli simili f'sistemi oħra tat-taxxa**

(47) Il-Ġermanja ġibdet l-attenzjoni li ħafna Stati Membri oħra għandhom regoli komparabbli għall-Artikolu 8c(1a) KStG. Eżempji huma l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi. Tosserva li l-Kummissjoni ma ħadet l-ebda azzjoni taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-istat kontra dawn l-Istati Membri, minkejja s-similaritajiet kbar bejn is-sistemi.

(48) F'relazzjoni mal-paragrafu 34 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, li tistipula l-azzjoni li l-Kummissjoni ħadet fir-rigward tas-sistema Franċiża, il-Ġermanja tenfasizza li s-sistema Ġermaniża hija differenti mis-sistema Franċiża, li hija limitata għal ċerti setturi tal-ekonomija u tipprovdi eżenzjoni kompleta minn taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji.

## 5. **IL-VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA**

(49) L-Artikolu 107(1) TFUE jistabbilixxi li kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

### 5.1. **Ir-riżorsi tal-Istat u imputabbiltà**

(50) Miżura trid tiġi ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-istat, u l-użu tar-riżorsi tal-istat irid ikun imputabbli lill-Istat. Telf ta' dħul tat-taxxa huwa ekwivalenti għall-konsum ta' riżorsi tal-istat fil-forma ta' nefqa fiskali. Billi ppermettiet li l-kumpaniji jnaqqsu l-piż tat-taxxa korporattiva tagħhom permezz tar-riport ta' telf, il-Ġermanja qed iċċedi għad-dħul, li jikkostitwixxi għajnuna mill-istat. Il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni li l-implimentazzjoni tal-miżura tista' twassal għal nuqqas fid-dħul tat-taxxa ta' EUR 900 miljun kull sena. Ladarba l-miżura timplika telf ta' riżorsi tal-istat, hija għalhekk mogħtija permezz ta' riżorsi tal-istat. L-għajnuna tingħata mil-liġi, u għalhekk hija imputabbli lill-Istat.

### 5.2. **Vantaġġ selettiv**

(51) Barra minn hekk, il-miżura trid tagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett tal-għajnuna jkopri mhux biss benefiċċji pożittivi, iżda anke azzjoni li, f'diversi forom, timmitiga l-imposti li normalment huma inklużi fil-baġit ta' impriża. [20]

(52) Skont l-Artikolu 8c(1) KStG, ċertu tibdil fl-istruttura tas-sjieda ta' impriża jfisser it-telf parzjali jew komplut tal-possibbiltà tar-riport ta' telf fil-passat għall-finijiet ta' taxxa.

(53) L-Artikolu 8c(1a) KStG joħloq eċċezzjoni għal dik ir-regola fejn il-bidla fis-sjieda tikkonċerna impriża f'diffikultà u sseħħ għall-fini tar-ristrutturar.

(54) L-Artikolu 8c(1a) KStG jista' għalhekk jagħti vantaġġ selettiv lil kumpaniji li qed jissodisfaw dawk il-kondizzjonijiet, ladarba tippermettilhom li jkollhom tpaċija tat-telf tal-passat minn qligħ fil-futur għall-fini li jiġi kkalkolat id-dħul taxxabbli tagħhom.

(55) Kif spjegat fil-premessa 28, il-Ġermanja ssostni li l-Artikolu 8c(1a) KStG ma jikkostitwixxix dan il-vantaġġ selettiv, għal tliet raġunijiet:

(a) L-Artikolu 8c(1a) KStG jikkonforma mal-prinċipju tal-kreditur tas-suq privat (5.2.1);

(b) L-Artikolu 8c(1a) KStG mhijiex *prima facie* selettiva (5.2.2);

(c) L-Artikolu 8c(1a) KStG huwa ġġustifikat min-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa Ġermaniża (5.2.3).

(56) Il-Ġermanja tiġbed l-attenzjoni dwar is-similaritajiet bejn l-Artikolu 8c(1a) KStG u l-predeċessur tiegħu, l-Artikolu 8(4) KStG (ara 5.2.4) u li Stati Membri oħra għandhom regoli simili (ara 5.2.5).

---

[20] Kawżi Konġunti C-182/03 u C-217/03 *Il-Belġju* (C-182/03) u *Forum 187 ASBL* (C-217/03) vs *Il-Kummissjoni* [2006] Ġabra I-5479, punti 86-87.

5.2.1. *Applikazzjoni possibbli tal-prinċipju tal-kreditur tas-suq privat*

(57) Il-Ġermanja ssostni li l-Artikolu 8c(1a) KStG jikkonforma mal-prinċipju tal-kreditur tas-suq privat, minħabba li jikkorrispondi għall-imġiba ta' kreditur tas-suq privat impenjat f'kuntratt fit-tul ma' debitur.

(58) Il-Kummissjoni tikkunsidra li din id-dikjarazzjoni hija mingħajr bażi, għal diversi raġunijiet. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti u l-Qorti Ġenerali, il-prinċipju tal-kreditur tas-suq privat huwa applikabbli biss jekk l-Istat jaġixxi bħala operatur ekonomiku, iżda mhux meta jeżerċita l-prerogattivi tiegħu bħala awtorità pubblika. ([21]) F'dan il-każ, l-Istat jeżerċita l-monopolju tiegħu ta' tassazzjoni fil-kapaċità tiegħu bħala awtorità pubblika.

(59) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ġurisprudenza msemmija mill-Ġermanja ma tbiddilx din il-valutazzjoni. L-Artikolu §8c(1a) KStG jikkonċerna l-istabbiliment ta' dejn ta' taxxa, filwaqt li l-fatti li ħolqu s-sentenzi tal-Qorti fi *Spanja* vs *Il-Kummissjoni* ([22]) u *DMT* ([23]) ikkonċernaw sitwazzjonijiet fejn l-amministrazzjoni kellha l-possibbiltà li tirrinunzja għal dejn tat-taxxa eżistenti. Għalhekk, il-prinċipju tal-kreditur tas-suq privat mhuwiex applikabbli f'dan il-każ.

(60) It-tieni, anke kieku kien applikabbli, li l-Kummissjoni tikkontesta, il-Kummissjoni tosserva li l-vantaġġ tat-taxxa jingħata awtomatikament, mingħajr valutazzjoni minn qabel tat-telf totali (li tiddetermina l-ammont massimu tat-tnaqqis tat-taxxa fil-futur), il-prospetti li l-benefiċjarju jirritorna għall-vijabbiltà, jew jekk id-debitur għandux importanza strateġika. Kreditur tas-suq privat ma jipprovdix, fit-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali tagħhom, għal din ir-rinunzja awtomatika ta' dejn fil-futur, mingħajr ma wieħed ikun jaf bil-quddiem l-ammont possibbli tar-rinunzja, il-prospetti finanzjarji tad-debitur u l-importanza strateġika tiegħu.

(61) It-tielet, il-Kummissjoni tosserva li, għal kuntrarju ta' relazzjoni kuntrattwali fit-tul, l-Artikolu 8c(1a) KStG ma jikkonċernax rinunzja għal dejn eżistenti, iżda tnaqqis fid-dejn possibbli fil-futur, li jista' jinħoloq ladarba s-saħħa finanzjarja tad-debitur tkun ġiet restawrata. Fi kliem ieħor, fejn l-Istat jippermetti r-riport ta' telf, m'hemm l-ebda dejn pendenti.

(62) Ir-raba', il-Kummissjoni tosserva li normalment, fil-każ tal-insolvenza, in-negozju tad-debitur jgħaddi f'idejn kumpanija oħra. Ladarba l-Istat għandu monopolju fuq it-tassazzjoni, ikun jista' jiġbor it-taxxi mill-kumpanija l-oħra. Għalhekk, debitur li joħroġ mis-suq jiġi sostitwit minn debitur ieħor. Għal kuntrarju ta' kreditur tas-suq privat, il-kunċett ta' lealtà eżistenti tal-klijent m'għandu l-ebda impatt fuq id-deċiżjoni tal-Istat.

(63) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-prinċipju tal-kreditur tas-suq privat mhuwiex applikabbli f'dan il-każ minħabba li l-Istat aġixxa permezz tal-prerogattivi tiegħu fil-mandat tal-politika pubblika u mhux bħala operatur ekonomiku. Anke kieku l-prinċipju tal-kreditur tas-suq privat kien applikabbli f'dan il-każ, il-Kummissjoni uriet li kreditur privat f'relazzjoni kontrattwali fit-tul, imqiegħed fl-istess pożizzjoni bħall-Istat, ma kienx jadotta miżura komparabbli mal-Artikolu 8c(1a) KStG.

5.2.2. *Selettività prima facie*

(64) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward is-selettività ta' miżura tat-taxxa, l-Artikolu 107(1) TFUE jirrikjedi valutazzjoni ta' jekk, taħt skema statutorja partikolari, miżura nazzjonali hija tali li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti" meta pparagunati ma' oħrajn li, fid-dawl tal-għan segwit mill-iskema, huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli. ([24])

(65) Konsegwentement, fil-valutazzjoni tas-selettività ta' dispożizzjoni tat-taxxa, il-Kummissjoni trid l-ewwel tiddetermina r-regoli ġenerali jew "tas-soltu" applikabbli għall-qasam tat-tassazzjoni kkonċernat taħt is-sistema eżistenti tat-taxxa ("sistema ta' referenza"). Trid imbagħad tiddetermina jekk il-miżura hijiex eċċeżżjoni għas-sistema ta' referenza billi tiddifferenzja bejn operaturi ekonomiċi li, fid-dawl tal-għan segwit mis-sistema tat-taxxa tal-Istat Membru kkonċernat, huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli.

5.2.2.1. Sistema ta' referenza

(66) Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li s-sistema ta' referenza hija s-sistema Ġermaniza tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji fil-forma preżenti tagħha, u partikolarment ir-regoli dwar ir-riport ta' telf tat-taxxa għal kumpaniji soġġetti għal tibdil fl-ishma tagħhom, li huma stabbiliti fl-Artikolu 8c(1) KStG. Kif deskritt hawn fuq fil-premessa (10), taħt din ir-regola telf mhux użat jintilef għal kollox

([21]) Kawża T-196/04 *Ryanair* vs *Il-Kummissjoni* [2008] Ġabra II-3643, punti 84-85; Kawża C-334/99 *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni* [2003] Ġabra I-1139, punti 133-134.

([22]) Iċċitata hawn fuq.

([23]) Iċċitata hawn fuq.

([24]) Kawża C-143/99 *Adria-Wien Pipeline* [2001] Ġabra I-8365, punt 41; Kawża C-308/01 *GIL Insurance u Oħrajn* [2004] Ġabra I-4777, punt 68; Kawża C-172/03 *Heiser* [2005] Ġabra I-1627, punt 40; ara wkoll l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-appplikazzjoni tar-regoli mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni diretta tan-negozju.

jekk aktar minn 50 % tad-drittijiet għas-sjieda jiġi trasferit lil akkwirent; jintilfu *pro rata* jekk, f'perjodu ta' ħames snin, aktar minn 25 % iżda inqas minn 50 % tad-drittijiet għas-sjieda jiġi trasferit. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li t-tneħħija ta' telf hija r-regola ġenerali, jiġifieri is-sistema ta' referenza, fil-każ ta' bidla fis-sjieda ta' kumpanija.

(67) Il-Kummissjoni tosserva li kienet diġà użat l-Artikolu 8c(1) KStG bħala sistema ta' referenza f'każ preċedenti. [25] Hemmhekk, il-Kummissjoni ddikjarat bħala inkompatibbli mas-suq intern eċċezzjoni għall-Artikolu 8c(1) KStG li jippermetti li kumpaniji akkwistati minn kumpaniji b'kapital ta' riskju jirriportaw telf minkejja l-bidla fis-sjieda. Ir-raġunament żviluppat f'dik id-deċiżjoni japplika wkoll għal dan il-każ.

5.2.2.2. Differenzazzjoni bejn kumpaniji f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli fid-dawl tal-għan tas-sistema tat-taxxa

(68) Bħala tluq mix-xenarju ta' referenza, l-Artikolu 8c(1a) KStG jippermetti lil kumpaniji li huma, jew huma f'riskju li jkunu, insolventi jew fi stat ta' dejn eċċessiv fil-ħin tal-akkwist tagħhom għall-fini ta' ristrutturar sabiex jirriportaw it-telf tagħhom, sakemm jiġu sodisfatti ċerti kondizzjonijiet (ara premessa 14).

(69) Il-Ġermanja ssostni li l-għan tal-Artikolu 8c(1a) KStG huwa li jneħħi ostakolu tat-taxxa għar-ristrutturar tal-impriżi f'diffikultà. Fid-dawl tal-għan tas-sistema tat-taxxa, impriżi f'diffikultà biss huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli. Ladarba l-Artikolu 8c(1a) KStG japplika għall-impriżi kollha f'diffikultà, mhuwiex selettiv.

(70) Il-Ġermanja hija tal-fehma li s-sentenzi f'*DMT* [26] u *HAMSA* [27] jappoġġjaw din il-pożizzjoni. Il-Ġermanja issostni li l-Qorti u l-Qorti Ġenerali kkonkludew li l-miżuri f'dawn il-każijiet kienu selettivi minħabba li kienu jeħtieġu deċiżjonijiet diskrezzjonali mill-awtoritajiet pubbliċi. Isegwi *a contrario* minn dawn is-sentenzi li miżura applikabbli għall-impriżi kollha f'diffikultà, u li ma tħalli l-ebda diskrezzjoni għall-awtoritajiet pubbliċi, mhijiex selettiva.

(71) Il-Kummissjoni se tiġbed l-attenzjoni l-ewwel li l-għan tas-sistema tat-taxxa jrid jiġi stabbilit fil-livell tas-sistema ta' referenza aktar milli fil-livell tal-eċċezzjoni. [28] L-għan tas-sistema tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji huwa li jiġġenera dħul għall-baġit. Tinħoloq il-mistoqsija jekk dan l-għan jitqiesx fejn il-kumpaniji jnaqqsu indebitament l-bażi tat-taxxa tagħhom billi jużaw riporti ta' telf minn kumpaniji finti. L-Artikolu 8c(1) KStG huwa intenzjonat sabiex jipprevjeni lil kumpaniji li jbiddlu s-sjieda milli jirriportaw it-telf tagħhom. Dan huwa ċar mill-memorandum ta' spjegazzjoni għal-liġi li introduċiet l-Artikolu 8c(1) KStG u ħassret l-Artikolu 8(4) KStG. [29] Għalhekk, il-kumpaniji kollha li jbiddlu s-sjieda huma, fid-dawl tal-għan tas-sistema tat-taxxa, f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli.

(72) Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni li kumpaniji f'diffikultà biss huma eliġibbli għall-eċċezzjoni provduta mill-Artikolu 8c(1a) KStG. Madankollu, kumpaniji li mhumiex insolventi jew fi stat ta' dejn eċċessiv, jew f'riskju tiegħu fil-ħin tal-akkwist, jistgħu anke jkunu qed jagħmlu telf, iżda mhumiex eliġibbli għar-riport ta' telf.

(73) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-Artikolu 8c(1a) KStG jiddifferenzja bejn il-kumpaniji li qed jagħmlu telf li huma altrimenti b'saħħithom u dawk li huma insolventi jew fi stat ta' dejn eċċessiv, jew f'riskju tiegħu, billi tibbenefika lil dan tal-aħħar. Għaldaqstant l-Artikolu 8c(1a) KStG jiddiferenzja bejn kumpaniji li huma, fir-rigward tal-għan tas-sistema tat-taxxa, f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli.

(74) It-tieni, il-Kummissjoni tenfasizza li, għal kuntrarju għall-fehma Ġermaniża, il-ġurisprudenza tal-Qorti u l-Qorti Ġenerali qatt ma qieset miżura applikabbli għall-impriżi kollha f'diffikultà u li ma tħalli l-ebda diskrezzjoni għall-awtoritajiet pubbliċi bħala, skont id-definizzjoni, mhux selettiva.

(75) Fir-rigward tad-*DMT*, għandu jiġi osservat li, bħala tweġiba għall-osservazzjoni mill-gvern Franċiż, li tikkorrispondi għall-fehma tal-Ġermanja f'dan il-każ, il-Qorti tikkonkludi fil-punt 28 li anke kieku l-awtoritajiet nazzjonali ma gawdew l-ebda diskrezzjoni, kien xorta jkun il-kompitu tal-qorti nazzjonali li tiddetermina jekk il-miżura nazzjonali inkwistjoni kinitx ta' natural ġenerali jew selettiva. Għaldaqstant, il-Qorti tirrikonoxxi b'mod impliċitu li miżura nazzjonali miftuħa għall-impriżi kollha f'diffikultà, u li ma tħalli l-ebda diskrezzjoni għall-awtoritajiet pubbliċi, xorta tista' tkun selettiva.

[25] Kawża C 2/09 *MoRaKG*, Kondizzjonijiet għal investimenti tal-kapital (ĠU L 6, 9.1.2010, p. 32).

[26] Iċċitata hawn fuq.

[27] Iċċitata hawn fuq.

[28] Kawża T-55/99 *CETM* [2000] Ġabra II-3207, punt 53.

[29] Ara Bundestagdrucksache 16/4841, p. 75 *et seq.* u d-deskrizzjoni hawn fuq.

(76) Fir-rigward ta' *HAMSA*, il-Kummissjoni tosserva li l-*obiter dictum* fil-paragrafu 157 tirreferi għall-leġislazzjoni Spanjola ta' insolvenza ġenerali. Il-miżura fi kwistjoni f'*HAMSA*, madankollu, ma kinitx miżura taħt il-liġi tal-insolvenza iżda rinunzja ta' dejn mogħtija mill-awtoritajiet Spanjoli fuq bażi volontarja, mingħajr ma kien hemm l-ebda obbligu legali, u li kienet ħafna ogħla mir-rinunzji ta' dejn miftiehma mill-investituri privati. Il-każ għalhekk mhuwiex rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura inkwistjoni.

(77) L-Avukat General Fennelly, fl-opinjoni tiegħu f'*Ecotrade*, jikkonferma li r-regoli li huma applikabbli għall-impriżi kollha f'diffikultà jistgħu jkunu selettivi u jikkostitwixxu għajnuna mill-istat. ([30])

(78) Għalhekk, għal kuntrarju għall-pożizzjoni tal-Ġermanja, l-analiżi tal-Kummissjoni tal-miżura inkwistjoni hija konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti u l-Qorti Ġenerali.

(79) Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li l-Artikolu 8c (1a) KStG bħala *prima facie* selettiv.

5.2.3. *Ġustifikazzjoni abbażi tan-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema tat-taxxa li tagħmel parti minnha*

(80) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, miżura li, għalkemm tagħti vantaġġ lir-reċipjent tagħha, tiġi ġġustifikata min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema li tagħmel parti minnha, ma tissodisfax dik il-kondizzjoni ta' selettività. ([31])

(81) Għalhekk, fejn, kif fil-każ preżenti, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-miżura inkwistjoni *prima facie* tidher li hija selettiva, trid tivvaluta jekk id-differenzazzjoni hijiex iġġustifikata min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema tat-taxxa li tagħmel parti minnha.

(82) Il-Kummissjoni tosserva li hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti li huwa l-kompitu tal-Istat Membru li jipprovdi din l-informazzjoni. ([32])

(83) Il-Qorti kkjarifikat ukoll li trid issir distinzjoni bejn, minnaħa waħda, l-għanijiet attribwiti għal skema tat-taxxa partikolari li huma estrinsiċi għaliha, u min-naħa l-oħra, il-mekkaniżmi inerenti fis-sistema tat-taxxa stess li huma neċessarji sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet. It-tieni mekkaniżmi biss jikkwalifikaw għal ġustifikazzjoni skont in-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema tat-taxxa li tagħmel parti minnha.

(84) Il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa neċessarju f'dan il-każ li ssir distinzjoni bejn l-għan tal-Artikolu 8c(1) KStG u l-għan tal-Artikolu 8c(1a) KStG.

(85) Kif tirrikonoxxi l-Ġermanja fis-sottomissjonijiet tagħha, l-għan tal-Artikolu 8c(1) KStG huwa li jipprevjeni l-abbuż tar-riport ta' telf permess mis-sistema tat-taxxa Ġermaniża fil-forma ta' xiri ta' kumpaniji finti vojta.

(86) Il-Kummissjoni tosserva f'dan ir-rigward li l-Artikolu 8c(1) KStG għandu ambitu aktar wiesa' mill-predeċessur tiegħu, l-Artikolu 8(4) KStG. Billi dan tal-aħħar eskluda r-riport ta' telf meta jkunu ġew sodisfatti żewġ kondizzjonijiet kumulattivi biss, jiġifieri akkwist minn entità korporattiva oħra u attività ekonomika ġdida, id-dispożizzjoni l-ġdida ma tinkludix it-tieni kondizzjoni. L-awwist minn entità korporattiva oħra huwa għalhekk biżżejjed sabiex tintilef il-possibbiltà ta' riport ta' telf. Il-leġislatur kien konxju minn din id-differenza fl-ambitu ladarba l-għan espliċitu tal-bidla fil-leġislazzjoni kien li jiġi ffinanzjat tnaqqis fir-rata tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji minn 25 % sa 15 %. ([33])

(87) L-Artikolu 8c(1a) KStG, għal kuntrarju, mhuwiex intenzjonat li jipprevjeni l-abbuż. Dan jidher ċar mill-memorandum ta' spjegazzjoni bl-introduzzjoni tal-*Sanierungsklausel* il-ġdida ppubblikata mill-Parlament Ġermaniż. Il-memorandum ta' spjegazzjoni jiddikjara li l-Artikolu 8c(1a) KStG ġie introdott sabiex jindirizza l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. ([34]) Matul il-kriżi, ir-restrizzjonijiet fuq ir-riport ta' telf ġew perċepiti bħala ostakolu partikolari għar-ristrutturar tal-kumpaniji.

(88) Il-Kummissjoni tosserva li l-Ġermanja, fil-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, tenfasizza l-fatt li l-Artikolu 8c(1a) KStG ma jikkostitwixxix miżura kontra l-abbuż, iżda ġie introdott sabiex jappoġġja kumpaniji f'diffikultà matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika.

(89) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għan segwit minn din il-miżura speċifika tat-taxxa huwa estrinsiku għas-sistema tat-taxxa. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, l-insegwiment ta' dan l-għan estrinsiku ma jistax jiġi invokat sabiex jiġġustifika miżura skont in-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa. ([35]) Jista' jiġi analizzat biss fil-valutazzjoni tal-kompatibilità.

([30]) Kawża C-200/97, opinjoni mogħtija fis-16 ta' Lulju 1998, punti 26-32.

([31]) Kawża 173/73 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [1974] Ġabra 709, punt 33; Kawża C-75/97 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [1999] Ġabra I-3671, punt 33; *Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke*, imsemmija hawn fuq, paragarafu 42; *GIL Insurance*, uċċitata hawn fuq, punt 72; *Heiser*, imsemmija hawn fuq, punt 43; Kawża C-148/04 *Unicredito Italiano* [2005] Ġabra I-11137, punt 51; Kawża C-88/03 *Il-Portugal* v *Il-Kummissjoni* [2006] Ġabra I-7115, punt 52.

([32]) *Il-Portugal* vs *Il-Kummissjoni*, iċċitata hawn fuq, punt 81.

([33]) Bundestagdrucksache 16/4841, p. 30 *et seq.*

([34]) Bundestagdrucksache. 16/13429, p. 50, u Bundestagdrucksache 16/12674, p. 10.

([35]) *Il-Portugal* vs *Il-Kummissjoni*, iċċitata hawn fuq, punt 82, li jirreferi għall-"koeżjoni" u l-"iżvilupp reġjonali" bħala għanijiet estrinsiċi.

(90) It-tliet argumenti ppreżentati mill-Ġermanja ma jistgħux ibiddlu din il-valutazzjoni.

(91) Fir-rigward tal-argument tal-Ġermanja li kumpanija f'diffikultà m'għandha l-ebda għażla ħlief li tikseb il-finanzi permezz ta' investitur, filwaqt li kumpanija b'saħħitha, li temporanjament qed tagħmel telf, għandha l-għażla bejn li tikseb il-finanzi fis-suq kapitali u l-akkwist minn investitur b'finanzjament mill-ġdid sussegwenti, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-mod kif kumpanija tiffinanzja n-negozju tagħha huwa irrilevanti fid-dawl tal-għan tas-sistema tat-taxxa. Is-sistema tat-taxxa korporattiva hija bbażata fuq it-tassazzjoni ta' qligħ u d-dikjarazzjoni tat-telf. Kif seta' jiġi osservat matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika, kumpaniji finanzjarjament b'saħħithom irrapportaw ukoll temporanjament it-telf. Iżda dawn il-kumpaniji finanzjarjament b'saħħithom mhumiex eliġibbli għar-riport ta' telf fl-applikazzjoni tas-*Sanierungsklausel* u għaldaqstant huma fi żvantaġġ meta pparagunati ma' kumpaniji f'diffikultà li qed jagħmlu telf fil-każ ta' bidla fis-sjieda u finanzjarjament mill-ġdid sussegwenti mill-partijiet interessati l-ġodda. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva wkoll li matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika kumpaniji b'saħħithom, li rreġistraw temporanjament it-telf, kellhom diffikultajiet kbar sabiex ikollhom aċċess għas-swieq kapitali. Għalhekk, anke s-suppożizzjonijiet fattwali fl-isfond tal-ewwel argument mhumiex preċiżi. Il-Kummissjoni għalhekk tirrifjuta l-ewwel argument tal-Ġermanja.

(92) Fir-rigward tat-tieni argument tal-Ġermanja, li l-eċċezzjoni provduta fl-Artikolu 8c(1a) KStG għall-projbizzjoni ġenerali dwar ir-riport ta' telf fil-każ tal-bidla fis-sjieda stabbilita mill-Artikolu 8c(1) KStG ġiet iġġustifikata mir-*ratio legis* tal-Artikolu 8c(1) KStG, minħabba li ma kien hemm l-ebda riskju ta' abbuż fil-każ tar-ristrutturar ta' kumpanija f'diffikultà, il-Kummissjoni tosserva li dan l-argument ma jiġġustifikax ir-restrizzjoni tal-Artikolu 8c(1a) KStG għal kumpaniji f'diffikultà. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni li lanqas ma hemm l-ebda riskju ta' abbuż meta tiġi akkwistata kumpanija finanzjarjament b'saħħitha. Ir-riskju ta' abbuż jeżisti biss fir-rigward ta' kumpaniji finti vojta. Kif enfasizzat hawn fuq, ir-*ratio legis* tal-Artikolu 8c(1) KStG tmur lil hinn mill-ġlieda kontra l-abbuż. L-għan tiegħu huwa anke li jżid il-bażi tat-taxxa korporattiva Ġermaniża u li jikkumpensa t-tnaqqis fir-rata tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji minn 25 % sa 15 %. Dan jispjega għaliex l-Artikolu 8c(1) KStG jinkludi wkoll numru ta' akkwisti ta' interessi fejn m'hemm l-ebda riskju ta' abbuż. Il-Kummissjoni għalhekk tirrifjuta l-argument tal-Ġermanja li l-eċċezzjoni introdotta millArtikolu 8c(1a) KStG tikkorrispondi għar-*ratio legis* tal-Artikolu 8c(1) KStG.

(93) Fir-rigward tat-tielet argument tal-Ġermanja, li t-telf ta' kumpaniji f'diffikultà mhuwiex normalment attribwit kwalunkwe valur minn awdituri meta tiġi kkalkolata t-taxxa differita għal dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati, u għalhekk il-possibbiltà tar-riport ta' telf m'għandha l-ebda impatt fuq il-prezz tal-bejgħ tal-kumpanija f'diffikultà, il-Kummissjoni l-ewwel tosserva li dan huwa bbażat fuq kriterji ta' kontabilità u huwa għalhekk irrilevanti għal konsiderazzjonijiet tat-taxxa. It-tieni, il-Kummissjoni tosserva li dan l-argument jikkontradixxi d-dikjarazzjoni tal-Ġermanja li l-inabbiltà li jiġi riportat telf tikkostitwixxi ostakolu għar-ristrutturar. Dan huwa veru biss jekk il-kumpanija akkwirenti tattribwixxi ċertu valur monetarju għall-possibbiltà ta' riport ta' telf. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrifjuta wkoll it-tielet argument tal-Ġermanja.

(94) Barra minn hekk, il-Ġermanja tiddikjara li Stati Membri oħra jipprovdu wkoll ħelsien mit-taxxa għar-ristrutturar ta' kumpaniji, bħall-iskema tal-għajnuna Franċiża għall-akkwist ta' ditti f'diffikultà. Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argument tal-Ġermanja, li huwa bbażat fuq paragun. L-ewwel nett, sabiex tiġi ġġustifikata miżura, l-Istati Membri jistgħu jirreferu biss għall-prinċipji inerenti għas-sistema tat-taxxa tagħhom, bħala s-sistema ta' referenza li permezz tagħha jiġi vvalutat jekk impriża tiksibx vantaġġ fis-sens tar-regoli tal-għajnuna mill-istat. Il-fatt li miżuri tat-taxxa komparabbli jistgħu jeżistu fl-Istati Membri l-oħra m'huwa tal-ebda konsegwenza ladarba kwalunkwe miżura bħal din tista' taqa' taħt id-dispożizzjonijiet fit-Trattat. It-tieni, il-kondizzjonijiet imposti fuq miżuri taħt l-iskema Franċiża huma differenti mill-Artikolu 8c(1a) KStG. L-iskema Franċiża tipprovdi għal eżenzjoni tat-taxxa għal kumpaniji ġodda li jakkwistaw ditta f'diffikultà. Wara li l-iskema ġiet iddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni mill-Kummissjoni fl-2004, ([36]) Franza biddlitha sabiex tikkonforma mar-regoli tal-għajnuna mill-istat. Il-benefiċċji provduti huma issa parzjalment *de minimis*. Il-parti l-oħra tal-għajnuna hija kompatibbli bħala għajnuna reġjonali jew għajnuna tal-SME. ([37])

(95) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi minn dak imsemmi hawn fuq li l-miżura inkwistjoni ma tirriżultax direttament mill-prinċipji bażiċi tas-sistema tat-taxxa u mhijiex iġġustifikata min-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema tat-taxxa.

5.2.4. *Ir-rabta bejn is-Sanierungsklausel l-antika u l-ġdida*

(96) Il-Ġermanja ssostni li l-Artikolu 8c(1a) KStG essenzjalment jikkorrispondi għall-Artikolu 8(4) KStG l-antik u li l-Kummissjoni qatt ma kienet ikkunsidrat l-Artikolu 8(4) KStG bħala għajnuna mill-istat.

([36]) Kawża C 57/02 *Eżenzjoni tat-taxxa għall-akkwist ta' ditti f'diffikultà* (ĠU L 108, 16.4.2004, p. 38).

([37]) Kawża N 553/04 *Eżenzjoni tat-taxxa għall-akkwist ta' ditti f'diffikultà* (ĠU C 242, 1.10.2005, p. 5).

(97) Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni li l-Ġermanja qatt ma nnotifikat l-Artikolu 8(4) KStG. Il-Kummissjoni għalhekk ma kinitx ħadet opinjoni dwar jekk involvietx għajnuna mill-istat.

(98) Din il-proċedura tikkonċerna biss l-Artikolu 8c(1a) KStG, ladarba l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali kienet limitata għal din id-dispożizzjoni. Il-Ġermanja ma tistax tistrieħ fuq l-argument li l-Kummissjoni qatt ma oġġezzjonat formalment għall-Artikolu 8(4) KStG sabiex tiġġustifika l-Artikolu 8c(1a) KStG minħabba li l-awtoritajiet Ġermaniżi qatt ma nnotifikaw l-Artikolu 8(4) KStG.

(99) Il-Kummissjoni tirriserva d-dritt li tanalizza l-Artikolu 8(4) KStG taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-istat fil-każ li jinstab li din id-dispożizzjoni setgħet ipprovdiet lill-impriżi b'vantaġġ selettiv.

5.2.5. *Skemi tat-taxxa simili fi Stati Membri oħra*

(100) Il-fatt li Stati Membri oħra għandhom f'operazzjoni skemi tat-taxxa simili jew identiċi, li ma nnotifikawx lill-Kummissjoni, m'għandu l-ebda impatt fuq l-analiżi tal-mistoqsija jekk miżura msemmija tikkostitwixxix għajnuna mill-istat.

(101) Il-Kummissjoni se tanalizza l-informazzjoni sottomessa mill-Ġermanja skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Proċedurali. [38]

5.2.6. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv*

(102) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-Artikolu 8c(1a) KStG jipprovdi vantaġġ selettiv għall-kumpaniji li għalihom japplika.

### 5.3. **Effett fuq il-kummerċ fi ħdan l-Unjoni**

(103) Il-miżura għandha tkun tali li taffettwa l-kummerċ fi ħdan l-Unjoni u twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-Artikolu 8c(1a) KStG mhuwiex speċifik għas-settur, jiġifieri s-setturi kollha jistgħu jibbenefikaw minnu. Effettivament is-setturi kollha tal-ekonomija Ġermaniża huma attivi fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni u l-kummerċ fi ħdan l-Unjoni. Għalhekk, il-miżura hija tali li taffettwa l-kummerċ fi ħdan u l-Unjoni u li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(104) Il-Kummissjoni tosserva li, skont l-informazzjoni provduta mill-Ġermanja, l-impriżi kollha eliġibbli għall-miżura huma eliġibbli għal proċeduri ta' insolvenza taħt il-liġi tal-insolvenza Ġermaniża (ara l-premessa 14 u n-nota f'qiegħ il-paġna 7). Għalhekk, il-benefiċjarji potenzjali kollha tal-miżura huma impriżi f'diffikultà fis-sens tal-punt 10(c) tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà (minn hawn 'il quddiem: il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar). Bħala konsegwenza, l-ebda mill-benefiċjarji ma huwa eliġibbli għal għajnuna *de minimis* skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna *de minimis*, [39] minħabba li l-Artikolu 1(h) ta' dak ir-Regolament jeskludi lill-impriżi f'diffikultà mill-ambitu tiegħu.

### 5.4. **Konklużjoni**

(105) Għalhekk, minħabba li huma sodisfatti r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) TFUE, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-iskema tar-riport ta' taxxa ta' telf fil-każ tar-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà tikkostitwixxi għajnuna mill-istat fis-sens ta' dak l-artikolu.

## 6. **VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBILITÀ TAL-MIŻURA**

(106) Il-Kummissjoni tista' tiddikjara l-għajnuna mill-istat kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) TFUE. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, il-piż tal-prova li tintwera li miżura hija kompatibbli huwa tal-Istat Membru. [40] F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li l-Ġermanja, minkejja l-istedina espliċita mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ, ma ssottomettiet l-ebda informazzjoni fir-rigward tal-kwistjoni lill-Kummissjoni. Għal dik ir-raġuni biss, il-Kummissjoni ma tistax tiddikjara lill-miżura tal-għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern.

(107) Madankollu, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-miżura tistax tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq intern. Il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa f'każijiet ta' għajnuna li jaqgħu taħt l-Artikolu 107(3) TFUE. [41] Billi eżerċitat din id-diskrezzjoni, ħarġet linji gwida u avviżi li stipulaw kriterji għad-dikjarazzjoni ta' ċerti tipi ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern taħt l-Artikolu 107(3) TFUE. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-Kummissjoni hija marbuta bil-linji gwida u l-avviżi li

[38] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

[39] ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5.

[40] Kawża C-364/90 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [1993] Ġabra I-2097, punt 20; Kawżi Konġunti T-132/96 u T-143/96 *Freistaat Sachsen* (T-132/96) u *Volkswagen AG u Volkswagen* (T-143/96) vs *Il-Kummissjoni* [1999] Ġabra II-3663, punt 140; Kawża C-372/97 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [2004] Ġabra I-3679, punt 81.

[41] Kawża C-142/87 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [1990] Ġabra I-959, punt 56, u Kawża C-39/94 *SFEI u Oħrajn* [1996] Ġabra I-3547, punt 36.

toħroġ fiż-żona tas-sorveljanza tal-għajnuna mill-istat safejn ma jitilqux mir-regoli fit-Trattat u huma aċċettati mill-Istati Membri. ([42])

(108) Huwa għalhekk neċessarju li jiġi vvalutat l-ewwel jekk l-għajnuna notifikata taqax taħt l-ambitu ta' linja gwida jew avviż wieħed jew aktar, u tkunx tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern minħabba li tissodisfa l-kondizzjonijiet għall-kompatibilità stabbilita fih.

### 6.1. **Kompatibilità possibbli abbażi tal-Qafas Temporanju** ([43])

(109) Ladarba l-Artikolu 8c(1a) KStG ġie introdott sabiex jindirizza l-problemi li jirriżultaw mill-kriżi finanzjarja u ekonomika, il-Kummissjoni eżaminat jekk jistax jiġi ddikjarat kompatibbli taħt l-Artikolu 107(3)(b) TFUE, kif interpretat mill-Qafas Temporanju.

(110) Fid-dawl tal-kriżi finanzjarja u ekonomika kurrenti u l-impatt tagħha fuq l-ekonomija ġenerali tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tikkunsidra li ċerti kategoriji tal-għajnuna mill-istat huma ġġustifikati, għal perjodu llimitat, sabiex tiġi rrimedjata din il-kriżi u jistgħu jiġu ddikjarati kompatibbli mas-suq intern taħt l-Artikolu 107(3)(b) TFUE Il-Qafas Temporanju jistipula l-kondizzjonijiet taħt liema l-Kummissjoni se tiddikjara dawn l-iskemi tal-għajnuna bħala kompatibbli.

(111) Madankollu, l-Artikolu 8c(1a) KStG ma jaqa' taħt l-ebda waħda mill-miżuri stipulati fil-Qafas Temporanju minħabba li tikkonċerna eżenzjonijiet mit-taxxa għal kumpaniji f'diffikultà. Madankollu, il-Qafas Temporanju ma jipprovdix għal għajnuna mill-istat fil-forma ta' eżenzjonijiet mit-taxxa.

(112) Il-Kummissjoni għalhekk hija tal-fehma illi l-Artikolu 8c(1a) KStG ma jissodisfax ir-rekwiżiti sabiex tiġi ddikjarata kompatibbli taħt l-Artikolu 107(3)(b) TFEU, kif interpretat mill-Qafas Temporanju.

(113) Il-Kummissjoni tosserva, madankollu, li ammont illimitat ta' għajnuna għal ċerti benefiċjarji jista' jiġi ddikjarat kompatibbli mas-suq intern skont it-taqsima 4.2 tal-Qafas Temporanju sakemm jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha ta' skema tal-għajnuna Ġermaniża li l-Kummissjoni tkun approvat fuq din il-bażi legali. Sabiex ikun eliġibbli għal din it-tip ta' għajnuna, il-benefiċjarju jrid juri partikolarment li ma kienx impriża f'diffikultà fl-1 ta' Lulju 2008 fis-sens tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar (għal impriżi kbar) jew fis-sens tal-Artikolu 1(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Shiha – GBER) ([44]) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (għal SME) u li l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-għajnuna mhijiex ogħla minn EUR 500 000. Barra minn hekk, il-kondizzjonijiet l-oħra fit-taqsima 4.2.2 tal-Qafas Temporanju u tad-deċiżjoni li tawtorizza l-iskema tal-għajnuna Ġermaniża jridu jiġu sodisfatti.

### 6.2. **Kompatibilità possibbli abbażi tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar** ([45])

(114) Ladarba l-Artikolu 8c(1a) KStG jikkonċerna vantaġġi tat-taxxa għal kumpaniji f'diffikultà, il-Kummissjoni eżaminat il-kompatibilità tagħha taħt il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar. Taħt dawn il-Linji Gwida, kumpaniji f'diffikultà biss huma eliġibbli għall-għajnuna. Billi kumpanija insolventi jew fi stat ta' dejn eċċessiv tista' titqies bħala f'diffikultà fis-sens tal-Linji Gwida, il-paragrafu 13 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar jipprovdi li ditta li tappartjeni għal jew qed li tgħaddi f'idejn grupp tan-negozju akbar mhijiex normalment eliġibbli għall-għajnuna ta' salvataġġ jew ristrutturar. Wieħed mir-rekwiżiti tal-Artikolu 8c(1a) KStG huwa bidla fl-ishma. Wara din il-bidla, il-kumpanija fil-mira tista' tappartjeni għal grupp. F'dan il-każ, ikun normalment il-kompitu tal-grupp li jassisti lill-kumpanija f'diffikultà fil-mira, li imbagħad ma tkunx eliġibbli għall-għajnuna taħt il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar.

(115) Barra minn hekk, anke għall-benefiċjarji eliġibbli għall-għajnuna taħt il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, ma jiġux sodisfatti rekwiżiti oħra ta' dawn il-Linji Gwida.

(116) Taħt il-paragrafu 25(1) tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, għajnuna ta' salvataġġ tista' tieħu l-forma ta' self jew garanziji ta' self biss. Għalhekk, il-vantaġġ tat-taxxa inkwistjoni ma jistax jitqies bħala għajnuna ta' salvataġġ.

([42]) Kawża C-313/90 *CIRFS u Oħrajn* vs *Il-Kummissjoni* [1993] Ġabra I-1125, punt 36; Kawża C-311/94 *IJssel-Vliet* [1996] Ġabra I-5023, punt 43; u Kawża C-351/98 *Spanja* vs *Il-Kummissjoni* [2002] Ġabra I-8031, punt 53.

([43]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – qafas temporanju Komunitarju għal miżuri mill-Istat sabiex jiġi appoġġjat aċċess għall-finanzi fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1). B'effett mill-1 ta' Jannar 2011, din il-Komunikazzjoni ġiet sostitwita minn verżjoni ġdida (ĠU C 6, 11.1.2011, p. 5). Madankollu, skont il-Kapitolu 5 tal-verżjoni l-ġdida, din il-verżjoni tapplika għal għajnuna illegali biss, għajnuna li ngħatat wara l-1 ta' Jannar 2011. Minħabba li l-Ġermanja ssospendiet l-applikazzjoni tal-miżura, l-ebda għajnuna ma ngħatat wara dik id-data.

([44]) ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

([45]) Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2).

(117) Fil-każ ta' għajnuna ta' ristrutturar, il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar jeħtieġu s-sottomissjoni ta' pjan ta' ristrutturar realistiku sabiex il-kumpanija terġa' ssir vijabbli. L-għajnuna trid tiġi limitata għall-minimu neċessarju. F'dan il-kuntest, il-benefiċjarju jrid jagħmel kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' ristrutturar. Fl-aħħar nett, sabiex jiġu evitati distorsjonijiet mhux dovuti tal-kompetizzjoni, il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar jipprovdu għal miżuri kompensatorji.

(118) Mhux dawn il-kondizzjonijiet kollha jiġu sodisfatti mill-Artikolu 8c(1a) KStG. Filwaqt li l-memorandum ta' spjegazzjoni jindika li l-kumpanija fil-mira trid tipprovdi pjan ta' organizzazzjoni mill-ġdid bi prospettiva pożittiva ta' negozju, m'hemm l-ebda indikazzjoni li dan il-pjan se jissodisfa r-rekwiżiti tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, lanqas li l-ammont tal-għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ. L-ammont ta' għajnuna jiddependi fuq it-telf li kumpanija tkun ġarrbet fil-passat. Barra minn hekk, l-Artikolu 8c(1a) KStG ma jipprovdix għal kontribuzzjoni mill-benefiċjarju jew miżuri kompensatorji.

(119) Fl-aħħar nett, għajnuna ta' salvataġġ u ristrutturar għal impriżi kbar trid tiġi notifikata individwalment. Ma tistax tingħata bħala parti minn skema. L-Artikolu 8c(1a) KStG ma jiddistingwix bejn kumpaniji kbar u SMEs.

(120) Anke għal SMEs, fejn l-għajnuna ta' salvataġġ u ristrutturar tista' tieħu l-forma ta' skema, il-Kummissjoni tosserva li r-rekwiżiti partikolari għal din l-iskema stipulati fil-paragrafu 82 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar ma jiġux sodisfatti, għall-istess raġunijiet stipulati hawn fuq fil-paragrafu 117.

(121) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Artikolu 8c(1a) KStG mhuwiex kompatibbli mas-suq intern bħala għajnuna ta' ristrutturar.

### 6.3. **Kompatibilità possibbli abbażi tal-Linji Gwida tal-Għajnuna Reġjonali** ([46])

(122) L-Artikolu 8c(1a) KStG għandu jiġi eżaminat ukoll fid-dawl tal-Linji Gwida tal-Għajnuna ta' Ristrutturar.

(123) Benefiċjarji potenzjali tal-għajnuna reġjonali jridu jiġu lokati f'reġjun Ġermaniż eliġibbli għall-għajnuna reġjonali. Taħt l-Artikolu 8c(1a) KStG, dan mhuwiex neċessarjament il-każ, minħabba li d-dispożizzjoni tapplika għal kumpaniji li jinsabu madwar il-Ġermanja kollha.

(124) Barra minn hekk, il-Linji Gwida ta' Għajuna Reġjonali jeskludu mill-ambitu tagħhom impriżi f'diffikultà fis-sens tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar (ara l-paragrafu 9). Għalhekk, anke għajnuna għal impriżi lokati f'reġjuni eliġibbli ma tistax tiġi ddikjarata kompatabbli abbażi tal-Linji Gwida tal-Għajnuna Reġjonali.

(125) Il-Kummissjoni hija għalhekk tal-fehma li l-miżura mhijiex kompatibbli mas-suq intern bħala għajnuna reġjonali.

### 6.4. **Kompatibilità possibbli abbażi tal-Linji Gwida tal-Għajnuna Ambjentali** ([47])

(126) Fl-aħħar nett, l-Artikolu 8c(1a) KStG irid jiġi eżaminat fid-dawl tal-Linji Gwida tal-Għajnuna Ambjentali.

(127) L-għan ewlieni tal-Linji Gwida tal-Għajnuna Ambjentali huwa li jiġi żgurat li miżuri ta' għajnuna mill-istat se jirriżultaw f'livell ogħla ta' protezzjoni ambjentali milli kieku jseħħ mingħajr l-għajnuna u sabiex jiġi żgurat li l-effett pożittivi tal-għajnuna jegħlbu l-effetti negattivi tagħha f'termini ta' distorsjoni ta' kompetizzjoni, meta jitqies li prinċipju ta' min iniġġeż iħallas (minn hawn 'il quddiem "PPP") stabbilit mill-Artikolu 191 TFUE.

(128) Dan l-għan mhuwiex sodisfatt mill-Artikolu 8c(1a) KStG. Il-memorandum ta' spjegazzjoni ma jirreferix għal kwalunkwe għan fis-sens tal-Linji Gwida tal-Għajnuna Ambjentali.

(129) Kif jiddikjara l-paragrafu 20 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, ditta f'diffikultà, meta jitqies li l-eżistenza stess tagħha hija fil-periklu, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala strument xieraq biex jiġu promossi għanijiet oħra tal-politika pubblika sakemm tkun assigurata l-vijabilità tagħha. Ladarba l-benefiċjarji kollha tal-Artikolu 8c(1a) KStG huma kumpaniji f'diffikultà fis-sens tal-paragrafu 10(c) tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-Artikolu 8c(1a) KStG mhijiex kompatibbli bħala għajnuna ambjentali.

### 6.5. **Kompatibilità possibbli abbażi tal-Artikolu 107(3) TFUE**

(130) Il-Kummissjoni tosserva li l-miżura notifikata taqa' fl-ambitu ta' kemm il-Qafas Temporanju kif ukoll il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar. Għalhekk, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha taħt l-Artikolu 107(3)(b) u (c) TFUE, hija marbuta minn dawn iż-żewġ testi, għar-raġunijiet stipulati hawn fuq fil-premess 109 *et seq*.

---

([46]) Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013 (ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13).

([47]) Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-istat għall-protezzjoni ambjentali (ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1).

(131) Madankollu, jekk il-Kummissjoni tiġi ppreżentata b'argumenti b'saħħithom biżżejjed sabiex tagħmel dan, tista' teżerċita d-diskrezzjoni tagħha għal darb'oħra sakemm taġixxi fil-limiti stipulati mit-TFUE u l-prinċipji ġenerali tal-liġi, partikolarment il-prinċipju tat-trattament ugwali, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti. ([48]) F'dan il-kuntest, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, il-Kummissjoni tista' tiddikjara għajnuna mill-istat bħala kompatibbli mas-suq intern jekk l-għajnuna hija intenzjonata sabiex tirrimedja tħarbit serju fl-ekonomija ta' Stat Membru (Artikolu 107(3)(b) TFUE) jew issegwi għan ta' interess komuni (Artikolu 107(3)(c) TFUE), ([49]) hija neċessarja sabiex jintlaħaq dan l-għan, ([50]) u ma taffettwax ħażin il-kondizzjonijiet ta' kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni.

(132) F'dan il-każ, il-Ġermanja ma ppreżentat l-ebda argument li l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern direttament taħt l-Artikolu 107(3)(b) jew (c) TFUE.

(133) Il-Kummissjoni tosserva li, minħabba fid-disinn tal-miżura tal-għajnuna, l-ammont ta' għajnuna jiddependi fuq it-telf li l-benefiċjarju jkun irreġistra fil-passat. Għalhekk, m'hemm l-ebda rabta bejn l-ammont ta' għajnuna li tirċievi impriża u l-għan segwit mill-iskema tal-għajnuna, jiġifieri t-tneħħija ta' ostakoli għar-ristrutturar u l-appoġġ għal impriżi f'diffikultà matul il-kriżi ekonomika u finanzjarja. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-iskema tal-għajnuna mhijiex limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb l-għan tagħha. Bħala konsegwenza, twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern sa punt li jmur kontra l-interess komuni.

(134) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li miżura ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli meta bbażata direttament fuq l-Artikolu 107(3)(b) jew (c) TFUE.

## 7. IRKUPRU

(135) Ladarba l-iskema tal-għajnuna ma ġietx notifikata, hija għajnuna illegali.

(136) Bis-saħħa tal-prattika stabbilita tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni kwalunkwe għajnuna li ngħatat illegalment u li hija kompatibbli taħt l-Artikolu 107 tat-Trattat trid tiġi rkuprata mill-benefiċjarji. Din il-prattika ġiet ikkonfermata mill-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([51]): "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna llegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju".

(137) Meta jitqies li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi għajnuna illegali u inkompatibbli, trid tiġi rkuprata sabiex terġa tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel ma ngħatat l-għajnuna. L-irkupru, għalhekk, irid jiġi effettwat mid-data meta sar il-vantaġġ favur il-benefiċjarju, jiġifieri meta l-għajnuna saret disponibbli għall-benefiċjarju, u għandu jħallas imgħax ta' rkupru sal-irkupru effettiv.

(138) Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li d-data annwali għall-ħlas ta' taxxa korporattiva trid tiġi kkunsidrata bħala d-data rilevanti għad-determinazzjoni tad-data meta l-għajnuna saret disponibbli lill-benefiċjarju.

(139) Il-Ġermanja trid tieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex tirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarji. Sabiex jiġi stabbilit in-numru ta' każijiet li fihom irid isir l-irkupru, il-Ġermanja trid tfassal lista ta' impriżi li bbenefikaw mill-miżura inkwistjoni mill-1 ta' Jannar 2008. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tosserva li l-Ġermanja waqfet l-applikazzjoni tal-miżura fit-30 ta' April 2010. Il-Ministeru Federali Ġermaniż tal-Finanzi ordna lill-awtoritajiet tat-taxxa responsabbli għall-ġbir tat-taxxa sabiex jieqfu japplikaw il-*Sanierungsklausel* sakemm il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni finali fil-każ. ([52])

(140) L-għajnuna mill-istat li trid tiġi rkuprata trid tiġi kkalkolata abbażi tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-kumpaniji kkonċernati, jiġifieri l-benefiċjarji tal-Artikolu 8c(1a) KStG. L-ammont tal-għajnuna trid tiġi kkalkolata bħala d-differenza bejn it-taxxa li tkun trid tithallas mingħajr l-applikazzjoni tal-Artikolu 8c(1a) KStG u t-taxxa li fil-fatt tħallset wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 8c(1a) KStG.

(141) Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li, fejn l-ammont totali ta' għajnuna b'hekk mogħtija ma jaqbiżx ekwivalent tal-għotja gross ta' EUR 500 000, u fejn il-kondizzjonijiet l-oħra kollha stipulati fit-taqsima 4.2.2 tal-Qafas Temporanju u ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza skema Ġermaniża ta' għajnuna fuq dik il-bażi legali jiġu sodisfatti, partikolarment fir-rigward li l-kumpanija ma kinitx f'diffikultà fl-1 ta' Lulju 2008, l-għajnuna tista' titqies kompatibbli abbażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, kif interpretat mill-Qafas Temporanju, u l-iskema Ġermaniża tal-għajnuna awtorizzata. Fejn l-ammont totali jaqbeż l-EUR 500 000, iż-żejjed irid jiġi rkuprat.

---

([48]) Ara partikolarment il-Kawża C-313/90 *Comité International de la Rayonne et des Fibres Synthétiques (CIRFS)* vs *Il-Kummissjoni* [1993] Ġabra I-1125.

([49]) Kawża T-162/06 *Kronoply* vs *Il-Kummissjoni* [2009] Ġabra II-1; speċjalment il-punti 65, 66, 74, 75.

([50]) Kawżae T-187/99 *Agrana Zucker und Stärke* vs *Il-Kummissjoni* [2001] Ġabra II-1587, punt 74; Kawża T-126/99 *Graphischer Maschinenbau* vs *Il-Kummissjoni* [2002] ECR II-2427, punti 41-43; Kawża C-390/06 *Nuova Agricast* [2008] Ġabra I-2577, punti 68-69.

([51]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

([52]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

(142) Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni tal-Ġermanja għall-fatt li l-għajnuna ma tistax titqies kompatibbli taħt ir-regoli *de minimis* ([53]), jew taħt skema tal-għajnuna b'eżenzjoni sħiħa ([54]), jew taħt kwalunkwe skema tal-għajnuna approvata abbażi tal-Linji Gwida tal-Għajnuna Reġjonali jew il-Linji Gwida tar-Riċerka, l-Iżvilupp, u l-Innovazzjoni ([55]), minħabba li dawn it-testi kollha jeskludu l-għotja ta' għajnuna mill-istat lill-impriżi f'diffikultà. ([56]) Għall-iskemi tal-għajnuna approvati l-oħra kollha, il-Ġermanja trid tivverifika jekk id-deċiżjoni li tapprova l-iskema tal-għajnuna teskludix lill-impriżi f'diffikultà mill-ambitu. Jekk le, l-għajnuna tista' titqies kompatibbli taħt dawn l-iskemi, sakemm il-Ġermanja turi li l-kondizzjonijiet kollha tal-iskemi rilevanti ġew sodisfatti meta tkun ingħatat l-għajnuna.

## 8. KONKLUŻJONIJIET

(143) Abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-iskema għar-riport ta' telf ta' taxxa (Artikolu 8c(1a) KStG, "*Sanierungsklausel*") tikkostitwixxi għajnuna mill-istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE li ġie implimentat illegalment bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE. L-iskema hija inkompatibbli mas-suq intern.

(144) Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-Ġermanja trid tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarji tal-*Sanierungsklausel*,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-istat mogħtija abbażi tal-Artikolu 8c(1a) tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-Kumpaniji (*Körperschaftssteuergesetz*), imdaħħla fis-seħħ illegalment mill-Ġermanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, hija inkompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 2*

L-għajnuna individwali mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 hija kompatibbli mas-suq intern taħt l-Artikolu 107(3)(b), kif interpretat mill-Qafas Temporanju, sakemm l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx l-EUR 500 000, il-benefiċjarju ma kienx impriża f'diffikultà fl-1 ta' Lulju 2008 u l-kondizzjonijiet l-oħra kollha stipulati fit-taqsima 4.2.2 tal-Qafas Temporanju jiġu sodisfatti.

*Artikolu 3*

L-għajnuna individwali mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 li, fil-ħin li tingħata, tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti minn kwalunkwe skema ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni fuq bażi legali oħra għajr ir-Regolament tal-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, il-Linji Gwida tal-Għajnuna Reġjonali, il-Linji Gwida tar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni, u li ma teskludix lill-impriżi f'diffikultà bħala benefiċjarji potenzjali, hija kompatibbli mas-suq intern, sal-intensitajiet massimi ta' għajnuna applikabbli għal dik it-tip ta' għajnuna.

*Artikolu 4*

1. Il-Ġermanja għandha tirtira l-iskema msemmija fl-Artikolu 1.

2. Il-Ġermanja għandha tirkupra l-għajnuna inkompatibbli mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 mill-benefiċjarji.

3. Is-sommom li jridu jiġu rkuprati għandu jkollhom imgħax mid-data li fiha saru disponibbli għall-benefiċjarji sad-data li fiha fil-fatt ġew irkuprati.

4. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([57]).

5. Il-Ġermanja għandha tikkanċella l-ħlasijiet pendenti kollha tal-għajnuna taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 b'effett mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

1. L-irkupru tal-għajnuna mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Il-Ġermanja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6*

1. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Ġermanja għandha tissottometti l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) Il-lista ta' benefiċjarji li jkunu rċevew għajnuna taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 u l-ammont totali tal-għajnuna rċevuta minn kull wieħed minnhom taħt l-iskema;

([53]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5).
([54]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 44.
([55]) Il-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, (ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1).
([56]) Ara l-Artikolu 1 (6) (c) GBER; punt 9 Linji Gwida tal-Għajnuna Reġjonali; kapitolu 2.1 fl-aħħar, il-Linji Gwida għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni.
([57]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

(b) L-ammont totali (somma kapitali ewlenija u imgħax) li jrid jiġi rkuprat minn kull benefiċjarju;

(c) Deskrizzjoni ddettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati sabiex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni;

(d) Evidenza dokumentata li l-benefiċjarji jkunu ġew ordnati li jħallsu l-għajnuna mill-ġdid.

2. Il-Ġermanja għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata bil-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm l-irkupru tal-għajnuna mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 ikun tlesta. Fuq talba mill-Kummissjoni, il-Ġermanja għandha tissottometti immedjatament informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu jew li huma ppjanati li jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni. Għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti tal-għajnuna u l-imgħax ta' rkupru li diġà ġew irkuprati mill-benefiċjarji.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmula fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Viċi-President*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-8 ta’ Marzu 2011

## dwar miżura ta’ għajnuna mill-Istat C 24/09 (ex N 446/08) – Għajnuna mill-Istat lin-negozji konċentrati fl-enerġija skont l-Att dwar l-Enerġija Ekoloġika fl-Awstrija

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1363)*

**(It-test Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/528/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq ([1]), u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Fis-27 ta’ Ġunju 2008 l-Awstrija nnotifikat minn qabel it-tibdil li kienet biħsiebha tagħmel fl-Att dwar l-Enerġija Ekoloġika (“l-Att”), liema att, fl-2006, instab li kien kompatibbli mas-suq intern fil-forma li kellu dakinhar mill-Kummissjoni ([2]). Fl-4 ta’ Settembru 2008 l-Awstrija nnotifikat verżjoni ġdida tal-Att; dik il-verżjoni hija s-suġġett ta’ din id-Deċiżjoni.

(2) Permezz tal-ittra tat-28 ta’ Ottubru 2008, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali. Wara li ntbagħtitilha ittra ta’ tfakkir, l-Awstrija ssottomettiet informazzjoni addizzjonali permezz tal-ittra tat-22 ta’ Diċembru 2008. Wara laqgħa mar-rappreżentanti Awstrijaċi fil-11 ta’ Frar 2009, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni permezz tal-ittra tad-19 ta’ Frar 2009. L-Awstrija pprovdiet dik l-informazzjoni fl-ittra tas-17 ta’ Marzu 2009. Permezz tal-ittra tat-8 ta’ Mejju 2009 l-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni, li l-Awstrija ssupplixxiet permezz tal-ittri tad-9 u tad-19 ta’ Ġunju 2009.

(3) Fid-9 ta’ Lulju 2008 l-Kummissjoni rċeviet ilment mill-Kamra tal-Ħaddiema tal-Awstrija (il-*Bundesarbeitskammer*) relatat ma’ miżura fl-Att għall-benefiċċju tan-negozji konċentrati fl-enerġija.

(4) Fit-22 ta’ Lulju 2009 l-Kummissjoni adottat deċiżjoni ibrida: hija approvat il-miżuri favur il-produtturi tal-enerġija ekoloġika, li sabet li kienu konformi mal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali (“il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali”/“il-Linji Gwida”) ([3]), imma ddeċidiet li tagħti bidu għal investigazzjoni formali dwar il-mekkaniżmu ta’ eżenzjoni għan-negozji konċentrati fl-enerġija ([4]).

(5) Permezz tal-ittra tat-23 ta’ Lulju 2009 l-Kummissjoni infurmat lill-Awstrija b’din id-deċiżjoni u talbet lill-Awstrija biex tipprovdi l-informazzjoni kollha neċessarja għall-valutazzjoni tal-miżura.

(6) Il-Kummissjoni ppubblikat id-deċiżjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]), u stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom.

(7) Permezz tal-ittra tad-19 ta’ Awwissu 2009 l-Awstrija talbet estensjoni tal-iskadenza għat-tweġiba, li l-Kummissjoni aċċettat permezz tal-ittra tad-9 ta’ Settembru 2009. L-Awstrija finalment issottomettiet il-kummenti tagħha fit-8 ta’ Ottubru 2009.

(8) Sadattant, permezz tal-ittra tas-7 ta’ Ottubru 2009, il-Kamra tal-Ħaddiema tal-Awstrija ssottomettiet osservazzjonijiet dwar il-miżura għall-benefiċċju tan-negozji konċentrati fl-enerġija. Il-Kummissjoni talbet lill-Awstrija tikkummenta dwar dawn l-osservazzjonijiet. L-Awstrija ssottomettiet il-kummenti fit-23 ta’ Diċembru 2009, u ssupplixxiet iktar informazzjoni fit-23 ta’ April 2010.

(9) Permezz tal-ittri tal-21 ta’ Ġunju 2010 u tad-19 ta’ Lulju 2010 l-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Awstrija, li din provdiet fit-13 ta’ Settembru 2010. Fuq talba tal-Awstrija, kienet saret laqgħa bejn il-Kummissjoni u r-rappreżentanti Awstrijaċi fid-9 ta’ Lulju 2010.

(10) Fl-ittra tal-24 ta’ Novembru 2010 l-Awstrija enfasizzat l-importanza tal-Att dwar l-Enerġija Ekoloġika għall-pajjiż, u talbet li tittieħed deċiżjoni dwar il-każ sal-bidu ta’ Diċembru 2010. Il-Kummissjoni wieġbet dik l-ittra fis-7 ta’ Diċembru 2010. Kienet saret laqgħa oħra mar-rappreżentanti Awstrijaċi fid-9 ta’ Diċembru 2010.

---

([1]) ĠU C 217, 11.9.2009, p. 12.

([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta’ Lulju 2006 dwar miżuri ta’ għajnuna mill-Istat Nri NN 162/A/2003 u N 317/A/2006 *Għajnuna għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli skont l-Att Awstrijak dwar l-Enerġija Ekoloġika (tariffi ta’ alimentazzjoni)* (ĠU C 221, 14.9.2006, p. 8).

([3]) ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1.

([4]) Miżura ta’ għajnuna mill-Istat Nru C 24/09 (ex N 446/08), C(2009) 3538 finali, ĠU C 217, 11.9.2009, p. 12.

([5]) Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna 1.

(11) Permezz tal-ittra tat-30 ta' Diċembru 2010 l-Awstrija fakkret l-argumenti li kienet ressqet favur il-miżura matul il-proċedimenti, u talbet lill-Kummissjoni tapprova l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni għan-negozji konċentrati fl-enerġija. Il-Kummissjoni wieġbet dik l-ittra fil-25 ta' Jannar 2011.

## 2. DESKRIZZJONI DDETTALJATA TAL-MIŻURA

(12) Fid-deċiżjoni inizjali tagħha tat-22 ta' Lulju 2009 l-Kummissjoni awtorizzat l-Att emendat, bl-eċċezzjoni unika tat-Taqsima 22c, li tistabbilixxi l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni għan-negozji konċentrati fl-enerġija. Hawnhekk għalhekk id-deskrizzjoni se tirrestrinġi ruħha għal dak il-mekkaniżmu.

### 2.1. Il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni għan-negozji konċentrati fl-enerġija

(13) It-Taqsima 3 tal-Att tistipola li l-Awstrija għandha tagħti konċessjoni lil impriża waħda, jew iktar, biex twettaq ix-xogħlijiet ta' ċentru ta' kuntrattazzjoni ta' elettriku ekoloġiku (*Ökostromabwicklungstelle*, "ċentru ta' kuntrattazzjoni"). B'mod partikolari, il-konċessjonarji għandhom jixtru elettriku ekoloġiku mingħand il-produtturi bi prezz fiss, u jbigħu dak l-elettriku lil fornituri tal-elettriku bi prezz fiss. Il-fornituri tal-elettriku huma obbligati li jixtru perċentwali tal-provvista kollha tagħhom minn ċentru ta' kuntrattazzjoni: il-perċentwali meħtieġ ikun jikkorrispondi għas-sehem medju tal-elettriku ekoloġiku fit-taħlita tal-elettriku kollha fl-Awstrija.

(14) Fil-preżent, l-Awstrija tat konċessjoni waħda għall-pajjiż kollu lil ċentru ta' kuntrattazzjoni wieħed, l-"Abwicklungsstelle für Ökostrom AG" (l-"OeMAG"). L-OeMAG hija kumpanija ordinarja b'ishma f'idejn il-pubbliku, regolata bil-liġi privata iktar milli b'dik pubblika, u li tiġi vverifikata minn akkawntant kwalifikat. Din hija mmonitorjata mill-Ministeru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u x-Xogħol Awstrijak u mill-E-Control GmbH, ir-regolatur tal-enerġija Awstrijak. Il-komponenti essenzjali fl-implimentazzjoni tal-miżura għall-benefiċċju tan-negozji konċentrati fl-enerġija (bħall-arranġamenti għall-allokazzjoni tal-elettriku lill-kummerċjanti tal-elettriku, il-prezz li l-kummerċjanti għandhom iħallsu, jew il-kontribuzzjoni li l-konsumaturi aħħarin għandhom jagħmlu) jiġu stabbiliti minn qabel mill-awtoritajiet, permezz ta' digriet statutorju jew eżekuttiv. Kull tilwima bejn l-impriżi involuti għandha tiġi riżolta fil-qrati ordinarji iktar milli bi proċeduri amministrattivi.

(15) L-OeMAG hija kumpanija pubblika li tappartjeni lil operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni, banek u impriżi industrijali: il-Verbund APG għandha interess ta' 24,4 %, u l-bqija huwa tal-VKW Netz AG, it-TIWAG Netz AG, is-CISMO GmbH, l-Oesterreichische Kontrollbank AG, l-Investkredit Bank AG, u s-Smart Technologies, bi 12,6 % għal kull kumpanija. Il-Verbund-APG hija kumpanija sussidjarja li tappartjeni kompletament lill-Verbund AG (l-Österreichische Elektrizitätswirtschafts-Aktiengesellschaft, Verbundgesellschaft); ir-Repubblika tal-Awstrija għandha interess ta' 51 % fil-Verbund AG. Il-VKW Netz AG tappartjeni lill-Illwerke AG, li fiha l-Provinċja ta' Vorarlberg għandha 95,5 % tal-ishma. It-TIWAG-Netz AG tappartjeni lit-TIWAG AG, u li fiha nnifisha tappartjeni kollha kemm hi lill-Provinċja tat-Tyrol. Is-CISMO GmbH tappartjeni lill-Oesterreichische Kontrollbank AG u lil operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u impriżi tal-elettriku u l-gass. L-Oesterreichische Kontrollbank AG tappartjeni lill-banek Awstrijaċi. Prinċipalment l-Investkredit Bank AG tappartjeni lill-*Volksbanken*. Smart Technologies tappartjeni lil Siemens. B'hekk l-azzjonisti li huma kkontrollati pubblikament għandhom 49,6 % tal-ishma fl-OeMAG, u l-azzjonisti li huma kkontrollati privatament 50,4 %. Il-Kummissjoni m'għandha ebda evidenza li tissuġġerixxi li l-azzjonisti li huma kkontrollati pubblikament jistgħu jeżerċitaw kontroll jew tal-anqas kontroll konġunt fuq l-OeMAG.

(16) It-Taqsima 22c(1) tal-Att tistabbilixxi mekkaniżmu li jintitola lin-negozji konċentrati fl-enerġija li jitolbu lill-fornitur tal-elettriku tagħhom biex ma jissupplixxihomx b'elettriku ekoloġiku. Sabiex ikunu eliġibbli, in-negozji konċentrati fl-enerġija jridu juru li huma konformi maż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandhom jikkwalifikaw għar-rimborż disponibbli taħt l-Att dwar ir-Rifużjoni ta' Taxxa fuq l-Enerġija (l-*Energieabgabevergütungsgesetz*), u

(b) in-nefqa tagħhom għal elettriku ekoloġiku għandha tlaħħaq tal-anqas iż-0,5 % tal-valur nett tal-produzzjoni tagħhom.

L-eżenzjoni tingħata wara applikazzjoni lir-regolatur tal-enerġija, l-E-Control.

(17) Jekk l-eżenzjoni tingħata, il-fornituri tal-elettriku jkunu legalment projbiti milli jiċċarġjaw l-ispejjeż addizzjonali tal-elettriku ekoloġiku lil dawn il-konsumaturi tal-elettriku l-kbar.

(18) It-Taqsima 22c(5) tal-Att tistipola li l-kuntratti bejn id-distributuri tal-elettriku u l-konsumaturi tal-elettriku l-kbar għandhom jipprevedu li d-distributur m'għandux jissupplixxi elettriku ekoloġiku lill-klijent u lanqas m'għandu jgħaddi l-ispejjeż addizzjonali tal-elettriku ekoloġiku fuq ħaddieħor. Kull dispożizzjoni kuntrattwali kuntrarja għal dan tkun bla effett legali [6].

(19) Jekk negozju konċentrat fl-enerġija jkun eżentat mill-obbligu tax-xiri, ikollu jagħmel pagament kumpensatorju lill-OeMAG li jkun ilaħħaq iż-0,5 % tal-valur nett tal-produzzjoni tiegħu tas-sena kalendarja preċedenti (it-Taqsima 22c(2) tal-Att).

---

[6] It-Taqsima 22c(5) tal-Att: "Verträge zwischen Stromhändlern und Endverbrauchern haben für den Fall des Vorliegens eines Bescheids nach Abs. 1 zwingend vorzusehen, dass diesen Endverbrauchern ab dem Zeitpunkt der Entlastung der Quote der Stromhändler (§ 15 Abs. 1 Z 3 und Abs. 1a) kein Ökostrom, der den Stromhändlern von der Ökostromabwicklungsstelle zugewiesen wird (§ 19 Abs. 1), geliefert wird und keine Überwälzung von Ökostromaufwendungen erfolgt. Entgegenstehende Vertragsbestimmungen sind nichtig."

### 2.2. **Sommarju tad-deċiżjoni inizjali**

(20) Fin-notifika, l-Awstrija sostniet li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni għandu jiġi vvalutat indipendentement mill-iskema ġenerali ta' għajnuna lill-produtturi ekoloġiċi, billi dan jikkonċerna biss ir-"relazzjoni kummerċjali privata" bejn l-impriżi konċentrati fl-enerġija u d-distributuri. L-Awstrija sostniet li l-eżenzjoni ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, u li kieku stess kien x'kien il-każ kienet tkun kompatibbli mas-suq intern b'analoġija mal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali.

(21) Dwar il-kwistjoni tal-preżenza tal-għajnuna mill-Istat, fid-deċiżjoni inizjali tagħha l-Kummissjoni sabet li l-eżenzjoni mill-mekkaniżmu tal-finanzjament ma setgħetx tiġi vvalutata separatament mill-mekkaniżmu tal-finanzjament innifsu. Il-Kummissjoni dehrilha li eċċezzjoni jew eżenzjoni dejjem kienet inseparabbilment marbuta mar-regola rilevanti, tant li l-eżenzjoni kienet parti integrali mill-iskema ġenerali u minħabba f'hekk kellha tiġi vvalutata skont il-liġi tal-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni kienet tippermetti li d-distributuri b'sehem kbir ta' klijenti eżentati japplikaw għall-eżenzjoni mit-tariffa ta' alimentazzjoni; b'hekk l-iskema setgħet ikkaġunat ukoll telf dirett lill-OeMAG, fatt li saħħaħ il-konklużjoni li kienet involuta għajnuna mill-Istat ([7]).

(22) Il-Kummissjoni esprimiet dubji rigward il-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu ta' eżenzjoni mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Għal dawn ir-raġunijiet il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda investigazzjoni formali dwar il-mekkaniżmu.

(23) Filwaqt li għad trid tittieħed deċiżjoni finali min-naħa tal-Kummissjoni, l-Awstrija tat il-benefiċċji previsti fil-mekkaniżmu ta' eżenzjoni ([8]) abbażi tad-dispożizzjoni fil-Qafas Temporanju fejn hija permessa għajnuna li ma taqbiżx il-EUR 500 000 li trid tingħata fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2010 ([9]). Il-Kummissjoni approvat dan l-arranġament bħala parti mill-miżura ta' għajnuna mill-Istat Nru N 47a/09 *Ammonti limitati ta' għajnuna kompatibbli skont il-Qafas Temporanju* (l-"Österreichregelung Kleinbeihilfen") ([10]). Din l-iskema tista' tiġi applikata għal ażjendi li ma kinux jinsabu f'diffikultà fl-1 ta' Lulju 2008, fis-setturi kollha tal-ekonomija bl-eċċezzjoni tas-sajd u l-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli. Iktar minn 2 000 impriża bbenefikaw taħt il-miżura.

### 3. **OSSERVAZZJONIJIET IMRESSQA MILL-AWSTRIJA**

(24) Bħal fl-istadji ta' prenotifikazzjoni u notifikazzjoni, l-Awstrija qiegħda tkompli ssostni l-fehma li l-miżura għall-benefiċċju tan-negozji konċentrati fl-enerġija ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, għaliex ma tinvolvix l-użu ta' riżorsi tal-Istat u mhijiex selettiva.

(25) Iżda anki kieku l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni kien fil-fatt jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, l-Awstrija jidhrilha li jkun xi jkun il-każ tkun tista' tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq intern b'analoġija mal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali, mal-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 fejn hemm iddikjarati ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq komuni b'applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) ([11]), u mal-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku ([12]) ("id-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija") .

### 3.1. **Riżorsi tal-Istat u imputabbiltà**

(26) Rigward ir-riżorsi tal-Istat, l-Awstrija ssostni l-fehma li l-Att huwa analogu għall-Att dwar l-Enerġija Rinnovabbli Ġermaniż (l-*Erneuerbare-Energien-Gesetz*), li fil-fehma tal-Awstrija ma jinvolvix l-użu ta' riżorsi tal-Istat. F'dan ir-rigward l-Awstrija tirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ ta' *PreussenElektra* ([13]).

(27) L-Awstrija hija tal-opinjoni li l-mekkaniżmi ta' eżenzjoni stabbiliti bl-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku Awstrijak u l-Att dwar l-Enerġija Rinnovabbli Ġermaniż għandhom inkomuni l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) fiż-żewġ sistemi l-ispiża addizzjonali li tirriżulta mit-tariffa ta' alimentazzjoni garantita jagħmlu tajjeb għaliha l-fornituri tal-elettriku, li jkollhom jixtru ċertu proporzjon ta' enerġija rinnovabbli bi prezz fiss;

(b) fiż-żewġ sistemi l-fornituri tal-elettriku huma liberi li ma jixtrux elettriku rinnovabbli għal dawk il-klijenti tagħhom li huma eżentati mill-obbligu li jieħdu dan l-elettriku rinnovabbli;

([7]) It-Taqsima 15(1a) tal-Att: "Weisen Stromhändler der Ökostromabwicklungsstelle nach, dass sie Endverbraucher beliefern, die einen Bescheid nach § 22c Abs. 1 erwirkt haben, so ist dieser Umstand von der Ökostromabwicklungsstelle bei der Festlegung der Quoten für die Stromhändler (§ 15 Abs. 1 Z 3) ohne Verzögerung zu berücksichtigen. Hinsichtlich dieser Strommengen, für die keine Zuweisung erfolgen darf, erhöht sich die Quote aller Stromhändler für die übrigen Stromlieferungen. Sofern eine Quotenanpassung aufgrund der geltenden Marktregeln nicht unmittelbar durchgeführt werden kann, ist die Ökostromabwicklungsstelle ermächtigt, den als Folge des Entfalls von Zuweisungsmöglichkeiten anfallenden Energieüberschuss im Sinn des § 15 Abs. 4 bestmöglich zu verwerten."

([8]) Il-preżentazzjoni tal-Awstrija tad-9 ta' Settembru 2010, p. 5, bi tweġiba għat-talba għall-informazzjoni mill-Kummissjoni fid-19 ta' Lulju 2010.

([9]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5).

([10]) ĠU C 106, 8.5.2009, p. 8.

([11]) ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

([12]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

([13]) Il-Każ C-379/98 [2001] ECR I-2099.

(c) fiż-żewġ sistemi l-obbligu li jinxtara elettriku rinnovabbli mingħand il-produtturi huwa impost fuq dawk il-parteċipanti fis-suq li ma jkunu qegħdin jaqdu ebda rwol fis-servizz pubbliku; dawn il-parteċipanti fis-suq huma intitolati bil-liġi li jgħaddu l-ispejjeż addizzjonali fuq il-fornituri tal-elettriku, u l-obbligi tax-xiri u l-prezzijiet huma ddeterminati bil-liġi;

(d) fiż-żewġ sistemi, ir-regolatur jivverifika li impriża li jkollha l-obbligu li tixtri elettriku rinnovabbli mingħand il-produtturi ma tkunx ingħatat kumpens żejjed.

(28) Fil-paragrafi 42–48 tad-deċiżjoni inizjali, il-Kummissjoni spjegat fid-dettall għaliex u għal liema raġunijiet il-miżura li kienet qiegħda tiġi vvalutata kienet paragunabbli mal-miżura kkunsidrata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ ta' *Essent* ([14]). L-Awstrija qiegħda tikkuntesta dawn il-konstatazzjonijiet, minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

(a) l-OeMAG mhijiex istituzzjoni maħtura mill-Istat bl-iskop li tiġbor xi ħlas. Fil-fehma tal-Awstrija l-operaturi tal-grid fil-Ġermanja għandhom eżattament l-istess irwol bħalma kellha l-OeMAG fl-Awstrija.

(b) l-OeMAG hija impriża privata, u mhux istituzzjoni regolata bil-liġi pubblika bħall-korporazzjonijiet li ssemmew fis-sentenzi tal-*Air France* ([15]) u *Salvat Père* ([16]). L-Istat m'għandu ebda setgħa jaħtar il-membri tal-bord tat-tmexxija jew ta' sorveljanza, u lanqas m'għandu xi setgħat ta' sorveljanza jew drittijiet biex jimblokka d-deċiżjonijiet tal-OeMAG. L-Istat m'għandu ebda setgħa li jassumi l-kontroll tal-funzjonijiet tal-OeMAG.

(c) Kull litigazzjoni li tinvolvi l-OeMAG hija kwistjoni li taqa' f'idejn il-qrati ordinarji.

(d) L-uniku kontroll pubbliku li għalih hija soġġetta l-OeMAG hija verifika *ex post* mill-Qorti tal-Awdituri tal-Awstrija.

(e) Il-baġit tal-Istat ma jkopri ebda telf li tista' tagħmel l-OeMAG. L-irwol tal-awtoritajiet pubbliċi huwa limitat għall-iffissar tal-prezzijiet għax-xiri u l-bejgħ ta' elettriku rinnovabbli. Għalhekk m'hemm ebda piż fuq il-baġit tal-Istat tat-tip imsemmi f'*Sloman Neptun* ([17]) u f'*Pearle* ([18]).

(f) L-E-Control ma tgawdi ebda diskrezzjoni dwar jekk tagħtix eżenzjoni taħt it-Taqsima 22c tal-Att.

(g) Il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni ma jaffettwax l-ammont totali ta' flus li l-fornituri tal-elettriku jħallsu lill-OeMAG. Kulma jinbidel huwa d-distribuzzjoni tal-ammont kollu bejn il-kategoriji differenti ta' konsumaturi tal-elettriku aħħarin.

### 3.2. **Selettività**

(29) L-Awstrija ssostni li l-eżenzjoni għan-negozji konċentrati fl-enerġija ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, għaliex mhijiex selettiva.

(30) In-negozji konċentrati fl-enerġija huma eżentati biss parzjalment mill-finanzjament tal-għajnuna li tingħata lill-produtturi ta' elettriku ekoloġiku. Dawn għandhom jagħmlu pagament kumpensatorju ta' 0,5 % tal-valur nett tal-produzzjoni tagħhom direttament lill-OeMAG, u b'hekk ikomplu jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-għajnuna għall-produzzjoni ta' elettriku ekoloġiku.

(31) B'referenza għas-sentenza tal-*Adria-Wien Pipeline* ([19]), l-Awstrija ssostni li l-miżura mhijiex *de jure* ristretta għal ċerti setturi tal-ekonomija, u lanqas mhija *de facto* selettiva. Iżda anki kieku s-selettività tkun waħda *prima facie*, ikun xi jkun il-każ din tkun iġġustifikata mir-raġunament tas-sistema.

(32) *Is-selettività* de jure: L-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku ma jirrestrinġix il-miżura għal ċerti setturi tal-ekonomija jew għal impriżi ta' ċertu daqs, u lanqas ma jinkludi xi kriterji selettivi oħrajn. Biex issaħħaħ l-argument tagħha l-Awstrija qiegħda tgħid li m'hemm xejn fil-każistika li jissuġġerixxi li l-eżami tas-selettività għall-għajnuna mill-Istat jgħaddi sempliċement għaliex ikun ġie stabbilit il-limitu tal-valur nett tal-produzzjoni. Barra minn hekk, l-Awstrija qiegħda tirrimarka li l-miżura mhijiex ristretta għal setturi partikolari tal-ekonomija jew għal impriżi ta' ċertu daqs, u lanqas mhija soġġetta għal xi kriterji selettivi oħrajn: skont arranġamenti temporanji li qegħdin jitħaddmu, il-miżura taffettwa 19-il settur differenti u approssimattivament 2 300 impriża. B'hekk il-miżura mhijiex *de jure* selettiva.

(33) *Is-selettività* de facto: Skont l-Awstrija, l-għadd kbir ta' setturi u impriżi affettwati mill-mekkaniżmu ta' eżenzjoni u l-fatt li l-miżura mhijiex ristretta għal ċerti setturi jew għal impriżi ta' ċertu daqs, jew soġġetta għal xi kriterji selettivi oħrajn, juru li l-miżura hija *de facto* miżura ġenerali. L-Awstrija qiegħda tgħid li anki din il-pożizzjoni hija ssostanzjata bil-każ *Adria-Wien Pipeline*. Fil-każ *Adria-Wien Pipeline*, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra rimborż parzjali ta' taxxa fuq l-enerġija li ngħata lil impriżi jekk it-taxxa kienet teċċedi ż-0,35 % tal-valur nett tal-produzzjoni tagħhom. Il-Qorti stqarret li, "Il-miżuri nazzjonali li jipprevedu rifużjoni ta' taxxi għall-enerġija imposti fuq il-gass naturali u l-elettriku ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 92 tat-Trattat tal-KE [illum l-Artikolu 107 tat-TFUE] … fejn ikunu japplikaw għall-impriżi kollha fit-territorju nazzjonali, tkun xi tkun l-attività tagħhom" ([20]).

([14]) Il-Każ C-206/06 [2008] ECR I-5497.
([15]) Il-Każ T-358/94 [1996] ECR II-2109.
([16]) Il-Każ T-136/2005 [2007] ECR II-4063.
([17]) Il-Każijiet Konġunti C-72/91 u C-73/91 [1993] ECR I-887.
([18]) Il-Każ C-345/02 [2004] ECR I-7139.
([19]) Il-Każ C-143/99 [2001] ECR I-8365.
([20]) *Adria-Wien Pipeline*, paragrafu 16.

(34) *Ġustifikazzjoni permezz tar-raġunament tas-sistema:* Fir-rigward tal-istruttura tal-mekkaniżmu tar-rifinanzjament u eżenzjoni, l-Awstrija qiegħda ssostni l-fehma li t-tifsila tad-divrenzji fil-ħlasijiet hija analoga għal dak li jeżisti f'sistemi oħrajn iffinanzjati mit-taxxa u drittijiet ta' ħlas. Id-divrenzji jirriflettu l-kapaċità tal-impriżi li jridu jagħmlu tajjeb għall-ħlasijiet addizzjonali; dawn jikkonformaw mar-raġunament tas-sistema, u konsegwentement ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat. L-Awstrija jidhrilha li din il-pożizzjoni ttieħdet ukoll mill-Kummissjoni f'żewġ deċiżjonijiet preċedenti dwar għajnuna mill-Istat ([21]).

(35) Barra dan, l-Awstrija tirrimarka li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni ma jippreġudikax il-benefiċċji ambjentali pprovduti bl-Att, billi l-ammont ta' għajnuna disponibbli għas-sostenn ta' produzzjoni ta' elettriku ekoloġiku mhuwiex imnaqqas. It-tnaqqis ta' ħlasijiet ambjentali għal ċerti negozji huwa l-uniku mod kif jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' finanzjament sostenibbli għall-elettriku ekoloġiku, li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat is-sostenn ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

### 3.3. **Kompatibbiltà**

(36) Dwar il-kwistjoni tal-kompatibbiltà, l-Awstrija qiegħda tgħid li l-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali jista' jiġi applikat b'analoġija għall-mekkaniżmu ta' eżenzjoni.

(37) Il-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida (il-punti 151–159) jistipula r-rekwiżiti għall-għajnuna mill-Istat mogħtija fl-għamla ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet ta' taxxi ambjentali. Dan jipprevedi żewġ tipi ta' valutazzjoni. L-ewwel nett, jekk l-għajnuna tkun fl-għamla ta' tnaqqis jew eżenzjoni ta' taxxa ambjentali li tkun ġiet armonizzata taħt il-liġi Komunitarja, il-miżura tkun kompatibbli sakemm il-benefiċjarji jħallsu tal-anqas il-livell minimu ta' taxxa Komunitarja stabbilit bid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija ([22]). Jekk il-miżura tkun tipprevedi tnaqqis ta' taxxi ambjentali armonizzati, jew eżenzjonijiet minnhom, li jeċċedu dawn il-livelli minimi ta' taxxa, jew tnaqqis ta' taxxi ambjentali, jew eżenzjonijiet minnhom, li ma jkunux ġew armonizzati, l-Istat Membru għandu jipprovdi informazzjoni ddettaljata dwar in-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura.

(38) L-Awstrija qiegħda tipproponi li l-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida, rigward għajnuna fl-għamla ta' tnaqqis ta' taxxi ambjentali, jew eżenzjonijiet minnhom, hawnhekk għandu jiġi applikat b'analoġija. L-Awstrija hija tal-opinjoni li l-miżura tista' tiġi vvalutata b'analoġija partikolarment mad-dispożizzjonijiet dwar it-taxxi ambjentali armonizzati. Fuq din il-bażi legali, il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jista' jitqies bħala kompatibbli sakemm l-impriżi inkwistjoni jħallsu l-livell minimu ta' taxxa stabbilit bid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija, jiġifieri Eur 0,50 għal kull MWh, liema ammont fil-fatt jitħallas minnhom. Dan ifisser għalhekk li l-ħelsien addizzjonali mis-sistema tat-tariffa ta' alimentazzjoni fl-għamla ta' eżenzjoni parzjali mill-kontribuzzjoni għall-finanzjament tagħha jista' jitqies kompatibbli, billi l-kontribuzzjoni li tkun għad trid issir għall-finanzjament tal-għajnuna għall-produzzjoni ta' elettriku ekoloġiku tkompli sservi bħala suppliment għat-taxxa minima fuq l-elettriku.

(39) L-Awstrija jidhrilha li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jwassal indirettament tal-anqas għal livell ogħla ta' ħarsien ambjentali. Fil-fehma tagħha, il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni huwa neċessarju sabiex żieda ġenerali fl-ammont li l-konsumaturi tal-elettriku jħallsu għal elettriku rinnovabbli ssir possibbli.

(40) L-Awstrija qiegħda ssaħħaħ dan l-argument b'paragun tat-testi tal-punt 152 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali u l-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ([23]). Wara li qabblet it-testi tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa f'verżjonijiet lingwistiċi differenti, l-Awstrija qiegħda tikkonkludi li l-Artikolu 25 tar-Regolament huwa usa' fl-ambitu tiegħu mill-punt 152 tal-Linji Gwida: it-tnaqqis fit-taxxi ambjentali msemmija fil-punt 152 tal-Linji Gwida jeħtieġu taxxi fuq l-enerġija li jkunu ġew armonizzati kompletament, imma mill-Artikolu 25 tar-Regolament jidher biċ-ċar li t-tnaqqis fit-taxxi ambjentali — bħalma huwa t-tnaqqis fil-ħlas tal-elettriku taħt id-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija — ikunu eżentati sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tad-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija. Il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni għan-negozji konċentrati fl-enerġija fil-fatt jirriproduċi r-rekwiżiti għat-tnaqqis fit-taxxa fid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija. Ir-raġunament, il-valutazzjonijiet u l-approċċ tad-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija u d-dispożizzjonijiet li jirreferu għaliha, bħalma huwa l-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, konsegwentement huma applikabbli għall-mekkaniżmu ta' eżenzjoni propost. Kemm il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni u kemm is-sistema li tgħabbi l-ispiża fuq il-konsum tal-elettriku jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija, u għaldaqstant huma ġġustifikati skont l-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, jew kompatibbli mas-suq intern b'analoġija ma' dak l-Artikolu ([24]).

(41) Hawnhekk l-Awstrija tirreferi għad-*Dokument konġunt dwar ir-reviżjoni tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali u d-Direttiva għal Taxxa*

([21]) N 271/06, id-Danimarka, ħelsien mit-taxxa għall-provvista ta' tisħin ogħla mill-kwota (ĠU C 41, 24.2.2007, p. 2); N 820/06, il-Ġermanja, ħelsien mit-taxxa għal ċerti proċessi konċentrati fl-enerġija (ĠU C 80, 13.4.2007, p. 4).

([22]) Direttiva 2003/96/KE.

([23]) Regolament (KE) Nru 800/2008.

([24]) Il-kummenti tal-Awstrija dwar id-deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2009, preżentati fid-9 ta' Settembru 2010.

*fuq l-Enerġija* tas-7 ta’ Lulju 2006 ([25]). Ir-rapport konġunt għamilha ċara li l-Istati Membri kienu jeħtieġu l-flessibbiltà sabiex ikunu f’pożizzjoni li jiddistingwu b’mod raġonevoli. Kienet parti min-natura u l-loġika tat-taxxi u ħlasijiet ambjentali li kellu jkun hemm eżenzjonijiet jew rati divrenzjati. Għaldaqstant l-Istati Membri ħassew li l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali u r-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa għandhom jiġu interpretati b’mod wiesa’.

(42) Fl-aħħar nett, l-Awstrija qiegħda tressaq argument iddettaljat biex turi li fi Stati Membri oħrajn qegħdin jitħaddmu sistemi simili, u tenfasizza li l-Att dwar l-Enerġija Ekoloġika huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu paragunabbli mal-Att dwar l-Enerġija Rinnovabbli Ġermaniż. Billi n-negozji konċentrati fl-enerġija fl-Awstrija jikkompetu ma’ impriżi fi Stati Membri oħrajn (eż. il-Ġermanja) u barra l-UE, il-mekkaniżmu ta’ eżenzjoni huwa essenzjali sabiex biex jiġi żgurat li dawn ma jkunux fi żvantaġġ fil-kompetizzjoni internazzjonali.

## 4. OSSERVAZZJONIJIET LI WASLU MINGĦAND PARTIJIET TERZI

(43) Il-Kamra tal-Ħaddiema tal-Awstrija ssottomettiet osservazzjonijiet fil-bidu tal-investigazzjoni formali. L-organizzazzjoni, li kellha 3,2 miljun membru, dehrilha li s-sistema ta’ finanzjament tal-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku kienet tinvolvi għajnuna mill-Istat. Din ma kinitx tal-istess fehma tal-Awstrija li l-mekkaniżmu ta’ eżenzjoni għall-konsumaturi konċentrati fl-enerġija kien kompatibbli mal-liġi tal-għajnuna mill-Istat. Il-mekkaniżmu qiegħed jgħabbi lill-intrapriżi ż-żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) u lill-familji b’piż addizzjonali, billi qegħdin ikunu mġiegħla jħallsu spejjeż żejda tal-enerġija ekoloġika għalkemm mhumiex il-konsumaturi ewlenin. Dan se jwassal għal tagħwiġ fil-kompetizzjoni li se jbatuh l-SMEs.

(44) Il-Kamra tal-Ħaddiema rreferiet għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta’ Lulju 2006, fejn il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tariffi ta’ alimentazzjoni kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat ([26]). Billi l-qafas legali li jirregola t-tariffi ta’ alimentazzjoni ma nbidilx minn dak iż-żmien, il-Kamra sostniet li s-sistema ta’ għajnuna prevista fl-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku tal-2008 kompliet tinvolvi għajnuna mill-Istat. Il-Kamra xtaqet tkun taf kif l-Awstrija issa setgħet tiddefendi pożizzjoni differenti minn dik li kienet esprimiet meta nnotifikat il-verżjoni preċedenti tal-Att.

(45) Il-Kamra ma qablitx mal-Awstrija li l-eżenzjoni ta’ konsumaturi kbar mill-obbligu tax-xiri, kif previst fl-Att, għandha titqies bl-istess mod li jitqies il-limitu massimu fuq it-taxxi fuq l-enerġija. L-Awstrija, b’referenza għal deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni fejn ġie approvat il-limitu massimu fuq it-taxxi fuq l-enerġija, issa kienet qiegħda titlob ukoll l-approvazzjoni għall-mekkaniżmu ta’ eżenzjoni għall-konsumaturi tal-elettriku l-kbar; dan ma kienx ammissibbli. Il-Kamra dehrilha li l-analoġija ma kinitx waħda leġittma.

(46) Il-limitu massimu fuq it-taxxi fuq l-enerġija kien l-għajnuna mill-Istat, mogħtija permezz tas-sistema tat-taxxa, li kienet immirata, tal-anqas indirettament, lejn titjib fil-ħarsien ambjentali, filwaqt li l-eżenzjoni mill-obbligu tax-xiri għan-negozji konċentrati fl-enerġija ma kien qiegħed jilħaq ebda objettiv ambjentali u ma setax jiġi inkluż fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali.

(47) Billi l-Att kien jipprevedi speċifikament l-eżenzjoni ta’ konsumaturi kbar minn tali obbligu tax-xiri, id-dispożizzjoni ma setgħetx titqies bħala tnaqqis tat-taxxi ambjentali, jew eżenzjoni minnhom, skont it-tifsira tal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida.

(48) Barra dan, anki kieku l-Kapitolu 4 seta’ jiġi applikat b’analoġija, il-mekkaniżmu ta’ eżenzjoni ma kienx ikun kompatibbli miegħu, għar-raġunijiet li ġejjin. Il-miżura ma kinitx limitata għal perjodu ta’ 10 snin. Bil-kundizzjonijiet tas-suq kurrenti l-elastiċità tal-prezzijiet kienet biżżejjed biex jiġi żgurat li kull żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-industriji konċernati (bħalma huma dawk tal-karta u l-azzar) setgħet tiġi mgħoddija fuq il-konsumaturi; dan kien ifisser li l-mekkaniżmu ta’ eżenzjoni ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni fil-punt 158(c) tal-Linji Gwida.

(49) L-eżenzjoni ma kinitx proporzjonali, għaliex konsumaturi konċentrati fl-enerġija ma kinux meħtieġa li jikkonsmaw elettriku ekoloġiku, sabiex iċ-ċaqliq tal-prezzijiet tal-enerġija rinnovabbli lejn il-livell tal-prezzijiet tas-suq seta’ jiġi rrallentat. L-SMEs u l-familji biss kellhom iħallsu għall-ispejjeż żejda tal-produzzjoni tal-elettriku ekoloġiku, għad illi dawn jikkonsmaw biss volumi żgħar ta’ enerġija. Il-mekkaniżmu ta’ eżenzjoni konsegwentement falla wkoll milli jissodisfa l-kundizzjoni fil-punt 159(a) tal-Linji Gwida.

(50) Lanqas ma kien hemm xi ftehim bħal dak imsemmi fil-punt 159(c) tal-Linji Gwida li bih il-konsumaturi tal-elettriku l-kbar intrabtu li jilħqu l-objettivi tal-Att. Fl-aħħar nett, il-mekkaniżmu ta’ eżenzjoni għall-konsumaturi l-kbar ma kienx qiegħed jikkontribwixxi għall-effiċjenza fl-enerġija jew għall-użu ta’ enerġija li tħares l-ambjent, imma għall-kuntrarju eżenta lil dawn il-konsumaturi milli jagħtu sehemhom biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali madwar l-UE kollha.

(51) Konsegwentement it-Taqsima 22 tal-Att kienet miżura ta’ għajnuna operazzjonali *sui generis*, li ma pproduċiet ebda benefiċċju ambjentali u ma kinitx taqa’ taħt il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali. Billi din l-għajnuna ma

([25]) Ippubblikat mill-Ġermanja, id-Danimarka, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Finlandja, l-Isvezja u l-Awstrija.

([26]) Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna 2.

kinitx limitata biż-żmien, u ma kinitx skedata li tonqos maż-żmien, u billi ħolqot tagħwiġ fil-kompetizzjoni li prinċipalment batewh l-SMEs, hija m'għandhiex tiġi awtorizzata.

## 5. STIMA

(52) Il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri notifikati fid-dawl tal-Artikoli 107 ff. tat-TFUE u l-Artikoli 61 ff. tal-Ftehim dwar iż-ŻEE ([27]).

(53) Il-Kummissjoni tirrimarka, qabelxejn, li fil-leġiżlazzjoni notifikata hemm żewġ miżuri separati, li t-tnejn li huma kienu kkunsidrati taħt il-liġi tal-għajnuna mill-Istat fid-deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2009 ([28]). L-Att jipprevedi għajnuna fl-għamla ta' tariffa tal-alimentazzjoni għall-benefiċċju tal-produtturi ta' elettriku ekoloġiku. Fih ukoll dispożizzjoni li biha n-negozji konċentrati fl-enerġija jistgħu — taħt ċerti kundizzjonijiet — ikunu eżentati parzjalment mill-obbligu li jħallsu t-tariffa tal-alimentazzjoni. Fid-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Lulju 2009 l-Kummissjoni aċċettat li t-tariffi ta' alimentazzjoni għall-benefiċċju tal-produtturi ta' elettriku ekoloġiku kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern, imma esprimiet dubji dwar jekk il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni kienx kompatibbli mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat, u għalhekk tat bidu għal investigazzjoni formali dwar dan l-aspett tal-Att. Fid-deċiżjoni tat-22 ta' Lulju 2009 l-Kummissjoni approvat l-għajnuna lill-produtturi ta' elettriku ekoloġiku bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli, imma ma ħaditx pożizzjoni finali dwar il-kwistjoni jekk l-eżenzjoni ta' negozji konċentrati fl-enerġija mill-obbligu tax-xiri kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, u kieku kien hekk jekk dan il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni kienx kompatibbli mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Dawn il-kwistjonijiet ġew ikkunsidrati fl-investigazzjoni formali li wasslet għad-Deċiżjoni preżenti. Kif spjegat hawn taħt, madankollu, il-konstatazzjoni fid-deċiżjoni tat-22 ta' Lulju 2009 li l-fondi li jgħaddu mill-OeMAG għal għand il-produtturi ta' elettriku ekoloġiku huma riżorsi tal-Istat, hija importanti biex tiġi ddeterminata l-preżenza ta' riżorsi tal-Istat fil-mekkaniżmu li jeżenta n-negozji konċentrati fl-enerġija milli jikkontribwixxu għal dawn il-fondi.

### 5.1. Il-preżenza ta' għajnuna mill-Istat

(54) Miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fl-ambitu tal-Artikolu 107(1) TFUE: l-ewwel nett, jekk tikkonferixxi xi vantaġġ fuq ir-riċevituri; it-tieni, jekk tkun iffinanzjata mill-Istat jew mir-riżorsi tal-Istat; it-tielet, jekk tiffavorixxi impriżi jew attivitajiet ekonomiċi selezzjonati; u, ir-raba', jekk ikollha l-potenzjal li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u toħloq jew thedded li toħloq tagħwiġ fil-kompetizzjoni fis-suq intern.

#### 5.1.1. *Vantaġġ*

(55) Fejn il-vantaġġ possibbli jirriżulta minn eżenzjoni jew eżenzjoni parzjali minn ħlas regolatorju, l-unika kwistjoni li tkun trid tiġi ddeterminata hija jekk, taħt skema statutorja partikolari, miżura tal-Istat tkunx tali li tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE apparagun ta' impriżi oħrajn li jkunu f'sitwazzjoni legali u fattwali paragunabbli fid-dawl tal-objettiv li jkun irid jintlaħaq bil-miżura in-kwistjoni ([29]).

(56) Fil-każ preżenti, l-objettiv li kellu jintlaħaq mill-miżura inkwistjoni kien li jitkattar id-dħul mill-utenti tal-elettriku sabiex tiġi ffinanzjata l-produzzjoni ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli. In-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija huma fl-istess sitwazzjoni legali u fattwali bħall-utenti tal-elettriku l-oħrajn kollha, għax dawn kollha jikkonsmaw l-elettriku u jixtru l-elettriku tagħhom mingħand il-fornituri tal-elettriku, li min-naħa tagħhom għandhom l-obbligu li jixtru ċertu ammont ta' elettriku rinnovabbli bi prezz iffissat bil-leġiżlazzjoni (il-"prezz awtorizzat" (il-*Verrechnungspreis*)). Fl-assenza ta' mekkaniżmu ta' eżenzjoni, in-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija jkollhom iħallsu lill-fornituri tal-elettriku tagħhom l-ispejjeż addizzjonali tal-elettriku ekoloġiku kif jidħru fil-kont tal-elettriku tagħhom. Dan huwa l-mod li bih il-fornituri tal-elettriku jgħaddu l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-obbligu tagħhom li jixtru elettriku ekoloġiku miċ-ċentru ta' kuntrattazzjoni. L-utenti tal-elettriku l-oħrajn li huma fl-istess sitwazzjoni legali u fattwali, peress li dawn kollha jixtru l-elettriku, ma jgawdux din il-possibbiltà. Il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni konsegwentement jiffavorixxi lin-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija apparagun tal-konsumaturi tal-elettriku l-oħrajn kollha.

(57) Abbażi ta' eżenzjoni li tingħata mill-E-Control, in-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija huma intitolati li jitolbu li ma jiġux fornuti b'elettriku ekoloġiku, u l-fornituri tal-elettriku huma pprojbiti, bil-liġi, milli jgħaddu fuq l-impriżi eżentati xi spejjeż inkorsi minħabba l-obbligu tagħhom li jixtru elettriku ekoloġiku miċ-ċentru ta' kuntrattazzjoni. Minflok, in-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija jħallsu l-ekwivalenti ta' 0,5 % tal-valur nett tal-produzzjoni tagħhom liċ-ċentru.

(58) L-effett tal-mekkaniżmu ta' eżenzjoni, għalhekk, huwa li għad-dħul taċ-ċentru jiġi ffissat limitu massimu f'ċertu livell fuq il-kontribuzzjoni tal-industriji li jikkonsmaw ħafna enerġija. B'hekk dawn huma parzjalment eżentati bil-liġi minn ħlas li kien ikollhom jagħmlu tajjeb għalih taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. Il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni konsegwentement jikkonferixxi vantaġġ fuq l-impriżi li huma eliġibbli għalih.

([27]) L-istima li qiegħda ssir hawnhekk hija bbażata kemm fuq it-TFUE u kemm fuq il-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għall-iskop tas-sempliċità, madankollu, se ssir referenza biss għad-dispożizzjonijiet tat-TFUE.

([28]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward miżura ta' għajnuna mill-Istat Nru C 24/09 (l-ex N 446/08) *L-Att dwar l-Elettriku Enerġetiku Awstrijak – possibbiltà ta' għajnuna lill-konsumaturi tal-elettriku l-kbar.*

([29]) Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ C-75/97 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [1999] ECR I-3671, paragrafi 28–31, u l-Każ C-143/99 *Adria-Wien Pipeline* [2001] ECR I-8365, paragrafu 41.

(59) Skont l-Awstrija, il-ħelsien jista' jammonta għal total ta' mhux iktar minn Eur 44 miljun fis-sena ([30]). B'hekk il-miżura tikkostitwixxi vantaġġ għal dawn in-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija.

5.1.2. *Riżorsi tal-Istat u imputabbiltà*

Huwa skont każistika stabbilita li vantaġġ jista' jiġi kkategorizzat bħala għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 107(1) tat-TFUE biss jekk din tingħata direttament jew indirettament mir-riżorsi tal-Istat u l-użu li jsir mir-riżorsi jkun imputabbli għall-Istat ([31]).

(60) F'dak ir-rigward l-Awstrija qiegħda tagħmel argument doppju. L-ewwel nett, il-fondi taħt il-kontroll tal-OeMAG ma jikkostitwixxux riżorsi tal-Istat. It-tieni, anki kieku l-fondi taħt il-kontroll tal-OeMAG kienu fil-fatt jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat, it-tnaqqis fid-dħul tal-OeMAG minħabba l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni ma jnaqqasx ir-riżorsi tal-Istat, għaliex ma jkunx hemm involviment tal-Istat f'livell taħt l-OeMAG (jiġifieri fil-livell tal-konsumaturi li jikkonsmaw ħafna enerġija u d-distributuri tal-elettriku).

(61) Il-Kummissjoni tosserva li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni għan-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija jnaqqas id-dħul taċ-ċentru ta' kuntrattazzjoni — l-OeMAG — peress li l-fornituri tal-elettriku mhumiex obbligati jixtru elettriku ekoloġiku għal dawk in-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija li jkunu ngħataw eżenzjoni, u l-pagament dirett li jsir lill-OeMAG min-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija huwa iktar baxx minn dak li l-OeMAG kienet tirċievi kieku n-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija ma jkunux ġew eżentati.

(62) Għalhekk, il-Kummissjoni jeħtiġilha tistabbilixxi jekk ir-riżorsi, li abbażi tal-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku huma taħt il-kontroll taċ-ċentru ta' kuntrattazzjoni, jiġifieri l-OeMAG, jikkostitwixxux riżorsi tal-Istat. Jekk dak ikun il-każ, il-miżura li kienet qiegħda tiġi vvalutata twassal għal tnaqqis fid-dħul tal-Istat, u hija għaldaqstant iffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat.

(63) Fil-każ ta' *Essent* ([32]), l-SEP, impriża li tappartjeni lil għadd ta' kumpaniji Olandiżi li kienu jiġġeneraw l-elettriku, kienet ġiet fdata mill-Istat bl-obbligu ta' servizz pubbliku li tiġbor id-dħul minn soprataxxa imposta fuq l-utenti tal-grid tal-elettriku. Il-liġi ppermettiet li l-impriża SEP tuża d-dħul mis-soprataxxa biss għall-iskop stipulat fil-liġi, jiġifieri sabiex tagħmel tajjeb għal xi spejjeż iżolati inkorsi mill-impriżi tal-elettriku fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku.

(64) Il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li s-soprataxxa miġbura mill-impriża SEP kienet tikkostitwixxi riżorsa tal-Istat, għaliex l-kundizzjonijiet li ġejjin ġew issodisfati:

(a) Is-soprataxxa kienet ħlas impost fuq entitajiet privati b'att ta' awtorità pubblika (il-paragrafi 47–66 tas-sentenza).

(b) L-Istat kien ta lill-impriża SEP l-inkarigu li topera servizz ekonomiku ta' interess ġenerali, jiġifieri l-inkarigu tal-ġbir tal-ħlas (il-paragrafu 68).

(c) L-impriża SEP ma kinitx intitolata tuża d-dħul mill-ħlas għal skopijiet differenti minn dawk previsti mil-liġi, u t-twettiq tal-inkarigu tagħha kien sorveljat strettament (il-paragrafu 69).

(65) Is-sentenza għamlitha ċara li l-miżura inkwistjoni kienet differenti minn dik kkunsidrata fi *PreussenElektra*, għaliex f'dak il-każ "l-impriżi ma kinux maħtura mill-Istat biex imexxu r-riżorsa tal-Istat, imma kienu marbuta bl-obbligu li jixtru bir-riżorsi finanzjarji tagħhom stess" ([33]). Fid-deċiżjoni inizjali tagħha tat-22 ta' Lulju 2009 l-Kummissjoni osservat li l-OeMAG ġiet stabbilita u kienet liċenzjata mill-Istat Awstrijak, u fid-dokumenti tal-fondazzjoni tagħha ngħatat l-inkarigu li tamministra r-riżorsi meħtieġa għall-għajnuna tal-elettriku ekoloġiku. Il-Kummissjoni kkonkludiet illi l-fatt li l-OeMAG kienet privata ma kienx biżżejjed biex jiġi ppruvat li l-miżura ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, il-miżura notifikata ma kinitx paragunabbli mal-iskema fi *PreussenElektra*. Il-każ ta' *PreussenElektra* kien jikkonċerna r-relazzjonijiet ta' bejn l-impriżi privati, mingħajr l-involvement ta' xi istituzzjoni intermedja, mentri l-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku fl-Awstrija kien ta lill-OeMAG l-inkarigu li tiġbor u tqassam il-fondi intenzjonati għall-ġenerazzjoni ta' elettriku ekoloġiku.

(66) Il-Qorti ddistingwiet ukoll il-każ ta' *Essent* mill-każijiet ta' *Pearle* u ta' *PreussenElektra*: fil-każ ta' *Pearle*, il-fondi li nġabru minn istituzzjoni professjonali ma ntużawx għal politika deċiża mill-awtoritajiet pubbliċi, imma għal kampanja pubbliċitarja privata; filwaqt li fil-każ ta' *PreussenElektra*, impriżi tal-elettriku privati li kien jeħtiġilhom jixtru elettriku rinnovabbli bi prezz fiss kienu qegħdin jużaw ir-riżorsi tagħhom stess, u mhux id-dħul minn ħlas miġbur minnhom f'isem l-Istat (il-paragrafi 72–74).

(67) Fil-każ preżenti, għalhekk, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-OeMAG inħatritx mill-Istat biex tiġbor u tamministra ħlas, l-istess bħall-impriża SEP, jew jekk hijiex qiegħda tuża l-fondi tagħha stess, kif kienu qegħdin jagħmlu l-impriżi fi *PreussenElektra* ([34]).

(68) **Il-preżenza ta' dritt ta' ħlas:** Il-Kummissjoni l-ewwel jeħtiġilha tistabbilixxi jekk il-flus miġbura mill-OeMAG jikkostitwixxux dritt ta' ħlas. It-Taqsimiet 10 u 19

([30]) Il-preżentazzjoni tal-Awstrija tad-9 ta' Settembru 2010, bi tweġiba għat-talba għall-informazzjoni mill-Kummissjoni fid-19 ta' Lulju 2010.

([31]) Il-Każ C-482/99 *Franza* vs *Il-Kummissjoni ("Stardust Marine")* [2002] ECR I-4397, paragrafu 24.

([32]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 14.

([33]) *Essent*, paragrafu 74.

([34]) Inkwantu dan ara wkoll *Essent*, paragrafu 74.

tal-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku jirrikjedu li l-fornituri tal-elettriku jixtru ċertu volum ta' elettriku rinnovabbli bi prezz ogħla mill-prezz tas-suq, imsejjaħ il-"prezz awtorizzat" (il-*Verrechnungspreis*). It-Taqsima 22b tal-Att tistqarr li l-livell tal-prezz awtorizzat għandu jiġi stabbilit kull sena b'ordni tal-Ministru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u x-Xogħol, u tkompli billi tistabbilixxi l-valuri awtomatiċi. Id-differenza bejn il-prezz tas-suq għall-elettriku u l-prezz awtorizzat, stabbilit b'att ta' awtorità pubblika, tikkostitwixxi dritt ta' ħlas għall-elettriku. Fil-każ preżenti dan id-dritt ma jitħallasx lil parteċipanti oħrajn fis-suq li jkunu qegħdin jieħdu sehem f'attivitajiet kummerċjali ordinarji, kif ġara fi *PreussenElektra*, fatt li wassal biex il-Qorti tikkonstata li ma kienu involuti ebda riżorsi tal-Istat. Hawnhekk il-pagamenti jsiru lil istituzzjoni bl-inkarigu speċifiku li tiġbor u tqassam dawn il-fondi għal skopijiet li jkunu fl-interess pubbliku biss.

(69) **Il-ħtir ta' istituzzjoni privata għall-ġbir u l-amministrazzjoni tad-dritt ta' ħlas:** L-Att jipprevedi li d-dritt ta' ħlas għandu jiġi impost, mhux mill-Istat, imma minn entità legali li għandha l-permess biex isservi ta' ċentru ta' kuntrattazzjoni. Fil-preżent l-OeMAG għandha l-permess biex isservi ta' ċentru ta' kuntrattazzjoni għall-Awstrija kollha. Il-permess jgħabbi lill-OeMAG bl-obbligu ta' servizz pubbliku tal-ġbir ta' ħlas fl-għamla ta' prezz awtorizzat mingħand il-fornituri tal-elettriku kollha.

(70) Ġeneralment il-fornituri tal-elettriku huma ħielsa li jgħaddu dan id-dritt ta' ħlas fuq il-konsumaturi tal-elettriku, u mill-perspettiva ekonomika wieħed jista' jassumi li normalment hekk jagħmlu. Madankollu, l-Att jipprojbixxihom milli jgħaddu d-dritt tal-ħlas fuq dawk in-negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija li jkunu ġew eżentati skont it-Taqsima 22c tal-Att mill-obbligu li jixtru elettriku rinnovabbli.

(71) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-OeMAG ġiet fdata mill-Istat b'servizz ekonomiku ta' interess ġenerali, jiġifieri l-ġbir u l-amministrazzjoni tal-ħlas.

(72) **Kontroll tal-fondi u użu għal skop speċifikat mil-liġi:** It-Taqsima 23 tal-Att tirrikjedi li l-OeMAG iżżomm id-dħul mill-prezz awtorizzat f'kont bankarju apposta. Il-fondi miġbura f'dan il-kont jistgħu jintużaw biss għall-iskop ta' xiri ta' elettriku rinnovabbli. L-OeMAG għandha tagħti aċċess f'kull ħin għad-dokumenti kollha li jikkonċernaw il-kont lill-Ministeru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u x-Xogħol jew lill-Qorti tal-Awdituri tal-Awstrija. Irrispettivament mill-istruttura tas-sjieda tal-OeMAG, it-Taqsima 15 tal-Att tirrikjedi wkoll li l-Qorti tal-Awdituri teżegwixxi verifiki *ex post* tal-OeMAG.

(73) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-OeMAG għandha tuża l-fondi għall-iskop speċifikat mil-liġi, u li l-Istat jeżerċita kontroll strett fuq l-użu tagħhom.

(74) F'konformità mal-każijiet ta' *Essent u Steinike*, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-fondi miġbura u amministrati mill-OeMAG jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat.

(75) L-Awstrija ppreżentat serje ta' argumenti biex issostni l-fehma tagħha li s-sitwazzjoni tal-OeMAG hija iktar paragunabbli ma' dik fi *PreussenElektra* milli ma' dik f'*Essent*. Fil-premessi li ġejjin jidher kif dawn l-argumenti mhumiex denji li jiġu kkunsidrati.

(76) Il-Kummissjoni tosserva qabelxejn illi l-Awstrija tipparaguna l-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku mal-Att dwar l-Enerġija Rinnovabbli Ġermaniż, kif kien qabel u kif inhu issa, fejn tikkwota s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fi *PreussenElektra* ([35]). Imma dan il-paragun mhuwiex rilevanti għall-kwistjoni diskussa hawnhekk. Fid-Deċiżjoni preżenti l-Kummissjoni qiegħda teżamina biss il-miżura proposta, u mhijiex se tipprova tivvaluta l-leġiżlazzjoni Ġermaniża jew xi oħra simili: kull wieħed mill-każijiet għandu jiġi ttrattat fil-merti tiegħu. B'referenza għall-argumenti mressqa, madankollu, ta' min josserva li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka hija sostanzjalment differenti mill-Att Ġermaniż li kien ikkunsidrat fi *PreussenElektra*. Fi *PreussenElektra* l-Qorti tal-Ġustizzja sabet illi l-vantaġġi li jingħataw direttament mill-Istat jew minn istituzzjoni privata maħtura jew stabbilita mill-Istat biss setgħu jinvolvu l-użu ta' riżorsi tal-Istat. Il-Qorti dakinhar sabet illi l-obbligu tax-xiri impost fuq l-impriżi privati li jipprovdu l-elettriku ma kienx jinvolvi xi trasferiment dirett jew indirett ta' riżorsi tal-Istat. B'hekk l-iskema notifikata hawn mhijiex identika għall-iskema kkunsidrata fi *PreussenElektra*. Kif qalet fid-deċiżjoni inizjali tagħha tat-22 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni qiegħda ssostni l-fehma li l-iskema Awstrijaka tinvolvi l-użu ta' riżorsi imputabbli għall-Istat. L-iskema Awstrijaka hija differenti minn dik Ġermaniża partikolarment fis-sens li hija tipprevedi istituzzjoni intermedja bħalma hija l-OeMAG li tinħatar mill-Istat, u l-Istat jissorvelja u jikkontrolla l-ġbir u t-tqassim tar-riżorsi amministrati minn dik l-istituzzjoni. Il-Kummissjoni tikkonstata wkoll illi l-iskema Awstrijaka tista' tippermetti pagamenti diretti mill-Istat lill-OeMAG.

([35]) Il-Każ C-379/98 ta' *PreussenElektra* [2001] ECR I-2099. Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra s-sistema tat-tariffi ta' alimentazzjoni Ġermaniża tal-1998; din sabet li din l-iskema ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-Att Ġermaniż kien jirregola direttament ir-relazzjonijiet bejn il-produtturi ta' elettriku ekoloġiku u d-distributuri tal-elettriku għax kien jeżiġi li d-distributuri tal-elettriku privati jixtru elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli miż-żona li kienu jissupplixxu bi prezz minimu magħruf bħala t-"tariffa ta' alimentazzjoni" (l-*Einspeisetarif*). Dak iż-żmien id-distributuri kienu liberi jiddeċiedu kif l-ispiża addizzjonali tal-elettriku ekoloġiku għandha tiġi rkuprata mingħand il-konsumaturi. Biex jiġi żgurat li x-xiri tal-elettriku ekoloġiku jitqassam b'mod ġust, l-impriżi tal-enerġija kellhom jikkumpensaw lil xulxin għall-volumi ta' elettriku ekoloġiku mixtrija. Dan kien jagħtihom volumi akbar jew iżgħar ta' elettriku ekoloġiku mixtrija skont is-sehem tas-suq li kellhom.

(77) Rigward l-Att dwar l-Enerġija Rinnovabbli Ġermaniż preżenti, ta' min josserva li din il-miżura mhijiex is-suġġett ta' din id-Deċiżjoni; il-Kummissjoni għadha m'għamlitx il-valutazzjoni tagħha, u konsegwentement ma tistax tagħti bidu għal eżami ddettaljat tal-preżunta analoġija bejn l-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku Awstrijak u l-Att dwar l-Enerġija Rinnovabbli Ġermaniż preżenti.

(78) Barra minn hekk, l-Awstrija ssostni li l-OeMAG hija impriża privata, u mhux istituzzjoni regolata bil-liġi pubblika bħall-korporazzjonijiet li ssemmew fis-sentenzi tal-*Air France u Salvat Père*. L-awtoritajiet Awstrijaċi jistgħu biss jeżerċitaw kontroll fuq l-OeMAG permezz ta' verifika *ex post* tal-kontijiet tagħha u billi jirtirawlha l-permess li għandha.

(79) Il-Kummissjoni tindika f'dan ir-rigward li jidher biċ-ċar mis-sentenza f'*Essent* li fejn l-Istat jaħtar istituzzjoni għall-ġbir u l-amministrazzjoni tad-dħul minn drittijiet ta' ħlas, m'hemmx għalfejn issir xi distinzjoni skont jekk dik l-istituzzjoni tkunx pubblika jew privata. Fil-konstatazzjonijiet tagħha l-Qorti ma tatx indikazzjonijiet dwar jekk l-impriża SEP kinitx ikkontrollata pubblikament jew privatament; dan ifisser li dan il-fatt ma kienx rilevanti għas-sentenza tagħha. Dan jikkonforma mal-punt 106 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi f'*Essent*, u mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'*Steinike* ([36]).

(80) Għaldaqstant, il-fatt li l-OeMAG hija impriża kkontrollota privatament ma jipprekludix il-preżenza ta' riżorsi tal-Istat. Il-kwistjoni deċiżiva hija jekk din inħatritx mill-Istat biex tiġbor ħlas u tamministrah.

(81) L-Awstrija ssostni wkoll li l-baġit tal-Istat ma jkopri ebda telf li tista' tagħmel l-OeMAG, u li l-irwol tal-awtoritajiet pubbliċi huwa limitat għall-iffissar tal-prezzijiet tax-xiri u l-bejgħ ta' elettriku rinnovabbli; għalhekk m'hemm ebda piż fuq il-baġit tal-Istat bħal dak li jidher fi *Sloman Neptun u Pearle*.

(82) Il-Kummissjoni tosserva li f'*Essent* deher li l-flus għad-dispożizzjoni ta' entità privata, li tkun inħatret mill-Istat biex tiġbor u tamministra ħlas, jikkonstitwixxu riżorsa tal-Istat. Għalhekk, tnaqqis fil-livell tal-ħlas li jagħmlu ċerti impriżi soġġetti għall-ħlas ikun biżżejjed biex jikkostitwixxi piż fuq l-Istat.

(83) Rigward l-argument tal-Awstrija li l-E-Control ma tgawdi ebda diskrezzjoni fl-eżentar ta' negozji li jikkonsmaw ħafna enerġija mill-obbligu tax-xiri, il-Kummissjoni qiegħda tirrimarka illi, kif spjega l-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-punt 109 tal-opinjoni tiegħu f'*Essent*, il-fatt li l-istituzzjoni maħtura għall-ġbir u l-amministrazzjoni tal-ħlas ma tgawdi ebda diskrezzjoni m'għandu ebda rilevanza fil-kwistjoni dwar jekk dawn il-fondi jikkostitwixxux riżorsi tal-Istat.

(84) L-aħħar argument tal-Awstrija huwa li l-ammont globali ta' flus li l-fornituri tal-elettriku jħallsu lill-OeMAG mhuwiex affettwat mill-mekkaniżmu ta' eżenzjoni, li jbiddel biss id-distribuzzjoni tal-ammont globali bejn il-kategoriji differenti ta' konsumaturi tal-elettriku aħħarin; il-Kummissjoni tosserva li l-fatt li telf fid-dħul tal-Istat jista' jiġi kkumpensat b'żieda fid-dħul tal-Istat minn sorsi oħrajn m'għandu ebda rilevanza għall-kwistjoni dwar jekk humiex jintużaw riżorsi tal-Istat. Li huwa deċiżiv huwa li l-impriża tgawdi vantaġġ, u li dan il-vantaġġ inaqqas id-dħul tal-Istat mingħand dik l-impriża. Huwa ovvju li, fl-aħħar mill-aħħar, l-Istat ikollu jsib sorsi oħrajn ta' dħul biex jagħmlu tajjeb għad-defiċit.

(85) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-fatti fil-każ preżenti jikkorrispondu mal-fatti kkunsidrati f'*Essent u Steinike*: il-provi kollha tal-preżenza ta' riżorsi tal-Istat stabbiliti f'*Essent u Steinike* huma ssodisfati. Il-miżura li qiegħda tiġi vvalutata hija għalhekk ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat.

(86) L-użu tal-fondi taħt il-kontroll tal-OeMAG huwa regolat bil-liġi, jiġifieri bl-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku. L-użu tal-fondi huwa għalhekk imputabbli għall-Istat.

Konklużjoni

(87) Dan ifisser li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jwassal għal telf ta' riżorsi tal-Istat, u jkun imputabbli għall-Istat.

5.1.3. *Is-selettività tal-miżura*

(88) Il-Kummissjoni tindika li anki kieku l-miżura fit-teorija tista' tidher li hija newtrali kemm f'termini tas-settur tal-impriżi kif ukoll f'dawk tas-settur ekonomiku, xorta tista' tkun selettiva fil-prattika.

(89) L-Awstrija ssostni li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat billi mhuwiex selettiv imma huwa miżura ġenerali miftuħa għall-impriżi u s-setturi kollha. L-ewwel nett, l-Awstrija qiegħda tgħid li l-livell minimu ta' 0,5 % fl-iskema notifikata ma jimponix xi restrizzjoni f'termini ta' industriji speċifiċi, id-daqs tal-impriża jew kriterji selettivi oħrajn ([37]). It-tieni, l-Awstrija sabet li l-miżura fil-fatt taffettwa 2 300 impriża f'19-il settur differenti; din qiegħda tgħid li dan juri li l-miżura hija tabilħaqq miftuħa għall-impriżi u s-setturi kollha tal-ekonomija.

([36]) Il-Każ 76/78 *Steinike & Weinlig* vs *Il-Ġermanja* [1977] ECR 595, paragrafu 21: "Il-projbizzjoni li hemm fl-Artikolu 92(1) tkopri kull għajnuna li tingħata minn Stat Membru jew mir-riżorsi tal-Istat bla ma jkun meħtieġ li ssir distinzjoni, irrelevanti mill-fatt jekk l-għajnuna tkunx ingħatat direttament mill-Istat jew minn istituzzjonijiet pubbliċi jew privati stabbiliti jew maħturin minnu biex jamministraw l-għajnuna. Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 92 primarjament wieħed għandu jikkunsidra l-effetti tal-għajnuna fuq l-impriżi jew produtturi vantaġġati u mhux l-istejtus tal-istituzzjonijiet fdati bid-distribuzzjoni u l-amministrazzjoni tal-għajnuna."

([37]) L-Awstrija pprovdiet dan it-tagħrif abbażi tal-esperjenza bl-applikazzjoni ta' verżjoni adattata tal-iskema, bl-intensitajiet tal-għajnuna taħt il-livelli minimi tan-notifikazzjoni.

Livell minimu ta' 0,5 %

(90) Miżura tkun selettiva jekk tivvantaġġa biss ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti. Din ma tkunx selettiva jekk tkun tapplika għall-impriżi kollha fit-territorju nazzjonali, tkun xi tkun l-attività tagħhom.

(91) Il-Kummissjoni qiegħda tikkonstata li l-fatt li hemm biss livell minimu ta' 0,5 % mhux biżżejjed biex l-iskema notifikata tikkwalifika bħala miżura ġenerali. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni qiegħda tikkonstata li minħabba dan il-livell minimu mhux l-impriżi kollha fit-territorju nazzjonali jistgħu jieħdu vantaġġ mill-miżura notifikata.

(92) L-Awstrija qalet li l-miżura notifikata hija riżervata għal impriżi li l-ispejjeż tagħhom jiżdiedu b'iktar minn 0,5 % tal-valur nett tal-produzzjoni tagħhom minħabba l-kontribuzzjoni tagħhom għall-appoġġ ta' elettriku ekoloġiku. Il-Kummissjoni tinnota li dawn il-kundizzjonijiet huma simili ħafna għar-rekwiżiti tad-definizzjoni ta' "negozju konċentrat fl-enerġija" fl-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija ([38]). L-Awstrija ssostni li l-livell minimu ta' 0,5 % mhux biżżejjed biex il-miżura notifikata tikkwalifika bħala selettiva. Fil-fehma tal-Awstrija din il-konklużjoni hija sostnuta bis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'*Adria-Wien Pipeline*. F'din is-sentenza l-Qorti kellha tiddeċiedi dwar rimborż parzjali ta' taxxa fuq l-enerġija li ngħata lil azjendi jekk it-taxxa kienet teċċedi ż-0,35 % tal-valur nett tal-produzzjoni tagħhom. Il-Qorti stqarret li "Il-miżuri nazzjonali li jipprevedu rifużjoni ta' taxxi għall-enerġija imposti fuq il-gass naturali u l-elettriku ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 92 tat-Trattat tal-KE [illum l-Artikolu 107 tat-TFUE] … fejn ikunu japplikaw għall-impriżi kollha fit-territorju nazzjonali, tkun xi tkun l-attività tagħhom" ([39]).

(93) Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sentenza ma tipprekludix konstatazzjoni dwar selettività rigward il-livell minimu ta' 0,5 % fil-każ li qiegħed jiġi indirizzat. Is-sentenza kienet deċiżjoni preliminari, li ngħatat bi tweġiba għall-applikazzjoni minn qorti Awstrijaka li kienet tikkonċerna skema eżistenti ta' rifużjonijiet ta' taxxa fuq l-enerġija. Il-qorti Awstrijaka ssottomettiet żewġ mistoqsijiet. L-ewwel staqsiet jekk il-fatt li taħt l-iskema eżistenti r-rifużjoni tat-taxxa kienet qiegħda tingħata biss lil impriżi li kienu involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti kienx ifisser li r-rifużjoni kienet selettiva. Imbagħad għamlet il-mistoqsija ipotetika kif il-Qorti kienet se tivvaluta rifużjoni ta' taxxa li ma kinitx limitata għal impriżi li primarjament kienu involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti imma li kienet tapplika għall-impriżi kollha, tkun xi tkun l-attività tagħhom.

(94) Dwar l-ewwel mistoqsija, il-Qorti sabet li r-restrizzjoni tar-rifużjoni tat-taxxa għall-produtturi kienet fil-fatt trendi lill-miżura selettiva. Meta wieħed iqis in-natura ipotetika tat-tieni mistoqsija, jiġifieri kif kienet se tivvaluta rifużjoni ta' taxxa miftuħa għas-setturi kollha tal-ekonomija, il-Qorti wieġbet f'termini pjuttost ġenerali. Din qalet li l-miżura kienet tkun selettiva kieku kienet tivvantaġġa ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, u ma kinitx tkun selettiva kieku l-impriżi kollha fit-territorju nazzjonali kienu jibbenefikaw minnha mingħajr distinzjoni ([40]). Il-Qorti kkonkludiet illi miżuri nazzjonali ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat "jekk dawn ikunu japplikaw għall-impriżi kollha fit-territorju nazzjonali, tkun xi tkun l-attività tagħhom" ([41]). Il-Qorti ma tatx indikazzjonijiet jekk miżura li tkun soġġetta għal-livell minimu ta' 0,35 % għandhiex tiġi kkunsidrata li tkun applikabbli għall-impriżi kollha. Dan ġie nnotat mill-Avukat Ġenerali Jacobs fl-opinjoni tiegħu f'każ susseg-wenti quddiem il-Qorti: "l-effett tal-livell minimu ta' 0,35 % ma ġiex eżaminat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'*Adria-Wien*" ([42]). Il-Qorti ma kellhiex għalfejn tiddeċiedi jekk il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni fihom infushom (jiġifieri mingħajr restrizzjoni għal impriżi li primarjament kienu involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti) kienx *de facto* selettiv. B'hekk il-Qorti ma eskludietx il-possibbiltà li l-livell minimu ta' 0,35 % seta' kien selettiv kieku fil-prattika kellu l-effett ta' miżura li ma kinitx miftuħa għall-impriżi kollha fit-territorju nazzjonali.

(95) Tabilħaqq il-Kummissjoni qiegħda ssostni l-fehma li l-Qorti tat x'indikazzjoni li dan il-livell minimu seta' kien selettiv anki kieku l-miżura kienet miftuħa għal għadd ta' setturi differenti. Fit-tweġiba tagħha għat-tieni mistoqsija, il-Qorti qalet partikolarment li "la l-għadd kbir ta' impriżi eliġibbli u lanqas id-diversità u d-daqs tas-setturi li lilhom ikunu jappartjenu dawn l-impriżi ma jipprovdu raġunijiet għall-konklużjoni li inizjattiva tal-Istat tikkostitwixxi miżura ġenerali ta' politika ekonomika" ([43]). Skont il-każistika, bosta miżuri li mhumiex speċifiċi għas-settur

([38]) L-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija jiddikjara li "'Negozju konċentrat fl-enerġija' għandu jfisser entità kummerċjali, kif riferita fl-Artikolu 11, fejn jew ix-xiri ta' prodotti ta enerġija u elettriku jammontaw għal tal-anqas 3,0 % tal-valur tal-produzzjoni jew tat-taxxa nazzjonali pagabbli fuq l-enerġija tammonta għal tal-anqas 0,5 % tal-valur miżjud."

([39]) Il-Każ C-143/99 *Adria-Wien Pipeline* [2001] ECR I-8365, paragrafu 36.

([40]) *Adria-Wien Pipeline*, paragrafi 34–35.

([41]) *Adria-Wien Pipeline*, paragrafu 36.

([42]) L-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Każ C-368/04 *Transalpine Ölleitung*, punt 72.

([43]) *Adria-Wien Pipeline*, paragrafu 48.

jistgħu jitqiesu bħala selettivi jekk *de facto* dawn ma jkunux miftuħin għall-impriżi kollha fit-territorju nazzjonali ([44]). Dan ifisser li anki miżuri li jkunu miftuħin għas-setturi kollha jistgħu jiġu kkunsidrati bħala selettivi għar-raġunijiet li *de facto* dawn ma jkunux miftuħin għall-impriżi kollha fit-territorju konċernat.

(96) Din l-opinjoni hija riflessa wkoll fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rifużjoni tat-taxxa Awstrijaka fuq l-enerġija ([45]). Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li għadha kif issemmiet, l-Awstrija wessgħet il-miżura biex tinkludi impriżi mis-setturi kollha. Fil-valutazzjoni tagħha tal-iskema emendata, madankollu, il-Kummissjoni sabet li l-miżura kienet għadha selettiva, għaliex anki kieku nitkellmu b'mod formali r-rifużjoni kienet miftuħa għall-impriżi kollha, fil-prattika l-uniċi impriżi li setgħu jibbenefikaw kienu dawk b'konsum kbir ta' enerġija b'rabta mal-valur nett tal-produzzjoni tagħhom ([46]). Il-Kummissjoni kkonkludiet illi r-rifużjoni tat-taxxa kienet tikkostitwixxi għajnuna illeċita (jiġifieri mhux notifikata) mill-Istat, u kienet inkompatibbli mas-suq intern ([47]).

(97) L-effetti tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni sussegwentement wasslu biex qorti amministrattiva Awstrijaka titlob deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja ([48]). Il-mistoqsijiet sottomessi mill-qorti Awstrijaka kienu relatati mal-firxa tal-effetti tal-illegalità tar-rifużjoni tat-taxxa, u l-Qorti tal-Ġustizzja ma reġgħetx qajmet il-kwistjoni tas-selettività. Il-kwistjoni madankollu ssemmiet mill-Avukat Ġenerali. Fl-opinjoni tiegħu l-Avukat Ġenerali qal li "bħalma l-Kummissjoni qiegħda tirrimarka, il-fatt li rifużjonijiet jingħataw biss lill-impriżi tas-servizzi (barra lill-impriżi tal-produzzjoni) li ma jkunux esklużi bil-livell minimu ta' 0,35 % sempliċiment ikun qiegħed ikabbar iċ-ċirku ta' benefiċjarji tal-għajnuna. Madankollu, fih innifsu, dan ma jkunx qiegħed iċaħħad l-għajnuna mill-effetti tagħha, peress li l-kriterju tas-selettività jkun għadu japplika" ([49]). Huwa sostna wkoll li "Ir-raġunament tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha tal-2004 dwar in-natura selettiva tal-livell minimu ta' 0,35 % fl-iskema emendata huwa konvinċenti" ([50]).

(98) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-livell minimu ta' 0,5 % inkwistjoni fil-każ preżenti huwa kriterju ta' selezzjoni li jillimita l-benefiċċju tal-miżuri notifikati għall-impriżi konċentrati fl-enerġija u jeskludi impriżi li mhumiex konċentrati fl-enerġija. Irrispettivament mill-għadd ta' setturi li jikkwalifikaw, il-limitu jfisser li mhux l-impriżi kollha fit-territorju nazzjonali jistgħu jibbenefikaw taħt il-miżura notifikata. Konsegwentement, il-limitu jirrendi l-miżura notifikata bħala waħda selettiva.

(99) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li biex jikkwalifikaw għall-mekkaniżmu ta' eżenzjoni li qiegħed jiġi vvalutat hawnhekk, l-impriżi jridu jkunu eliġibbli għar-rifużjoni tat-taxxa fuq l-enerġija skont l-Att dwar ir-Rifużjoni ta' Taxxa fuq l-Enerġija Awstrijak, li kien is-suġġett tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rifużjoni tat-taxxa Awstrijaka fuq l-enerġija. Konsegwentement ir-raġunament tal-Kummissjoni f'dik id-deċiżjoni tapplika *mutatis mutandis* għall-każ preżenti.

Iffokar fuq il-produzzjoni ta' oġġetti

(100) Dwar it-tieni argument tal-Awstrija, il-Kummissjoni sabet li l-miżura notifikata hija selettiva wkoll għaliex fil-prattika din tiffoka primarjament fuq għadd limitat ta' impriżi attivi fil-produzzjoni ta' ċerti oġġetti konċentrati fl-enerġija. Skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, miżura m'għandhiex tiġi analizzata b'referenza għall-kawżi... għall-kaġunijiet jew il-miri tagħha imma b'rabta mal-effetti tagħha ([51]). Dan ifisser li għalkemm f'termini formali l-miżura tkun miftuħa għas-setturi kollha u għall-impriżi kollha, xorta waħda tista' tkun ikkunsidrata bħala selettiva jekk ma tkunx miftuħa għall-impriżi kollha fit-territorju nazzjonali fil-prattika. Il-Qorti tal-Ġustizzja stqarret li "La l-għadd kbir ta' impriżi li jibbenefikaw u lanqas id-diversità u l-importanza tas-setturi industrijali li lilhom ikunu jappartjenu dawk l-impriżi ma jiġġustifikaw il-konklużjoni li [xi] skema tikkostitwixxi miżura ġenerali ta' politika ekonomika" ([52]).

(101) Fl-investigazzjoni tagħha l-Kummissjoni sabet li l-iskema notifikata kienet tiffoka primarjament fuq ftit impriżi, li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti. Fid-9 ta' Settembru 2010 l-Awstrija ssottomettiet tagħrif li nġabar abbażi tal-iskema applikata fil-preżent, jiġifieri b'intensitajiet tal-għajnuna taħt il-livelli minimi tan-notifikazzjoni. Minn approssimattivament 300 000 impriża fl-Awstrija, skont din l-informazzjoni, l-għadd ta' dawk li applikaw għall-benefiċċji taħt l-iskema kien biss ta' madwar 2 000, jew anqas minn 1 % tal-impriżi Awstrijaċi kollha. Meta kienet qiegħda tiġi applikata l-iskema, approssimattivament 66 % tal-benefiċċji marru għand impriżi li jispeċjalizzaw fil-"produzzjoni ta'

([44]) Il-Qorti tal-Ewwel Istanza kellha tiddeċiedi dwar skema ta' għajnuna fil-pajjiż Bask fl-għamla ta' kreditu ta' taxxa għal investimenti fuq il-valur minimu ta' ESP 2 500 miljun: din sostniet li l-iskema kienet *de facto* selettiva għaliex il-konċessjoni tat-taxxa kienet disponibbli biss għal impriżi b'riżorsi finanzjarji sinifikattivi (Il-Każijiet Konġunti T-92/00 u T-103/00 *Diputación Foral de Álava u Oħrajn* vs *Il-Kummissjoni* [2002] RKE II-1385, paragrafu 39 (appell kontra din is-sentenza ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każijiet Konġunti C-186/02 P u C-188/02 P *Ramondín SA u Oħrajn* vs *Il-Kummissjoni* [2004] ECR I-10653, paragrafi 60 ff.). F'każ ieħor il-Qorti tal-Ġustizzja sabet illi skema ta' għajnuna għax-xiri ta' vetturi kummerċjali kienet *de facto* selettiva partikolarment għaliex kienet teskludi l-intrapriżi l-kbar (Il-Każ C-409/00 *Spanja* vs *Il-Kummissjoni* [2003] ECR I-1487, paragrafu 50).

([45]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/565/KE tad-9 ta' Marzu 2004 dwar l-iskema ta' għajnuna implimentata mill-Awstrija għal rifużjoni tat-taxxi fuq l-enerġija mill-gass naturali u l-elettriku fl-2002 u l-2003 (ĠU L 190, 22.7.2005, p. 13) premessi 47-49.

([46]) Deċiżjoni 2005/565/KE, premessa 46.

([47]) Deċiżjoni 2005/565/KE, premessi 68-70.

([48]) Il-Każ C-368/04 *Transalpine Ölleitung* [2006] ECR I-9957.

([49]) L-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Każ C-368/04 *Transalpine Ölleitung*, punt 73.

([50]) L-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Jacobs fi *Transalpine Ölleitung*, punt 72.

([51]) Il-Każ 173/73 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [1974] ECR 709, paragrafu 13.

([52]) Il-Każ C-75/97 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [1999] ECR I-3671, paragrafu 32.

oġġetti" ([53]). Il-Kummissjoni tosserva li, li kieku l-Awstrija kellha żżid l-intensitajiet tal-għajnuna fuq il-livelli *de minimis* li taħthom l-iskema tkun qiegħda titħaddem provviżjorjament, il-miżura x'iktarx tiffoka saħansitra iktar fuq impriżi attivi fil-produzzjoni ta' oġġetti. Dan jidher mill-fatt li, abbażi tal-informazzjoni li pprovdiet l-Awstrija, 12-il impriża biss jibbenefikaw minn intensitajiet tal-għajnuna ogħla minn dawk stipolati fil-verżjoni tal-iskema li qiegħda tiġi applikata fil-preżent, u li minn dawn tnejn biss joperaw fis-settur tat-trasport, filwaqt li 10 huma involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti ([54]).

(102) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-iskema notifikata tipprovdi ftit benefiċċji, jew xejn, għall-maġġoranza tas-setturi tal-ekonomija Awstrijaka, u minnha se jibbenefikaw prinċipalment impriżi attivi f'xi waħda mill-fergħat tal-produzzjoni ta' oġġetti. Irrispettivament mill-għadd ta' setturi li fihom impriżi jistgħu jibbenefikaw minħabba l-miżura, prinċipalment il-miżura tiffoka fuq impriżi attivi fil-produzzjoni ta' oġġetti, u għalhekk għandha tiġi kkunsidrata bħala *de facto* selettiva.

Konklużjoni

(103) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni notifikat huwa selettiv, kemm għaliex dan jipprevedi livell minimu ta' 0,5 %, li jillimita l-miżura għal impriżi konċentrati fl-enerġija, u kemm għaliex primarjament dawn l-impriżi jkunu attivi fil-produzzjoni ta' oġġetti.

Il-miżuri ġġustifikati min-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema

(104) Il-Kummissjoni tinnota li anki fejn miżura tkun ta' kwalità selettiva din ma tkunx tissodisfa l-kundizzjoni tas-selettività jekk tkun iġġustifikata min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema li tkun tagħmel parti minnha ([55]). B'mod konformi, il-Qorti tal-Ġustizzja stqarret li jiddependi mill-Istat Membru li juri li dan huwa minnu ([56]).

(105) Skont il-Qorti, "għandha ssir distinzjoni bejn, min-naħa l-waħda, l-objettivi attribwiti ma' skema ta' taxxa partikolari li jkunu estrinsiċi għaliha u, min-naħa l-oħra, il-mekkaniżmi inerenti fis-sistema tat-taxxa nnifisha li huma neċessarji biex jintlaħqu dawn l-objettivi". Huma biss dawn il-mekkaniżmi tal-aħħar li jistgħu jkunu ġġustifikati min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema tat-taxxa li l-miżura tkun tagħmel parti minnha ([57]). Kull għan estrinsiku għandu jiġi kkunsidrat fl-istadju meta l-għajnuna tkun qiegħda tiġi vvalutata għall-kompatibbiltà ([58]).

(106) L-Awstrija jidhrilha li d-divrenzji fil-ħlasijiet introdotti bit-Taqsima 22c tal-Att huma intenzjonati li jippermettu li l-kapaċità tal-impriżi li tvarja tkun tiflaħ għal ħlasijiet addizzjonali. L-Awstrija qiegħda ssostni wkoll il-fehma li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni ma jippreġudikax il-benefiċċji ambjentali previsti bl-Att, billi l-ammont ta' għajnuna disponibbli għall-appoġġ tal-produzzjoni ta' elettriku ekoloġiku mhuwiex imnaqqas. L-Awstrija tikkontendi li huwa biss permezz tat-tnaqqis fi ħlasijiet ambjentali għal ċerti negozji li jkun possibbli li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' finanzjament sostenibbli għall-elettriku ekoloġiku, li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat l-appoġġ għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

(107) Il-Kummissjoni tinnota f'dan ir-rigward li l-objettiv intrinsiku tas-sistema stabbilita bil-prezz awtorizzat huwa li jitkattar id-dħul għall-iskop speċifiku tal-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni, madankollu, jgħin biex jintlaħaq l-objettiv li titjieb il-kompetittività tan-negozji konċentrati fl-enerġija billi jirriduċilhom il-prezz tal-elettriku, u permezz t'hekk ittejjeb l-aċċettabbiltà tas-sistema abbażi tal-prezz awtorizzat. Dan l-objettiv huwa wieħed estrinsiku għar-raġunament u l-iskema ġenerali tas-sistema.

(108) Il-Qorti tal-Ġustizzja stqarret li wieħed ma jistax joqgħod fuq l-interess muri biex jintlaħaq dan l-objettiv estrinsiku biex miżura tiġi ġġustifikata b'referenza għan-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema tat-taxxa ([59]). Dan jista' jiġi analizzat biss meta l-għajnuna tkun trid tiġi vvalutata għall-kompatibbiltà ([60]).

(109) Biex issostni l-fehma tagħha li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni huwa ġġustifikat mir-raġunament u mill-iskema ġenerali tas-sistema, l-Awstrija tikkwota żewġ deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat; imma fejn is-sitwazzjoni kienet differenti. Il-miżura ta' għajnuna mill-Istat Nru N 271/06, it-taxxa Daniża fuq it-tisħin ogħla mill-kwota, ma ppruvatx biss li ttejjeb il-kompetittività iżda ħadmet biex il-prodotti kollha tal-enerġija jiġu trattati kollha bl-istess mod fir-rigward tat-trattament fiskali. Il-miżura ta' għajnuna mill-Istat Nru N 860/06, l-eżenzjoni mit-taxxa Ġermaniża fuq l-enerġija għal proċessi b'użu doppju, kienet ibbażata fuq il-prinċipju li l-prodotti tal-enerġija għandhom jiġu intaxxati biss meta jkunu ntużaw għal skopijiet ta' tisħin jew bħala karburanti.

([53]) F'dan is-settur hemm ċerta konċentrazzjoni fuq setturi sekondarji bħalma huma l-produzzjoni tal-injam, tal-karta, tal-ikel, tal-ħġieġ, taċ-ċeramika, tal-metalli u tal-kimiki.
([54]) Il-preżentazzjoni tal-Awstrija tad-9 ta' Settembru 2010 (p. 17 u t-Tabella 5 f'p. 17), bi tweġiba għat-talba għall-informazzjoni mill-Kummissjoni fid-19 ta' Lulju 2010.
([55]) Il-Każ 173/73 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [1974] RKE 709, paragrafu 33; Il-Każ C-75/97 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [1999] ECR I-3671, paragrafi 28–31; Il-Każ C-143/99 *Adria-Wien Pipeline* [2001] ECR I 8365, paragrafu 41.
([56]) Il-Każ C-88/03 *Il-Portugall* vs *Il-Kummissjoni* [2006] ECR I-7115, paragrafu 81.
([57]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 56.
([58]) Il-Każ C-487/06 P *British Aggregates Association* vs *Il-Kummissjoni* [2008] ECR I-10505, paragrafi 84–92.
([59]) Il-Każ C-88/03 *Il-Portugall* vs *Il-Kummissjoni* (iċċitat fin-nota tal-qiegħ 31), paragrafu 82, li jirreferi għall-iżvilupp reġjonali u l-koeżjoni soċjali bħala objettivi politiċi estrinsiċi.
([60]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 58.

(110) Dan ifisser li l-eżenzjoni notifikata għall-industriji konċentrati fl-enerġija mhijiex iġġustifikata min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema li tkun tagħmel parti minnha.

Konklużjoni

(111) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura notifikata tissodisfa l-kundizzjoni tas-selettività għaliex din hija *de facto* selettiva u mhijiex ġġustifikata min-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema.

5.1.4. *It-tagħwiġ tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ*

(112) Il-benefiċjarji tal-miżura, li fil-fehma tal-Kummissjoni tikkostitwixxi għajnuna tal-operat, fil-biċċa l-kbira tagħhom huma involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti konċentrati fl-enerġija bħalma huma prodotti tal-metall u karta ([61]). Dawn huma industriji fejn hemm il-kummerċ bejn l-Istati Membri, u l-impriżi fi Stat Membru wieħed huma soġġetti għall-kompetizzjoni ma' impriżi f'oħrajn. Il-miżura inkwistjoni hija għalhekk suxxettibbli li toħloq tagħwiġ fil-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ fis-suq intern.

5.1.5. *Konklużjoni*

(113) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, għaliex b'effett ta' dan jiġu mnaqqsa r-riżorsi tal-Istat u permezz t'hekk jiġi konferit vantaġġ selettiv fuq in-negozji konċentrati fl-enerġija. Konsegwentement, il-miżura għandha l-potenzjal li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u toħloq tagħwiġ fil-kompetizzjoni fis-suq intern.

## 5.2. **Legalità tal-għajnuna**

(114) L-Awstrija ntrabtet li ma ddaħħalx l-għajnuna fis-seħħ sa ma l-Kummissjoni Ewropea tkun approvatha. L-Awstrija nnotifikat il-miżura qabel ma daħħlitha fis-seħħ, u b'hekk ikkonformat mal-obbligu li għandha skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE ([62]).

## 5.3. **Kompatibbiltà tal-għajnuna**

(115) Skont l-Artikolu 107(3) tat-TFUE l-Kummissjoni tista' tiddikjara għajnuna mill-Istat bħala kompatibbli mas-suq intern. Huwa skont każistika stabbilita li l-piż tal-prova li juri li miżura tkun kompatibbli jaqa' f'idejn l-Istat Membru ([63]).

(116) Fil-każijiet ta' għajnuna li jaqgħu taħt l-Artikolu 107(3) tat-TFUE l-Kummissjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa ([64]). Għall-eżerċitar tad-diskrezzjoni tagħha ħarġet linji gwida u avviżi fejn jissemmew il-kriterji biex jiġu ddikjarati ċerti tipi ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-TFUE. B'mod konformi, il-Qorti tal-Ġustizzja stqarret li l-Kummissjoni hija marbuta bil-linji gwida u l-avviżi li toħroġ fil-qasam tas-sorveljanza tal-għajnuna mill-Istat fejn dawn ma jiddevjawx mir-regoli tat-Trattat u huma aċċettati mill-Istati Membri ([65]).

(117) Qabel kollox, għaldaqstant, wieħed għandu jikkunsidra jekk l-għajnuna notifikata tkunx taqa' fl-ambitu ta' ġabra waħda jew iktar ta' linji gwida jew avviżi, u jekk tistax tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq intern għaliex tkun tissodisfa l-provi tal-kompatibbiltà stipulati fihom.

(118) L-Awstrija qiegħda tafferma li l-miżura notifikata taqa' fl-ambitu tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali ([66]), jew li l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali huma applikabbli b'analoġija. Barra minn hekk, qiegħda tafferma wkoll li l-għajnuna taqa' fl-ambitu tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ([67]).

(119) Madankollu, huwa evidenti li jeżistu sitwazzjonijiet li għalihom tista' tingħata għajnuna tal-operat. B'mod partikolari, tista' tingħata għajnuna tal-operat fl-għamla ta' reduzzjonijiet fit-taxxi, b'kundizzjonijiet speċifiċi, skont il-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali ([68]) jew skont l-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ([69]). Taħt ċerti kundizzjonijiet l-għajnuna tista' wkoll tiġi vvalutata direttament skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

5.3.1. *Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali*

(120) Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali jiddefinixxu l-qasam tal-applikazzjoni tagħhom kif ġej ([70]):

([61]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 54.

([62]) Sa ma tittieħed deċiżjoni finali mill-Kummissjoni, l-Awstrija qiegħda tagħti l-benefiċċju tal-mekkaniżmu ta' eżenzjoni bħala għajnuna *de minimis*.

([63]) Il-Każ C-364/90 *L-Italja* vx *Il-Kummissjoni* [1993] RKE I-2097, paragrafu 20; Il-Każijiet Konġunti T-132/96 u T-143/96 *Freistaat Sachsen u Oħrajn* vs *Il-Kummissjoni* [1999] ECR II-3663, paragrafu 140; Il-Każ C-372/97 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [2004] ECR I-3679, paragrafu 81.

([64]) Il-Każ C-142/87 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [1990] ECR I-959, paragrafu 56; Il-Każ C-39/94 *Syndicat français de l'Express international (SFEI) u Oħrajn* vs *La Poste u Oħrajn* [1996] ECR I-3547, paragrafu 36.

([65]) Il-Każ C-313/90 *Comité International de la Rayonne et des Fibres Synthétiques (CIRFS) u Oħrajn* vs *Il-Kummissjoni* [1993] ECR I-1125, paragrafu 36; Il-Każ C-311/94 *Ijssel-Vliet Combinatie BV* vs *Minister van Economische Zaken* [1996] ECR I-5023, paragrafu 43; Il-Każ C-351/98 *Spanja* vs *Il-Kummissjoni* [2002] ECR I-8031, paragrafu 53.

([66]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

([67]) Regolament (KE) Nru 800/2008.

([68]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

([69]) Regolament (KE) Nru 800/2008.

([70]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

'(58) Dawn il-Linji Gwida japplikaw għal għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali. Dawn għandhom jiġu applikati skont politiki Komunitarji oħrajn dwar għajnuna mill-Istat, dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-leġiżlazzjoni adottata skont dawk it-Trattati.

(59) Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-għajnuna mogħtija għall-appoġġ tal-ħarsien ambjentali fis-setturi kollha regolati bit-Trattat tal-KE. Dawn japplikaw ukoll għal dawk is-setturi li huma soġġetti għal regoli Komunitarji speċifiċi dwar għajnuna mill-Istat (l-ipproċessar tal-azzar, ix-xogħol fit-tarzni, il-vetturi bil-mutur, il-fibri sintetiċi, it-trasport, il-faħam, l-agrikoltura u s-sajd) jekk dawn ir-regoli speċifiċi ma jipprevedux mod ieħor.'

(121) Il-punt 70(1) tal-Linji Gwida jiddefinixxi "ħarsien ambjentali" bħala "kwalunkwe azzjoni mfassla sabiex tirrimedja jew twaqqaf ħsara lil ambjenti fiżiċi jew riżorsi naturali mwettqa bl-attivitajiet proprji ta' benefiċjarju, sabiex tnaqqas ir-riskju ta' tali ħsara jew sabiex twassal għal użu iktar effiċjenti ta' riżorsi naturali, inklużi miżuri li jiffrankaw l-enerġija u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli". Punt 151 jiddikjara li biex miżura taqa' fl-ambitu tal-Linji Gwida jkun biżżejjed li din ittejjeb indirettament il-livell tal-ħarsien ambjentali.

(122) L-Awstrija jidhrilha li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jikkontribwixxi indirettament għall-ħarsien ambjentali, għal żewġ raġunijiet: dan huwa prekundizzjoni neċessarja biex jiġi żgurat l-appoġġ politiku biex jiżdied il-prezz awtorizzat għal livell ogħla, li huwa neċessarju għall-finanzjament ta' żieda akbar fil-produzzjoni ta' elettriku rinnovabbli; u huwa jżid il-prezz tal-użu tal-elettriku, u permezz t'hekk jingħata inċentiv biex wieħed ikun iktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

(123) Dwar l-ewwel argument, il-Kummissjoni tosserva li ma teżisti ebda rabta neċessarja bejn il-prezz awtorizzat u żieda fil-livell tal-produzzjoni ta' elettriku rinnovabbli. Bis-saħħa tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tirrevoka d-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE ("id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli") ([71]), l-Awstrija għandha l-obbligu li żżid il-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli. Hija, madankollu, libera li tagħżel li tiffinanzja dan kif tippreferi. Tista', pereżempju, tuża d-dħul mit-taxxi. B'hekk il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni mhuwiex neċessarju sabiex tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

(124) Rigward it-tieni argument, il-Kummissjoni tosserva li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jiffunzjona bħala limitu massimu. Il-prezz medju tal-elettriku mħallas min-negozji konċentrati fl-enerġija konsegwentement jonqos għal kull kilowott f'siegħa addizzjonali li jikkonsmaw fuq il-livell minimu. Iktar milli jinkoraġġixxi l-effiċjenza fl-enerġija, il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni attwalment inaqqasha.

(125) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni ma jaqax fl-ambitu tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali.

(126) Imma anki kieku l-miżura kienet fil-fatt taqa' fl-ambitu tal-Linji Gwida — li ma tagħmilx — il-Kummissjoni tosserva li din ma tkunx tista' tiġi ddikjarata bħala kompatibbli fuq din il-bażi, peress li l-provi tal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida mhumiex issodisfati, għar-raġunijiet li ġejjin.

(127) Għal skopijiet tal-valutazzjoni tal-kompatibbiltà, il-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida jiddistingwi bejn taxxi ambjentali armonizzati u mhux armonizzati. L-imposta (levy) parafiskali rrappreżentata bil-prezz awtorizzat mhijiex taxxa ambjentali li ġiet armonizzata fil-livell tal-Unjoni. Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli tistabbilixxi l-miri obbligatorji għall-enerġija rinnovabbli, imma tħalli lill-Istati Membri jiddeċiedu kif jilħqu dawn il-miri.

(128) Il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jkollu għalhekk jiġi vvalutat skont ir-regoli għat-taxxi ambjentali mhux armonizzati tal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida ([72]).

(129) Skont dawk id-dispożizzjonijiet, l-Istat Membru għandu jipprovdi informazzjoni dwar is-setturi rispettivi jew il-kategoriji ta' benefiċjarji koperti bl-eżenzjonijiet jew tnaqqis, dwar is-sitwazzjoni tal-benefiċjarji ewlenin f'kull wieħed mis-setturi konċernati u dwar kif it-tassazzjoni tista' tikkontribwixxi għall-ħarsien ambjentali. Is-setturi eżentati għandhom jiġu deskritti adegwatament, u għandha tiġi pprovduta lista tal-akbar benefiċjarji għal kull wieħed mis-setturi (fejn jiġu kkunsidrati notevolment il-fatturat, l-ishma fis-suq u l-iskala tal-bażi tat-taxxa) ([73]). Abbażi ta' din l-informazzjoni l-Kummissjoni trid tivvaluta jekk it-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet tat-taxxi ambjentali humiex neċessarji u proporzjonali. Rigward in-neċessità, l-għażla tal-benefiċjarji għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, u t-taxxa ambjentali mingħajr tnaqqis għandha twassal għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni li ma jistgħux jiġu mgħoddija fuq il-konsumaturi bla ma jwasslu għal tnaqqis importanti fil-bejgħ ([74]). Rigward il-proporzjonalità, l-Istat Membru

([71]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

([72]) Kif spjegat hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tariffa ta' alimentazzjoni evidentement mhijiex taxxa ambjentali armonizzata.

([73]) Il-punt 156 tal-Linji Gwida.

([74]) Il-punt 158 tal-Linji Gwida.

għandu juri li kull wieħed mill-benefiċjarji individwali qiegħed iħallas proporzjon tal-livell tat-taxxa nazzjonali li b'mod ġenerali huwa ekwivalenti għall-prestazzjoni ambjentali tiegħu, jew tal-anqas 20 % tat-taxxa nazzjonali, sakemm rata iktar baxxa ma tistax tiġi ġġustifikata, u li t-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet huma kundizzjonali għall-iffinalizzar ta' kull ftehim bl-għan li jintlaħqu l-objettivi ambjentali ([75]).

(130) Madankollu, l-Awstrija ma pprovdietx din l-informazzjoni, għad illi l-Kummissjoni talbitha ripetutament biex tagħmel dan ([76]). Konsegwentement il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta jekk l-għajnuna hijiex neċessarja u proporzjonali jew kif tista' tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ambjent.

5.3.2. *Analoġija mal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida*

(131) Meta rat li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni notifikat ma jikkontribwixxix għall-ħarsien ambjentali lanqas indirettament, il-Kummissjoni kkunsidrat jekk setax jiġi approvat b'analoġija mal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali.

(132) Skont l-Awstrija, il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jista' jiġi vvalutat b'analoġija mar-regoli dwar tnaqqis fit-taxxa għat-taxxi armonizzati fuq l-enerġija stipulati fil-punti 152–153 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali. Il-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida jipprevedi żewġ tipi ta' stimi ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali, li jistgħu jwasslu għal konklużjonijiet differenti. L-ewwel nett, dan jistabbilixxi regoli għal tnaqqis fit-taxxi armonizzati fuq l-enerġija skont id-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija, li jistgħu jiġu ddikjarati bħala kompatibbli mingħajr analiżi iktar fid-dettall sakemm il-livelli minimi ta' taxxa stipulati fid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija jkunu rispettati. It-tieni, dan jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-istima ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali li ma jkunux ġew armonizzati u tnaqqis fit-taxxi armonizzati fuq l-enerġija taħt il-livelli minimi ta' taxxa stabbiliti fid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija. Fiż-żewġ każijiet l-Istat Membru fost affarijiet oħra għandu jipprovdi informazzjoni ddettaljata dwar in-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura. L-Awstrija ssostni li l-Kummissjoni tista' tapprova l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni għal imposti parafiskali abbażi tal-fatt li l-benefiċjarji jħallsu tal-anqas il-livelli minimi tat-taxxi Awstrijaċi fuq l-enerġija.

(133) Il-Kummissjoni tosserva li ma jeżisti ebda preċedent fid-deċiżjonijiet tagħha jew fis-sentenzi tal-qrati Ewropej fejn ir-regoli għall-istima tat-taxxi armonizzati fuq l-enerġija skont il-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali ġew applikati għal imposti parafiskali b'analoġija.

(134) Skont il-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, regola tal-liġi tal-Unjoni tista' tiġi applikata b'analoġija jekk ikunu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin. L-ewwel nett, ir-regoli applikabbli għall-każ għandhom ikunu simili ħafna għal dawk li għalihom wieħed jirrikorri biex japplikahom b'analoġija. It-tieni, ir-regoli applikabbli għall-każ għandhom jinkludu ommissjoni li tkun inkompatibbli ma' prinċipju ġenerali tal-liġi tal-UE u li tista' tiġi rrimedjata b'analoġija ([77]). Fid-dawl ta' dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tosserva li l-analoġija tista' tiġi invokata fil-liġi tal-UE f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss.

Similarità tar-regoli

(135) L-ewwel nett, ir-regoli applikabbli għall-każ għandhom ikunu simili ħafna għal dawk li għalihom wieħed jirrikorri biex japplikahom b'analoġija. Billi l-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali jittratta tnaqqis ta' taxxi ambjentali, jew eżenzjonijiet minnhom, ir-regoli li jikkontrollaw l-imposti notifikati skont l-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku għandhom ikunu simili għal dawk li jkunu japplikaw għat-taxxi ambjentali.

Madankollu, il-Kummissjoni qiegħda tikkonstata li l-pożizzjoni legali rigward taxxi ambjentali taħt il-liġi tal-UE mhijiex paragunabbli mal-pożizzjoni legali rigward imposti parafiskali taħt il-liġi tal-UE. Filwaqt li ma teżisti ebda regola speċifika fil-liġi tal-UE rigward imposti parafiskali, jeżistu regoli speċifiċi dwar taxxi fuq l-enerġija. Dawn jinkludu partikolarment il-livelli minimi ta' taxxa stabbiliti bid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija, u eċċezzjonijiet għal dawn il-livelli minimi taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali u l-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Għal imposti parafiskali la hemm regoli dwar eżenzjonijiet jew tnaqqis u lanqas regoli dwar livelli minimi.

(136) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-imposti parafiskali stabbiliti taħt l-iskema Awstrijaka mhumiex ikkontrollati b'regoli simili għal dawk li japplikaw għat-taxxi ambjentali taħt il-liġi tal-UE.

Ommissjoni (*lakuna*) inkompatibbli mal-liġi tal-UE

(137) It-tieni nett, ir-regoli applikabbli għall-każ għandhom jinkludu ommissjoni li tkun inkompatibbli ma' prinċipju ġenerali tal-liġi tal-UE u li tista' tiġi rrimedjata b'analoġija.

([75]) Il-punt 159 tal-Linji Gwida.

([76]) L-Awstrija ma weġbitx għall-mistoqsijiet dwar dan il-punt li l-Kummissjoni staqsiet fil-21 ta' Ġunju 2010 u fid-19 ta' Lulju 2010.

([77]) Il-Każ 165/84 *Krohn* vs *Bundesanstalt für Landwirtschaftliche Marktordnung* [1985] ECR 3997, paragrafu 14; Il-Każ 6/78 *Union française de Céréales* vs *Hauptzollamt Hamburg-Jonas* [1978] ECR 1675.

(138) Madankollu, miżuri li ma jaqgħux fl-ambitu tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali jistgħu jiġu vvalutati minkejja kollox skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. Konsegwentement il-Kummissjoni ma sabet ebda ommissjoni fil-Linji Gwida li setgħet serviet bħala bażi għal valutazzjoni tal-miżuri notifikati b'analoġija. Din il-konklużjoni hija l-istess sew jekk l-analoġija trid issir b'taxxi armonizzati u sew jekk b'dawk mhux armonizzati.

(139) Barra minn hekk, l-assenza ta' regoli dwar eżenzjonijiet minn imposti parafiskali ma tkunx tista' tiġi rrimedjata ikun xi jkun il-każ b'analoġija mar-regoli li jikkontrollaw it-tnaqqis fit-taxxi fuq l-enerġija taħt il-liġi tal-UE. Kieku r-regoli li jikkontrollaw it-tnaqqis ta' taxxi armonizzati fuq l-enerġija kellhom jiġu applikati b'analoġija għall-imposti parafiskali mhux armonizzati, l-impriżi jkunu jistgħu jissodisfaw il-livelli minimi ta' taxxa stabbiliti fid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija billi jħallsu dawn l-imposti parafiskali. Dan l-approċċ għalhekk mhuwiex fl-ispirtu tad-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija. Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rati minimi fid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija ġew stabbiliti biss bl-għan li jiġu applikati fis-sistema armonizzata ta' taxxi fuq l-enerġija. L-użu tagħhom bħala punt ta' referenza barra miżżona armonizzata jista' jagħtihom applikazzjoni li ma kinitx intenzjonata li jkollhom. Jidher biċ-ċar li r-rati minimi ma ġewx stabbiliti bl-għan li jiġi ddefinit il-piż globali li jkollhom iġorru n-negozji konċentrati fl-enerġija minħabba miżuri regolatorji ambjentali, partikolarment bħal dawk li jirriżultaw mill-mekkaniżmi ta' finanzjament tat-tariffi ta' alimentazzjoni. Tali approċċ jinjora wkoll il-fatt li l-politika dwar għajnuna mill-Istat taċċetta attitudni laxka lejn eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-livell minimu armonizzat għaliex kamp kompetittiv ekwu jkun żgurat tal-anqas sa ċertu punt b'konformità mar-rati minimi applikabbli fl-Istati Membri kollha. Dan l-argument ma japplikax għall-piżijiet li jkunu ġejjin minn sistemi ta' tariffi ta' alimentazzjoni, li mhumiex armonizzati, u fejn kull devjazzjoni mill-kontribuzzjonijiet standard tista' tikkaġuna tagħwiġ fil-kompetizzjoni.

(140) Dan ifisser li l-assenza ta' regoli dwar it-tnaqqis ta' imposti parafiskali ma tikkostitwixxix ommissjoni li tkun inkompatibbli mal-prinċipju ġenerali tal-liġi tal-UE u li tista' tiġi rrimedjata b'analoġija ma' regoli eżistenti dwar tnaqqis fit-taxxi armonizzati fuq l-enerġija.

(141) Ikun xi jkun il-każ, anki kieku dawk ir-regoli setgħu jiġu applikati b'analoġija, il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni ma setax jiġi kkunsidrat bħala kompatibbli, għar-raġunijiet stipulati fil-premessi 129–133.

Konklużjoni

(142) Il-Kummissjoni tikkonkludi li ma tistax tagħmel analoġija bejn il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni notifikat u r-regoli għall-istima ta' tnaqqis fit-taxxi armonizzati fuq l-enerġija skont il-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali, u li konsegwentement ma tistax tapprova l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni abbażi ta' din l-analoġija.

5.3.3. *Analoġija mal-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa*

(143) Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll jekk setgħetx tapprova l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni abbażi ta' analoġija mal-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

(144) L-Awstrija qiegħda ssostni l-fehma li d-differenzi bejn it-testi tal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali u l-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jagħtu ftit lok għal approvazzjoni tal-miżura b'analoġija mal-Artikolu 25 tar-Regolament. L-Awstrija qiegħda tirrimarka li l-punt 152 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali jinqara kif ġej:

"Sabiex jiġu approvati skont l-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE, tnaqqis ta' taxxi armonizzati, jew eżenzjonijiet minnhom, b'mod partikolari dawk armonizzati permezz tad-Direttiva 2003/96/KE, għandhom ikunu kompatibbli mal-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti applikabbli u jkunu konformi mal-limiti u l-kundizzjonijiet stipulati fihom",

(145) Filwaqt li l-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jinqara kif ġej:

"Skemi ta' għajnuna ambjentali fil-forma ta' tnaqqis mit-taxxi ambjentali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE għandhom ikunu kompatibbli mas-suq komuni skont it-tifsira tal-Artikolu 87(3) tat-Trattat u għandhom ikunu eżenti mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jiġu ssodisfati" ([78]).

(146) L-Awstrija tikkonkludi li l-Artikolu 25 tar-Regolament jista' jkun usa' fil-firxa tiegħu mill-punt 152 tal-Linji Gwida. Filwaqt li l-punt 152 tal-Linji Gwida jista' japplika biss għal taxxi armonizzati bid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija, l-Awstrija targumenta li l-Artikolu 25 tar-Regolament jirrikjedi biss li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jkun jirrispetta l-livelli minimi ta' taxxa stabbiliti fid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija, anki jekk din ma tkunx taxxa armonizzata fuq l-enerġija. L-Artikolu 25 tar-Regolament

([78]) L-Artikolu 25(2) tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jistipola li "Il-benefiċjarji tat-tnaqqis tat-taxxa għandhom tal-anqas iħallsu l-livell minimu tat-taxxa tal-Komunità stipulat fid-Direttiva 2003/96/KE" (id-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija). L-Artikolu 25(3) tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jistipola li "It-tnaqqis fit-taxxa għandu jingħata għal perjodu massimu ta' għaxar snin. Wara dan il-perjodu ta' għaxar snin, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jivvalutaw kemm huma xierqa l-miżuri ta' għajnuna kkonċernati."

jista' għalhekk jiġi applikat għat-tnaqqis fit-taxxi ambjentali mhux armonizzati, li jistgħu jinstabu li jkunu kompatibbli sakemm is-sistema ta' tassazzjoni inġenerali tkun tirrispetta l-livelli minimi ta' taxxa fuq l-enerġija. L-Awstrija tirrikonoxxi li l-kontribuzzjonijiet li jitħallsu skont l-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku mhumiex taxxa ([79]), imma qiegħda tgħid li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni notifikat jista' jiġi vvalutat u approvat b'analoġija mad-dispożizzjoni dwar it-taxxi ambjentali fl-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

(147) Fil-fehma tal-Kummissjoni, madankollu, m'hemmx lok għal analoġija mal-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. L-ewwel nett, ir-regoli applikabbli għall-każ mhumiex simili għal dawk li għalihom wieħed jirrikorri biex japplikahom b'analoġija. It-test tal-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jindika biċ-ċar li l-Artikolu japplika biss għat-taxxi ambjentali armonizzati skont id-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija. Il-klassifikazzjoni bħala taxxa fuq l-enerġija hija b'hekk "kundizzjoni" għall-applikabbiltà tal-Artikolu 25 tar-Regolament. Din l-interpretazzjoni hija appoġġjata mill-fatt li skont ir-raġunament tas-sistema tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa dan ma jistax ikollu firxa usa' mil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali li jirreferi għalihom. Jidher biċ-ċar għalhekk li l-Artikolu 25 tar-Regolament japplika biss għat-taxxi fuq l-enerġija armonizzati bid-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija. Kif spjegat hawn fuq, il-kontribuzzjonijiet li jitħallsu skont l-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku mhumiex taxxi ambjentali, u r-regoli tad-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija ma japplikawx għalihom. Dan ifisser li r-regoli li jikkontrollaw it-taxxi fuq l-enerġija mhumiex simili għar-regoli li jikkontrollaw it-tariffi ta' alimentazzjoni Awstrijaċi. It-tieni, ir-regoli applikabbli għall-każ ma fihomx ommissjoni li hija inkompatibbli mal-prinċipju ġenerali tal-liġi tal-UE u li tista' tiġi rrimedjata b'analoġija. Tnaqqis fit-taxxa jew miżuri simili li mhumiex koperti bir-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa mhumiex awtomatikament inkompatibbli mal-liġi tal-UE: dawn sempliċement għandhom josservaw l-obbligu ġenerali tan-notifika skont l-Artikolu 108 tat-TFUE. Wara jistgħu jiġu vvalutati u jinstabu kompatibbli skont il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali, jew, jekk il-Linji Gwida ma jkunux japplikaw, direttament skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. Dan ifisser li r-regoli applikabbli għall-istima tal-iskema tal-għajnuna Awstrijaka ma fihomx ommissjoni inkompatibbli mal-liġi tal-UE.

(148) Il-Kummissjoni tikkonkludi li ma tistax tagħmel analoġija bejn il-kontribuzzjonijiet li jitħallsu skont l-Att dwar l-Elettriku Ekoloġiku u t-taxxi armonizzati fuq l-enerġija msemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, u li konsegwentement ma tistax tapprova l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni abbażi ta' din l-analoġija.

5.3.4. *Kompatibbiltà skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE*

(149) Il-Kummissjoni tinnota li l-Awstrija ma affermatx li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jista' jiġi ddikjarat bħala kompatibbli direttament abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. Hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jressaq kwalunkwe prova ta' kompatibbiltà ([80]) u li juri li l-kundizzjonijiet tagħha huma ssodisfati, u għal din ir-raġuni biss l-Awstrija qiegħda tinżamm lura milli sserraħ fuq din il-bażi għall-kompatibbiltà.

(150) Minkejja kollox il-Kummissjoni kkunsidrat jekk setgħetx tiddikjara l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni bħala kompatibbli fuq din il-bażi legali.

(151) L-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE jistipola li "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti żoni ekonomiċi, sakemm tali għajnuna ma taffettwax ħażin lill-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa tali punt li jmur kontra l-interess komuni" tista' tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern. Skont il-każistika, il-Kummissjoni tista' tiddikjara għajnuna mill-Istat bħala kompatibbli mas-suq intern jekk l-għajnuna tikkontribwixxi biex jintlaħaq objettiv ta' interess komuni ([81]), tkun neċessarja biex jintlaħaq dan l-objettiv ([82]), u ma tkunx se taffettwa daqstant ħażin lill-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa tali punt li jmur kontra l-interess komuni.

(152) Għalhekk, hija prassi stabbilita tal-Kummissjoni li miżuri jistgħu jiġu ddikjarati direttament bħala kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE jekk ikunu neċessarji u proporzjonati u jekk għal għan komuni l-effetti pożittivi jegħlbu l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ ([83]). Il-Kummissjoni jidhrilha li jkun xieraq hawnhekk li tagħmel il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Kemm hija mmirata lejn objettiv ta' interess komuni ddefinit tajjeb il-miżura tal-għajnuna?

([79]) Il-preżentazzjoni tal-Awstrija tad-9 ta' Settembru 2010, p. 19, bi tweġiba għat-talba għall-informazzjoni mill-Kummissjoni fid-19 ta' Lulju 2001.

([80]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 63.

([81]) Il-Każ T-162/06 *Kronoply* vs *Il-Kummissjoni* [2009] ECR II-1, speċjalment paragrafi 65, 66, 74 u 75.

([82]) Il-Każ T-187/99 *Agrana Zucker und Stärke* vs *Il-Kummissjoni* [2001] ECR II-1587, paragrafu 74; Il-Każ T-126/99 *Graphischer Maschinenbau* vs *Il-Kummissjoni* [2002] ECR II-2427, paragrafi 41-43; Il-Każ C-390/06 *Nuova Agricast* [2008] ECR I-2577, paragrafi 68-69.

([83]) Il-qafas Komunitarju għal għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni punt 1)3 (ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1), il-linji gwida Komunitarji dwar għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali, punt 1.3 (ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1).

2. Kemm hija mfassla tajjeb l-għajnuna biex jintlaħaq l-objettiv ta' interess komuni? B'mod partikolari:

   (a) hija l-miżura tal-għajnuna strument xieraq u neċessarju, jew jeżistu strumenti oħrajn, iktar adattati?

   (b) jeżisti xi effett tal-inċentiv, jew fi kliem ieħor kemm se tbiddel l-atteġġjament tal-impriżi din l-għajnuna?

   (c) hija l-miżura tal-għajnuna proporzjonali, jew fi kliem ieħor jista' jagħti l-każ li l-istess bidla fl-atteġġjament tinkiseb b'anqas għajnuna?

3. Kemm huma limitati t-tagħwiġ fil-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, sabiex il-bilanċ globali jkun wieħed pożittiv?

### Objettiv ta' interess komuni

(153) L-Awstrija qiegħda tgħid li l-objettiv ewlieni tal-miżura huwa l-ħarsien ambjentali. Madankollu, kif intwera hawn fuq fil-premessi 126–129, il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni ma jikkontribwixxix għall-harsien ambjentali.

(154) Barra minn hekk, kull effett ambjentali tal-miżura għandu jinkiseb permezz ta' żieda globali fit-tariffi ta' alimentazzjoni, li skont il-fehma tal-Awstrija ma jkunx possibbli mingħajr ma tiġi żgurata l-kompetittività kostanti tan-negozji konċentrati fl-enerġija bis-saħħa tal-mekkaniżmu ta' eżenzjoni notifikat. Kif l-awtoritajiet Awstrijaċi fil-fatt jirrikonoxxu fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-objettiv tal-mekkaniżmu ta' eżenzjoni huwa li titjieb il-kompetittività tan-negozji konċentrati fl-enerġija fl-Awstrija fir-rigward tal-kompetituri tagħhom fi Stati Membri oħrajn. Fid-deċiżjonijiet tagħha l-Kummissjoni qatt ma aċċettat li għajnuna bħal din tikkontribwixxi għal objettiv ta' interess komuni.

(155) L-unika eċċezzjoni għal din il-prassi huwa l-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali. Imma anki fejn il-Kummissjoni taċċetta t-tnaqqis ta' taxxa ambjentali, xorta teżiġi li jitħallas livell minimu ta' taxxa. Dan ifisser li għad-dħul kollu mit-taxxi l-kontribuzzjoni totali tal-impriża li tibbenefika mit-tnaqqis fit-taxxa xorta tiżdied ma' kull unità ta' tniġġis. Fil-każ preżenti s-sitwazzjoni hija differenti. Fuq il-kontribuzzjoni hemm limitu massimu ta' 0,5 % tal-valur nett tal-produzzjoni. Kull unità addizzjonali ta' tniġġis m'għadhiex soġġetta għal imposta parafiskali. B'hekk il-kontribuzzjoni għal kull unità ta' tniġġis tonqos għal kull unità addizzjonali. Iktar milli tinkoraġġixxi l-effiċjenza tar-riżorsi, għaldaqstant, is-sistema tipprovdi inċentiv għall-użu ta' riżorsi addizzjonali.

(156) Konsegwentement il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għajnuna ma tikkontribwixxix għal objettiv ta' interess komuni.

### Strument ta' politika xieraq

(157) Skont il-każistika, "għajnuna tal-operat, jiġifieri, għajnuna intenzjonata biex isserraħ impriża mill-ispejjeż li normalment kien ikollha tagħmel tajjeb għalihom hija stess fit-tmexxija tagħha ta' kuljum jew fl-attivitajiet ordinarji tagħha, bħala prinċipju ma taqax fl-ambitu tal-Artikolu 92(3) [illum l-Artikolu 107(3) tat-TFUE]" ([84]). Kif tennew il-qrati, "Skont il-każistika rilevanti, l-effett ta' din l-għajnuna bħala prinċipju huwa li joħloq tagħwiġ fil-kompetizzjoni fis-setturi fejn tingħata, filwaqt li minkejja kollox tkun inkapaċi, min-natura tagħha stess, li tilħaq xi wieħed mill-objettivi tal-eċċezzjonijiet imsemmija qabel" ([85]). Fil-każ li qiegħed jiġi indirizzat il-Kummissjoni qiegħda tikkonstata li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jikkostitwixxi għajnuna tal-operat, għaliex iserraħ lill-benefiċjarji minn parti mill-ispejjeż għall-akkwist tal-elettriku tagħhom, li normalment kien ikollhom jagħmlu tajjeb għalih fl-operat tagħhom ta' kuljum.

(158) Għalhekk, anki kieku t-titjib fil-kompetittività kien objettiv ta' interess komuni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għajnuna tal-operat ikun xi jkun il-każ ma tkunx strument ta' politika xieraq biex jintlaħaq dan l-objettiv.

(159) Rigward it-taxxi ambjentali l-Kummissjoni aċċettat eċċezzjoni limitata ta' dan il-prinċipju, imma b'kunsiderazzjoni għal objettiv speċifiku. It-tnaqqis ta' taxxi ambjentali, jew eżenzjonijiet minnhom, li jikkonċernaw ċerti setturi jew kategoriji ta' impriżi huma ammissibbli skont il-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali jekk jagħmluha possibbli li għal impriżi oħrajn jiġu adottati taxxi ogħla, u b'hekk ikun hemm titjib globali fl-internalizzazzjoni tal-ispejjeż, u li jinħolqu iktar inċentivi għat-titjib tal-ħarsien ambjentali. Hawnhekk il-Kummissjoni sostniet li għajnuna ta' dan it-tip tista' tkun neċessarja biex indirettament jiġu indirizzati esternalitajiet negattivi bil-faċilitazzjoni tal-introduzzjoni jew it-tħaddim ta' tassazzjoni ambjentali nazzjonali relattivament għolja.

(160) Madankollu, il-Kummissjoni qiegħda tikkonstata li l-kontribuzzjonijiet għall-appoġġ ta' elettriku ekoloġiku li minnhom il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati taħt l-iskema notifikata ma jikkostitwixxux taxxa ambjentali skont it-tifsira tal-punti 70(14) u 151 tal-Linji Gwida. It-taxxi huma drittijiet ta' ħlas li jmorru għall-baġit ġenerali tal-Istat. Il-kontribuzzjonijiet li minnhom il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati taħt l-iskema notifikata ma jmorrux għall-baġit ġenerali tal-Istat. Dawn jintużaw esklussivament biex jiffinanzjaw il-kontribuzzjonijiet lill-OeMAG, li tgħin produtturi ta' elettriku ekoloġiku permezz tat-tariffi ta' alimentazzjoni. Konsegwentement, dawn il-kontribuzzjonijiet ma jikkostitwixxux taxxa ambjentali.

---

([84]) Il-Każ T-459/93 *Siemens SA* vs *Il-Kummissjoni* [1995] ECR II-1675, paragrafu 48.

([85]) Il-Każ T-459/93 *Siemens SA* vs *Il-Kummissjoni* [1995] ECR II-1675, paragrafu 48. Ara wkoll Il-Każ T-396/08 *Freistaat Sachsen u Land Sachsen-Anhalt* vs *Il-Kummissjoni*, tat-8 ta' Lulju 2010, li għadu ma ġiex irrapportat, paragrafi 46-48; Il-Każ C-156/98 *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni* [2000] ECR I-6857, paragrafu 30, ma' iktar referenzi.

(161) Il-Kummissjoni tikkunsidra li kull eċċezzjoni tar-regola ġenerali tal-inkompatibbiltà tal-għajnuna tal-operat stipulata fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali għandha tiġi interpretata strettament. Għalhekk, billi huwa eċċezzjoni, il-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida għandu jkun ristrett għat-taxxi ambjentali.

(162) Barra minn dan, kif spjegat hawn fuq, l-applikazzjoni tal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida għall-imposti parafiskali tkun qiegħda tikkontradixxi l-objettivi ta' dawk ir-regoli u tad-Direttiva għal Taxxa fuq l-Enerġija rigward it-taxxi armonizzati fuq l-enerġija. Dan l-approċċ jista' jirriżulta wkoll fl-applikazzjoni ġenerali ta' dawn id-dispożizzjonijiet għal imposti parafiskali fil-qasam tal-ħarsien ambjentali (eż. imposti parafiskali fuq skart u affarijiet simili). Applikazzjoni hekk wiesgħa tmur lil hinn mill-ambitu u l-objettivi tal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida.

(163) Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li għajnuna tal-operat fl-għamla ta' tnaqqis fl-imposti parafiskali mhijiex strument xieraq għat-titjib tal-ħarsien ambjentali. Il-Kummissjoni għadha qatt ma applikat il-kundizzjonijiet tal-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali għal tipi oħra ta' drittijiet ta' ħlas u imposti parafiskali.

(164) Il-Kummissjoni tosserva li l-volum ta' taxxa ambjentali, anki kieku tkun tapplika biss ir-rata mnaqqsa, huwa direttament proporzjonat mal-livell ta' tniġġis li tikkawża l-impriża inkwistjoni. Fil-każ preżenti, madankollu, qiegħed jiġi ffissat limitu massimu sa ċertu livell fuq il-kontribuzzjoni. Kull konsum li jaqbeż dan il-livell ma jibqax jiġi ntaxxat. Dan il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni jċaħħad l-imposta parafiskali minn kull inċentiv għal atteġġjament favur l-effiċjenza tar-riżorsi.

### Neċessità, effett tal-inċentiv u proporzjonalità

(165) Li kieku kien aċċettat li l-għajnuna tal-operat fl-għamla ta' tnaqqis fl-imposti parafiskali kienet strument ta' politika xieraq, l-għajnuna tal-operat involuta kien ikollha tiġi eżaminata għan-neċessità u l-proporzjonalità bl-istess mod tat-tnaqqis fit-taxxi ambjentali mhux armonizzati skont il-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali [86], għaliex l-istima tat-taxxi ambjentali mhux armonizzati skont il-Kapitolu 4 tirrifletti l-prinċipji ġenerali tal-analiżi ekonomika ddettaljata skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

(166) Skont dawk id-dispożizzjonijiet, l-Istat Membru għandu jipprovdi informazzjoni dwar is-setturi rispettivi jew kategoriji ta' benefiċjarji koperti bl-eżenzjonijiet jew tnaqqis, dwar is-sitwazzjoni tal-benefiċjarji ewlenin f'kull wieħed mis-setturi konċernati u dwar kif it-tassazzjoni tista' tikkontribwixxi għall-ħarsien ambjentali. Is-setturi eżentati għandhom jiġu deskritti adegwatament u għandha tiġi pprovduta lista tal-akbar benefiċjarji għal kull wieħed mis-setturi (fejn jiġu kkunsidrati notevolment il-fatturat, l-ishma mis-suq u l-iskala tal-bażi tat-taxxa) [87]. Abbażi ta' din l-informazzjoni l-Kummissjoni trid tivvaluta jekk it-tnaqqis ta' taxxi ambjentali, jew eżenzjonijiet minnhom, humiex neċessarji u proporzjonali. Rigward in-neċessità, l-għażla tal-benefiċjarji għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, u t-taxxa ambjentali mingħajr tnaqqis għandha twassal għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni li ma jistgħux jiġu mgħoddija fuq il-konsumaturi bla ma jwasslu għal tnaqqis sinifikanti fil-bejgħ [88]. Rigward il-proporzjonalità, l-Istat Membru għandu juri li kull wieħed mill-benefiċjarji individwali jkun qiegħed iħallas proporzjon tal-livell tat-taxxa nazzjonali li b'mod ġenerali hija ekwivalenti għall-prestazzjoni ambjentali tiegħu, jew tal-anqas 20 % tat-taxxa nazzjonali, jekk rata iktar baxxa ma tistax tiġi ġġustifikata, jew li t-tnaqqis jew eżenzjonijiet jiddependu fuq l-iffinalizzar ta' kull ftehim b'għanijiet ambjentali fil-mira li jridu jintlaħqu [89].

(167) Madankollu, l-Awstrija ma pprovdietx din l-informazzjoni, għad illi l-Kummissjoni talbitha ripetutament biex tagħmel dan [90]. Konsegwentement il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta jekk l-għajnuna hijiex neċessarja jew proporzjonali jew kif tista' tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ambjent.

(168) Fl-aħħar nett, l-Awstrija naqset ukoll milli turi li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni se jkollu xi effett tal-inċentiv.

### Tagħwiġ fil-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ

(169) Skont il-każistika, l-għajnuna tal-operat thedded li jinħoloq tagħwiġ fil-kompetizzjoni u li taffettwa l-kummerċ [91]. Fil-każ preżenti, l-effett ta' tagħwiġ huwa aggravat mill-fatt li dawk l-impriżi eliġibbli għall-mekkaniżmu ta' eżenzjoni diġà jirċievu għajnuna tal-operat fl-għamla ta' rata tat-tassazzjoni tal-enerġija mnaqqsa. Jekk tingħatalhom it-tieni għamla ta' għajnuna tal-operat, li saħansitra mhijiex limitata biż-żmien, din twassal għal tagħwiġ fil-kompetizzjoni u sa tali punt li jmur kontra l-interess komuni.

[86] Kif diġà ġie spjegat, il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tariffa ta' alimentazzjoni evidentement mhijiex taxxa ambjentali armonizzata.

[87] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 73.

[88] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 74.

[89] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 75.

[90] L-Awstrija ma weġbitx għall-mistoqsijiet dwar dan il-punt li l-Kummissjoni staqsiet dwaru fil-21 ta' Ġunju 2010 u fid-19 ta' Lulju 2010.

[91] Il-Każ T-459/93 *Siemens SA* vs *Il-Kummissjoni* [1995] ECR II-1675, paragrafu 48.

Konklużjoni

(170) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni ma jistax jiġi ddikjarat bħala kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

### 5.4. **Konklużjoni**

(171) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stipulati hawn fuq il-Kummissjoni vvalutat l-iskema ta' għajnuna lill-produtturi ta' elettriku ekoloġiku u l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni għan-negozji konċentrati fl-enerġija. Fid-deċiżjoni inizjali tagħha tat-22 ta' Lulju 2009 l-Kummissjoni sabet li l-iskema ta' appoġġ lill-produtturi ta' elettriku ekoloġiku kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, imma kienet kompatibbli mas-suq intern. Id-deċiżjoni tat bidu għal investigazzjoni formali dwar il-mekkaniżmu ta' eżenzjoni; il-Kummissjoni issa qiegħda tikkonstata li dik il-miżura wkoll tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fl-ambitu tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-mekkaniżmu ta' eżenzjoni huwa purament għajnuna tal-operat, u mhuwiex eliġibbli għal xi waħda mill-eżenzjonijiet mill-projbizzjoni ġenerali tal-għajnuna mill-Istat li t-TFUE jippermetti.

Wara li ġew ikkunsidrati l-fatti kollha mressqa għall-attenzjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mill-Istat li l-Awstrija biħsiebha taghti lin-negozji konċentrati fl-enerġija għandha tkun ikkunsidrata bħala inkompatibbli mas-suq intern,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat fl-għamla ta' eżenzjoni parzjali mill-obbligu tax-xiri ta' elettriku ekoloġiku li l-Awstrija biħsiebha taghti lin-negozji konċentrati fl-enerġija hija inkompatibbli mas-suq intern.

Ghalhekk, l-għajnuna ma tistax tiġi implimentata.

*Artikolu 2*

L-Awstrija għandha tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn min-notifikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, bil-miżuri li tkun ħadet biex tikkonforma magħha.

*Artikolu 3*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija.

Magħmula fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Viċi-President*

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT